IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2026
COM(2026) 681 final

2026/0286 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

EU KIDS ACT — "L-UE żżomm l-Ispazji Diġitali tal-Internet Responsabbli u Affidabbli"

{SWD(2026) 681 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Huma biss nofs it-tfal ta' bejn 9 u 16-il sena fl-Ewropa li jgħidu li jħossuhom sikuri online. Ir-riskji li jiffaċċjaw il-minorenni online huma reali u urġenti, u għandhom impatt fuq is-saħħa, l-iżvilupp u l-benesseri tagħhom, bħal pereżempju tnaqqis fl-attività fiżika, riskju akbar ta' mijopija u tnaqqis fl-irqad, sintomi depressivi u ta' anzjetà, tnaqqis fl-istima personali, impatt negattiv fuq it-tagħlim u l-iżvilupp konjittiv, disturbi alimentari, tnaqqis fl-empatija, solitudni u mġiba ta' dipendenza. Il-minorenni online jiffaċċjaw ukoll riskji ta' bullying ċibernetiku, abbuż sesswali tat-tfal u grooming.

Il-protezzjoni tal-minorenni online hija prijorità politika tal-Kummissjoni. Fid-diskors tagħha tal-2025 dwar l-Istat tal-Unjoni, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen ħabbret li se tikkummissjona bord ta' esperti biex jagħtiha pariri dwar l-aħjar approċċ għall-Ewropa dwar is-sikurezza tat-tfal online. Wara proċess fl-ewwel nofs tal-2026 li involva firxa wiesgħa ta' esperti minn oqsma differenti, kif ukoll rappreżentanti mill-industrija, il-ġenituri u ż-żgħażagħ, il-kopresidenti tal-Bord speċjali ppreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom lill-President f'Lulju 2026. Ir-rakkomandazzjonijiet jistabbilixxu perkors ċar għat-tisħiħ tas-sikurezza tal-minorenni online u għall-iżgurar tal-funzjonament tas-Suq Uniku. B'mod partikolari, huma jirrakkomandaw restrizzjoni tal-aċċess fl-UE kollha, regoli armonizzati dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment kif ukoll sistemi ta' aċċertament tal-età proporzjonati u li jiżguraw il-privatezza. Fl-aħħar nett, huma jirrakkomandaw li s-servizzi diġitali jiġu koperti lil hinn mill-pjattaformi tal-media soċjali, inklużi l-ħwienet tal-applikazzjonijiet, l-IA ħbieb u xi logħob vidjo u pjattaformi ta' video-sharing li joffru karatteristiċi riskjużi.

F'Ottubru 2025, id-Dikjarazzjoni ta' Jutland iffirmata minn 25 Stat Membru appellat għal verifika tal-età u għal ambjent online aktar sikur għall-minorenni. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2026 u ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew saħaq ukoll fuq l-importanza tal-protezzjoni tal-minorenni online, inkluż permezz ta' età maġġuri diġitali. Fir-rapport tiegħu ta' Novembru 2025 dwar il-protezzjoni tal-minorenni online, il-Parlament Ewropew talab għal limitu ta' età diġitali Ewropew armonizzat ta' 16-il sena għall-aċċess għall-media soċjali, għall-pjattaformi ta' video-sharing u għall-IA ħbieb sakemm il-ġenituri jew il-kustodji ma jkunux awtorizzaw lill-uliedhom mod ieħor. Talab ukoll għal limitu ta' età diġitali Ewropew armonizzat ta' 13-il sena, li taħtu l-ebda minorenni ma jista' jaċċessa pjattaformi tal-media soċjali. Il-Parlament Ewropew irrikonoxxa wkoll il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni addizzjonali dwar id-disinn adattat għall-età u s-sikurezza sa mill-konċepiment. Appella wkoll għal approċċ Ewropew rigward l-aċċertament tal-età li jiżgura ċ-ċertezza legali.

Fl-Unjoni Ewropea kollha, l-Istati Membri qed jiddiskutu jew jipproponu leġiżlazzjoni nazzjonali biex itejbu s-sikurezza tal-minorenni online. Fl-2025 u fl-2026, l-Italja, Franza, in-Norveġja, il-Greċja, l-Awstrija, il-Polonja u l-Belġju nnotifikaw l-abbozz ta' leġiżlazzjoni tagħhom li jillimita l-aċċess għal ċerti servizzi diġitali għal minorenni taħt ċerta età. In-Norveġja nnotifikat ukoll il-leġiżlazzjoni tagħha f'Mejju 2026. Fi kważi l-Istati Membri l-oħra kollha, hemm konsultazzjonijiet għaddejjin, bl-abbozzi diskussi fil-parlamenti nazzjonali jew imħabbra mill-gvernijiet. L-abbozzi ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali proposti jvarjaw f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni, limiti tal-età u tipi ta' restrizzjonijiet imposti, bir-riskju li jifframmentaw is-suq uniku, inaqqsu ċ-ċertezza legali u jżidu l-kostijiet tal-konformità filwaqt li jipprovdu livell mhux uniformi ta' protezzjoni għall-minorenni fl-Unjoni Ewropea kollha.

L-ambjent online attwali mhuwiex maħsub għall-minorenni. Għalkemm diġà teżisti leġiżlazzjoni biex jinħoloq ambjent online aktar sikur, l-ebda leġiżlazzjoni ma tieħu lit-tfal u s-sikurezza u l-awtonomizzazzjoni tagħhom bħala l-punt tat-tluq. Filwaqt li tibni fuq il-prinċipji ewlenin stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2065 u fir-Regolament (UE) 2024/1689, din il-proposta tfittex li tipproteġi lill-minorenni minn servizzi diġitali u sistemi tal-IA riskjużi, tħares is-suq uniku diġitali u żżomm qafas regolatorju koerenti u struttura ta' infurzar għall-protezzjoni tal-minorenni online.

Il-proposta tirrikonoxxi r-riskji li jiffaċċjaw il-minorenni fuq ċerti servizzi ta' networking soċjali online u pjattaformi ta' video-sharing u għalhekk tillimita l-ħolqien awtonomu ta' kontijiet fuq dawk il-pjattaformi u s-sistemi speċifiċi minn tfal taħt l-età ta' 15-il sena. Billi tipprovdi età waħda fl-Unjoni Ewropea kollha, tarmonizza r-regoli nazzjonali diverġenti u tneħħi l-ostakli għall-implimentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali, filwaqt li tiżgura ċ-ċertezza legali u livell simili ta' protezzjoni għat-tfal kollha fl-Unjoni Ewropea. Dan huwa kkombinat ma' regoli li jirrikonoxxu r-rwol tal-ġenituri u tal-kustodji legali fl-appoġġ tal-iżvilupp sikur tal-minorenni online, billi jinħolqu kontijiet b'funzjonalitajiet limitati għall-minorenni minn 13-il sena 'l quddiem kif ukoll regoli biex jinħoloq ambjent ta' servizzi u sistemi sikuri għal tfal żgħar ħafna b'superviżjoni stretta mill-ġenituri u li jqis l-iżvilupp tagħhom. F'konformità mal-approċċ ta' żvilupp irrakkomandat mill-kopresidenti tal-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online, il-minorenni taħt l-età ta' 13-il sena ma għandux ikollhom aċċess għal servizzi ta' networking soċjali online dannużi u għal servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing.

Il-proposta tistabbilixxi rekwiżiti ċari ta' sikurezza sa mill-konċepiment għal servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, logħob online, IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software. Filwaqt li tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-kopresidenti tal-Bord Speċjali, din tarmonizza u testendi dawk ir-rekwiżiti kif ukoll tiżgura ċ-ċertezza legali fis-Suq Uniku Diġitali kollu u livell għoli ta' protezzjoni għall-minorenni fl-ambjent diġitali kollu, filwaqt li tqis li l-mudelli tan-negozju qed jinbidlu b'mod kostanti f'dan il-qasam dinamiku u jridu jiġu evitati l-lakuni.

Biex tirfed l-aċċess diferit u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment, il-proposta tistabbilixxi qafas ċar għall-aċċertament tal-età bi kriterji u salvagwardji ċari għall-użu u l-introduzzjoni ta' tali sistemi. Billi tistabbilixxi rekwiżiti għall-użu ta' metodi ta' aċċertament tal-età, il-proposta tiżgura li l-użu ta' dawk il-metodi jkun proporzjonat, effettiv, affidabbli u li jippreserva l-privatezza. Tipprevedi wkoll kriterji komuni għall-aċċertament tal-età li jiżguraw il-funzjonament tas-Suq Uniku.

Infurzar rapidu, effettiv u robust huwa kritiku għall-protezzjoni tal-minorenni online u għall-funzjonament tas-Suq Uniku. Għalhekk, il-proposta tistabbilixxi qafas ta' infurzar li jiddependi fuq strutturi ta' infurzar eżistenti filwaqt li tipprevedi proċedura ta' infurzar imħaffa.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta tibni fuq il-qafas leġiżlattiv eżistenti għall-protezzjoni tal-minorenni online li jiżgura l-funzjonament tas-Suq Uniku. Billi tibni fuq ir-Regolament (UE) 2022/2065 u r-Regolament (UE) 2024/1689, din tipprovdi kontinwità u koerenza mal-qafas regolatorju tal-UE għas-servizzi diġitali u s-sistemi tal-IA filwaqt li tiżviluppa rekwiżiti speċifiċi għall-protezzjoni tal-minorenni online u tqis bħala punt tat-tluq, il-kapaċitajiet, is-sikurezza u l-awtonomizzazzjoni tagħhom li qed jevolvu.

Dan ir-Regolament propost huwa mingħajr preġudizzju għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), u jibni fuq id-dispożizzjonijiet stabbiliti fih, b'mod partikolari fuq l-Artikolu 28 dwar l-obbligu għal ċerti fornituri ta' pjattaformi online li jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni. L-istrument propost, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu relatati mas-sikurezza sa mill-konċepiment, stabbilixxa f'"liġi vinkolanti" dawk l-ispeċifikazzjonijiet li l-Kummissjoni diġà inkludiet fil-Linji Gwida dwar il-protezzjoni tal-minorenni skont ir-Regolament (UE) 2022/2065. B'dan il-mod, jiġu speċifikati l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2022/2065 meta dawn jikkonċernaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment u tal-aċċertament tal-età. Għalhekk, il-każijiet li għaddejjin relatati ma' dawn l-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2022/2065, b'mod partikolari l-Artikolu 28, jibqgħu mhux affettwati. Ir-Regolament propost huwa wkoll mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2024/1689 u jibni fuq il-qafas tiegħu, b'mod partikolari fuq ir-regoli komprensivi tiegħu bbażati fuq ir-riskju. Ir-Regolament propost huwa komplementari u ma jaffettwax il-projbizzjonijiet u obbligi u rekwiżiti oħra għas-sistemi tal-IA u għall-mudelli tal-IA bi skop ġenerali diġà stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689.

L-istrateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+) tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan il-qafas leġiżlattiv, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2022/2065. Taħt il-BIK+, in-network kofinanzjat mill-UE ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur joffri sessjonijiet ta' taħriġ, helplines u hotlines u jmexxi attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Iċ-Ċentri jikkonsultaw regolarment lit-tfal u liż-żgħażagħ dwar il-ħtiġijiet u l-fehmiet tagħhom rigward is-sikurezza online. Fi Frar 2026, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku biex jipprevjeni l-bullying ċibernetiku, iżid is-sensibilizzazzjoni, jagħmilha aktar faċli biex wieħed jirrapporta u jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu appoġġ adegwat. Il-proposta hija konsistenti ma' dawk l-azzjonijiet mhux leġiżlattivi, u tibni fuqhom biex tagħti lit-tfal fl-Ewropa l-aħjar appoġġ meta jużaw l-ambjent online.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament propost jintroduċi qafas orizzontali għall-protezzjoni tal-minorenni online. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti minn atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw aspetti oħra tal-forniment ta' servizzi intermedjarji fis-suq intern, b'mod partikolari, ir-regoli dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sikurezza tal-prodotti u l-protezzjoni ta' data personali.

Il-proposta se tiġi kkomplementata minn azzjonijiet ulterjuri li jkunu allinjati bis-sħiħ ma' dan ir-Regolament, inklużi l-evalwazzjoni li għaddejja u r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, li se jiffoka wkoll fuq il-protezzjoni tal-minorenni bħala spettaturi u se jiżgura li jkunu protetti biżżejjed meta jaraw kontenut awdjoviżiv. Meta jitqiesu theddid u riskji ġodda, se teżamina jekk hijiex meħtieġa speċifikazzjoni ulterjuri tal-kunċett ta' kontenut awdjoviżiv ta' ħsara, u liema miżuri huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-minorenni ma jiltaqgħux ma' dan il-kontenut.

Barra minn hekk, l-Att dwar l-Ekwità Diġitali ("DFA") li jmiss għandu l-għan li jsaħħaħ u jagħmel il-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur adatta għall-iskop tagħha, anke fl-ambjent diġitali, f'allinjament sħiħ mal-obbligi f'dan ir-Regolament. Il-liġi tal-konsumatur għandha rwol importanti biex tiżgura li l-konsumaturi, inklużi t-tfal fir-rwol tagħhom bħala konsumaturi, ma jiġux esposti għal prattiki inġusti jew qarrieqa. Id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali ("UCPD") b'mod partikolari tirrikonoxxi lit-tfal bħala konsumaturi vulnerabbli li jeħtieġu protezzjoni aħjar; u tipprojbixxi wkoll it-tħeġġiġ dirett lit-tfal sabiex jixtru jew jipperswadu lill-ġenituri tagħhom jew lil adulti oħrajn biex jixtrulhom dawk il-

prodotti reklamati. Barra minn hekk, bħala parti mir-reviżjoni tal-liġi eżistenti dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi (CPC) se jiġi rivedut ukoll biex isaħħaħ is-sistema eżistenti ta' koordinazzjoni tal-infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali u jagħti setgħat ta' investigazzjoni diretta u ta' infurzar lill-Kummissjoni f'każijiet speċifiċi.

Apparti dan, il-bidliet riċenti fir-Regolament (UE) 2024/1689 li jipprojbixxu sistemi tal-IA li jiġġeneraw materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, l-adozzjoni li għaddejja tar-Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, flimkien mar-Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-abbuż sesswali tat-tfal adottata riċentement, isaħħu l-qafas tal-UE kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline. Dawn se jtejbu l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-appoġġ għall-vittmi.

Il-proposta hija wkoll konsistenti bis-sħiħ u tkompli tappoġġa l-inizjattivi eżistenti jew li jmiss biex jawtonomizzaw u jappoġġaw lill-minorenni u jiżguraw il-benesseri online tagħhom, inklużi l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[8], ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal[9], il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027)[12], kif ukoll il-Pjan direzzjonali li jmiss tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali.

Is-sikurezza tat-tfal online hija sfida globali li teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali. Il-proposta hija konsistenti mal-politiki esterni tal-Unjoni, inkluża l-Istrateġija Diġitali Internazzjonali (2025) li permezz tagħha l-UE tespandi u tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha b'mod bilaterali, reġjonali u multilaterali. Il-proposta tarmonizza l-leġiżlazzjoni fl-UE kollha li se tappoġġa l-effettività tal-kooperazzjoni esterna tal-UE u l-influwenza globali fis-sikurezza tat-tfal online.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jipprevedi l-istabbiliment ta' miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tas-Suq Intern. Din il-proposta għandha l-għan li tapprossima r-regoli mal-objettiv li jiġi stabbilit il-funzjonament tas-Suq Intern u, f'konformità mal-Artikolu 114(3), li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sikurezza tat-tfal fl-Unjoni Ewropea kollha meta jitqiesu żviluppi teknoloġiċi ġodda.

L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta huwa li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet armonizzati għall-protezzjoni tal-minorenni online. Peress li l-Istati Membri qed jiddiskutu jew jadottaw miżuri ġodda biex jirrestringu l-aċċess għal ċerti pjattaformi online li jitqiesu riskjużi għat-tfal taħt età speċifikata, is-suq tal-UE jirriskja li jsir dejjem aktar frammentat. Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, b'mod partikolari, fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' networking soċjali online transfruntiera, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, ta' IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u ta' logħob online. Approċċ armonizzat bħal dan jiżgura wkoll livell daqstant għoli ta' protezzjoni għall-minorenni fl-UE.

Barra minn hekk, din il-proposta tispeċifika u tikkomplementa d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2065 fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni, u tikkomplementa r-Regolament (UE) 2024/1689 fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi għat-tfal għall-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali. Peress li kemm ir-Regolament (UE)

2022/2065 kif ukoll ir-Regolament (UE) 2024/1689 għandhom l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala bażi legali, din il-proposta ssegwi l-istess approċċ.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Filwaqt li jitqies li s-servizzi diġitali u s-sistemi tal-IA huma min-natura transfruntiera tagħhom, l-isforzi leġiżlattivi fil-livell nazzjonali msemmija hawn fuq għal aċċess diferit tal-minorenni jfixklu l-forniment ta' servizzi u sistemi diġitali transfruntiera, joħolqu inċertezza legali u ostakli għall-implimentazzjoni tas-Suq Uniku, kostijiet għoljin ta' konformità u livell mhux ugwali ta' protezzjoni għall-minorenni madwar l-Ewropa.

Il-konsegwenzi potenzjali fin-nuqqas ta' azzjoni immedjata jitolbu wkoll azzjoni urġenti. L-Istati Membri diġà qed jadottaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess. Fl-2025 u l-2026, waslu diversi notifiki fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar ir-Regolamenti Tekniċi (TRIS) (l-Italja, Franza, in-Norveġja, il-Greċja, il-Polonja, l-Awstrija, il-Belġju) dwar restrizzjonijiet fuq l-età għal ċerti tipi ta' servizzi diġitali. Fi kważi l-Istati Membri l-oħra kollha, hemm konsultazzjonijiet għaddejjin, bl-abbozzi diskussi fil-parlamenti nazzjonali jew imħabbra mill-gvernijiet. Il-liġijiet nazzjonali jvarjaw f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni, limiti tal-età u tipi ta' restrizzjonijiet imposti. Dawn jipproponu definizzjonijiet jew kriterji differenti għat-tipi ta' servizzi diġitali li l-aċċess tagħhom għandu jkun limitat, limiti ta' etajiet differenti (minn 13 sa 16-il sena), li eventwalment ikunu dipendenti fuq il-kunsens tal-ġenituri. Uħud mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li qed jiġu diskussi jinkludu obbligi addizzjonali dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment. Il-proliferazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, b'obbligi legali differenti, toħloq riskji sinifikanti ta' frammentazzjoni tas-Suq Uniku, tnaqqas iċ-ċertezza legali u żżid il-kostijiet tal-konformità għall-forniturі tas-servizzi diġitali filwaqt li tipprovdi livell mhux uniformi ta' protezzjoni għall-minorenni fl-Unjoni Ewropea kollha.

L-armonizzazzjoni tar-regoli biex jiġu protetti l-minorenni u jiġu pprovduti b'ambjent online sikur għandha ssir fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk jiġu pprovduti prevedibbiltà u ċertezza, jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità fl-Ewropa kollha u jiġi żgurat li l-minorenni kollha, irrispettivament minn fejn jgħixu, igawdu minn livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà online.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura qafas b'saħħtu u koerenti għall-protezzjoni tal-minorenni online. Dan billi tintroduċi restrizzjoni għall-aċċess fl-UE kollha għall-media soċjali+ għal dawk taħt it-13-il sena. L-approċċ jippermetti l-ħolqien ta' kontijiet tal-ġenituri għat-tfal ta' bejn it-13 u l-15-il sena. Dan jipprevedi aċċess armonizzat għal servizzi ta' networking soċjali u pjattaformi ta' video-sharing sikuri sa mill-età ta' 15-il sena, flimkien ma' obbligi ċari ta' sikurezza sa mill-konċepiment u rekwiżiti u kriterji ċari għall-użu tal-aċċertament tal-età.

Il-proposta tieħu r-rapport tal-kopresidenti tal-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal bħala l-punt tat-tluq, li jistabbilixxi b'mod ċar ir-riskji li jiffaċċjaw il-minorenni online. F'dak l-isfond, tistabbilixxi qafas li jindirizza r-riskji fuq is-servizzi msemmija fir-rapport, mingħajr ma jkollu impatt sproporzjonat fuq id-drittijiet fundamentali (ara t-taqsima hawn taħt).

Il-karatteristiċi ewlenin tal-proposta jillimitaw ir-Regolament għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi. B'mod partikolari, il-proposta tistabbilixxi obbligi fuq tipi differenti ta' servizzi u sistemi diġitali, skont in-natura tas-servizz jew tas-sistema biex jiġi żgurat li dawn ikunu mmirati u proporzjonati. Dan l-approċċ jindirizza l-problemi identifikati, filwaqt li ma jgħabbix iżżejjed lill-forniturі li mhumiex ikkonċernati minn problemi bħal dawn. L-obbligi sostantivi huma limitati għal servizzi ta' networking soċjali

online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, logħob online, u fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software. Wara approċċ koregolatorju, dawn jibnu fuq inizjattivi koregolatorji għas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u logħob online. Fir-rigward tas-sistemi tal-IA, il-proposta hija limitata għal IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali li jistgħu joħolqu riskji serji għas-saħħa, is-sikurezza u l-benesseri tal-minorenni li mhumiex koperti mir-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment li għandhom l-għan speċifiku li jindirizzaw dawk ir-riskji għall-minorenni skont ir-Regolament (UE) 2024/1689.

Fl-istess ħin, l-intrapriżi żgħar u mikro mhumiex eżentati minn dan ir-Regolament, peress li jistgħu daqstant ieħor jipprovdu ħsara lill-minorenni. Fil-fatt, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni jimmina l-objettiv ta' din il-proposta.

Qed jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni peress li x'aktarx ma joħolqux ħsara lill-minorenni, enċiklopediji online mingħajr skop ta' qligħ, repożitorji edukattivi u xjentifiċi mingħajr skop ta' qligħ, servizzi u sistemi li huma mfassla għal skopijiet purament edukattivi u operati fi stabbilimenti jew organizzazzjonijiet edukattivi, pjattaformi ta' żvilupp u kondiviżjoni ta' software b'sors miftuħ, sakemm il-pjattaforma nnifisha ma tikkostitwixxix sistema tal-IA fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2024/1689, servizzi u sistemi żviluppati u operati speċifikament għall-iskop uniku ta' riċerka u żvilupp xjentifiċi, u servizzi u sistemi mfassla, żviluppati u operati mill-awtoritajiet pubbliċi u għall-użu esklużiv ta' dawn l-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom.

Billi tistabbilixxi qafas ċar, akkumpanjat minn kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, kif ukoll minn koregolamentazzjoni, din il-proposta għandha l-għan li ttejjeb iċ-ċertezza legali, tiżgura l-funzjonament tas-Suq Uniku u żżid il-livelli ta' fiduċja.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti l-possibbiltà lil-leġiżlatur li jadotta regolamenti u direttivi.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq proposta għal Regolament biex tiżgura livell konsistenti ta' protezzjoni għall-minorenni fl-Unjoni kollha u biex tipprevjeni diverġenzi li jfixklu l-forniment liberu tas-servizzi u s-sistemi rilevanti fis-suq intern. Dan huwa meħtieġ biex jiġu pprovduti ċ-ċertezza legali u t-trasparenza kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għat-tfal u l-ġenituri.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta ssegwi direttament ir-rakkomandazzjonijiet tal-kopresidenti tal-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online. Bħala proċess indipendenti, il-Bord speċjali dwar is-sikurezza tat-tfal online eżamina kemm ir-riskji u l-opportunitajiet għat-tfal fis-servizzi diġitali kif ukoll il-qafas regolatorju eżistenti u l-lakuni tiegħu. Huwa ġabar data u għarfien espert estensivi. Dan il-proċess indipendenti laqqa' flimkien esperti fl-Unjoni Ewropea kollha minn oqsma differenti, inklużi s-saħħa, il-psikoloġija u l-psikjatrija tat-tfal, ix-xjenzi tal-kompjuter, it-teknoloġija diġitali u l-media, ix-xjenzi soċjali u d-drittijiet tat-tfal. Rappreżentanti minn gruppi taż-żgħażagħ, grupp tal-ġenituri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal ipparteċipaw ukoll fil-laqgħa. Partijiet ikkonċernati addizzjonali pprovdew

kontribut matul il-proċess bħall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), gruppi ta' riflessjoni speċjalizzati, rappreżentanti tal-industrija kif ukoll il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Iż-żgħażagħ ġew ikkonsultati wkoll bi tħejjija għal din il-proposta. Il-President tal-Grupp Konsultattiv taż-Żgħażagħ iddiskuta s-sikurezza u l-benesseri tat-tfal online fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2026, u laqqa' flimkien il-fehmiet tat-tfal mis-27 Stat Membru kollha tal-UE. Il-Grupp ilaqqa' flimkien 'il fuq minn 30 rappreżentant żagħżugħ, wieħed mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ ta' kull Stat Membru tal-UE, wieħed mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, u osservaturi minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-UE. F'Diċembru 2025, il-Forum Internet Aktar Sikur, li involva aktar minn 200 tifel u tifla, żgħażagħ u rappreżentanti mis-soċjetà ċivili, l-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali ddiskuta s-suġġett "Għaliex l-età hija importanti: Nipproteġu u nawtonomizzaw iż-żgħażagħ fl-era diġitali". L-ambaxxaturi taż-Żgħażagħ għal Internet Aħjar għat-Tfal u r-rappreżentanti taż-żgħażagħ mill-pjattaformi tal-parteċipazzjoni tat-tfal ġew inklużi wkoll b'mod attiv fil-Bord speċjali. Fost il-gruppi, ir-rappreżentanti taż-żgħażagħ enfasizzaw ir-responsabbiltà tas-servizzi diġitali li jipprovdu servizzi sikuri u adattati għall-età. Huma enfasizzaw il-ħtieġa għal rekwiżiti għas-sikurezza sa mill-konċepiment, inklużi settings prestabbiliti adattati għall-età, sistemi ta' rakkomandazzjoni u disinn tal-interfaċċa.

Dan il-proċess konsultattiv huwa kkomplementat mill-involviment usa' tal-partijiet ikkonċernati tal-Kummissjoni fil-qasam tas-sikurezza tat-tfal online. Dan jinkludi proċessi konsultattivi mwettqa fil-kuntest tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali kif ukoll tal-Istrateġija għal Internet Aħjar għat-Tfal u n-network tagħha ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur u ta' Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ għal Internet Aħjar għat-Tfal. Fil-kuntest tal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-protezzjoni tal-minorenni skont ir-Regolament (UE) 2022/2065, Sejħa għal Evidenza tal-2024, li rċeviet aktar minn 170 feedback, u konsultazzjoni pubblika tal-2025, b'aktar minn 300 input, ipprovdew informazzjoni dettaljata minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati inklużi riċerkaturi, is-soċjetà ċivili, l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi dwar prattiki tajbin u miżuri fuq pjattaformi online biex jitfassal servizz online sikur għat-tfal. Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu kellhom fehma pożittiva dwar il-miżuri introdotti mil-Linji Gwida, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma kkodifikati minn din il-proposta. Huma talbu wkoll ċarezza addizzjonali dwar in-natura legali tal-linji gwida, u dwar is-sitwazzjonijiet li fihom il-verifika tal-età u l-istima tal-età huma adattati.

Bejn Marzu u April 2026, il-Kummissjoni wettqet stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar l-impatt tal-ħin eċċessiv quddiem l-iskrin u tal-media soċjali fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ li ġabar data minn aktar minn 26 000 adolexxent ta' bejn it-13 u t-18-il sena u minn aktar minn 12 000 ġenitur fis-27 Stat Membru kollha. Ir-riżultati juru li l-ħin quddiem l-iskrin jirrappreżenta parti kbira mill-ħajja ta' kuljum tal-adolexxenti, b'riskji kbar, tant li disgħa minn kull għaxar adolexxenti ddikjaraw li f'dawn l-aħħar 3 xhur iltaqgħu ma' mill-inqas kontenut wieħed online ta' ħsara jew inkwetanti, bi tħassib ukoll dwar il-ħsara interpersonali u l-bullying ċibernetiku. 54 % tal-ġenituri u 45 % tal-adolexxenti ta' bejn it-13 u t-18-il sena jqisu l-aċċess diferit skont l-età bħala soluzzjoni effettiva u 47 % tal-ġenituri u 48 % tal-adolexxenti jitolbu implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti mis-servizzi diġitali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tirċievi sorsi ta' evidenza addizzjonali fuq bażi kontinwa mill-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali u mill-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali nazzjonali li huma responsabbli mis-superviżjoni tal-pjattaformi online iżgħar u mill-iżgurar li jipprovdu ambjent sikur għall-minorenni u li jimmonitorjaw mill-qrib dan il-qasam fil-prattika.

Twettqu wkoll proċessi konsultattivi addizzjonali taħt inizjattivi Ewropej relatati, bħall-Att dwar l-Ekwità Diġitali u d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva. Il-konsultazzjoni u s-sejħa għal evidenza dwar l-Att dwar l-Ekwità Diġitali nfetħu fis-17 ta' Lulju 2025 għal 12-il ġimgħa. Ċittadini, awtoritajiet pubbliċi u partijiet ikkonċernati oħra taw feedback estensiv, biex b'hekk inġabret evidenza rilevanti dwar id-disinn li joħloq dipendenza tal-prodotti diġitali u d-disinn qarrieqi jew manipulattiv tal-interfaċċa, inkluż l-impatt ta' dawn il-prattiki fuq il-minorenni. Pereżempju, 5 000 tifel u tifla mill-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal ġew ikkonsultati dwar l-ekwità diġitali, skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal. Barra minn hekk, fl-10 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika għall-valutazzjoni tal-Impatt tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva, li ġabret feedback minn firxa ugwalment wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inkluż dwar l-aħjar modi biex jissaħħu l-protezzjonijiet għall-minorenni online. Iż-żewġ proċessi konsultattivi pprovdew evidenza rilevanti għall-iskop ta' din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-aktar elementi importanti ta' din il-proposta jibnu fuq ġabra rikka ta' evidenza minn sorsi differenti ħafna, inklużi Valutazzjonijiet tal-Impatt li jinfurmaw inizjattivi leġiżlattivi oħra, jew diġà adottati jew futuri.

Għalhekk, ir-Regolament propost u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("SWD") li jakkumpanjah dwar l-impatti tal-proposta huma mirfuda minn bażi ta' evidenza soda.

L-ewwel nett, il-Bord speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online laqqa' flimkien aktar minn 60 espert minn oqsma differenti, inklużi s-saħħa, il-psikoloġija u l-psikjatrija tat-tfal, ix-xjenza tal-kompjuters u x-xjenza soċjali, kif ukoll rappreżentanti minn gruppi taż-żgħażagħ, gruppi tal-ġenituri u organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal, u l-kopresidenti ltaqgħu wkoll mal-OHCHR, ma' gruppi ta' riflessjoni speċjalizzati, mal-industrija u mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

It-tieni, l-analiżi ddedikata tal-impatti ppreżentata fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tibni fuq il-valutazzjonijiet tal-impatti eżistenti, inkluż għad-DSA, l-Att dwar is-Swieq Diġitali ("DMA"), l-Att dwar l-IA, il-proposta għal Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u d-Direttiva riformulata dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll l-Att dwar l-Ekwità Diġitali li jmiss u d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva ("AVMSD").

It-tielet, l-evidenza u d-data jinġabru permezz tal-implimentazzjoni u l-infurzar tad-DSA, b'mod partikolari 10 sejbiet preliminari relatati mal-protezzjoni tal-minorenni inkluż dwar id-disinn li joħloq dipendenza, il-kontijiet sikuri u l-aċċertament tal-età, kif ukoll studji, rapporti ta' valutazzjoni tar-riskju u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari matul l-iżvilupp tal-linji gwida dwar il-protezzjoni tal-minorenni li kienu jinvolvu sejħa għal evidenza, konsultazzjoni pubblika, interazzjoni mat-tfal u ż-żgħażagħ u laqgħat mal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali. F'dan il-kuntest, l-involviment mal-awtoritajiet nazzjonali fil-qafas superviżorju u ta' infurzar tad-DSA għadu għaddej. Dan jipprovdi inputs siewja mill-investigazzjonijiet u ħafna Stati Membri, bħall-Iżvezja u l-Ġermanja, wettqu inkjesti u konsultazzjonijiet dwar l-abbozzi ta' liġijiet nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tal-minorenni.

Ir-raba', bl-involviment u l-kooperazzjoni internazzjonali jinġabru wkoll sorsi ta' evidenza mill-awtoritajiet pubbliċi u mir-regolaturi. Il-Kummissjoni qed tikkoopera mill-qrib ma'

regolaturi oħra fosthom mill-Awstralja u mir-Renju Unit li wettqu studji u valutazzjonijiet tal-impatt, kif ukoll mill-Brażil u mill-Ġappun.

Il-ħames, studji addizzjonali jinkludu korp vast ta' riċerka akkademika, Ewrobarometru dwar l-impatt tal-ħin eċċessiv quddiem l-iskrin u tal-media soċjali fuq is-saħħa mentali taż-żgħażagħ li sar fl-2026 u studju akkwistat mill-Kummissjoni dwar l-impatti tal-aċċertament tal-età fuq id-drittijiet fundamentali u l-kostijiet ekonomiċi tagħha.

Il-Kummissjoni ħejjiet Dokument ta' Ħidma tal-Persunal analitiku ta' akkumpanjament, li jinkludi (i) definizzjoni tal-problema, (ii) l-ispjegazzjoni tal-approċċ segwit, u (iii) valutazzjoni tal-impatti. Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal jibni fuq ir-rapport tal-kopresidenti tal-Bord speċjali, kif ukoll fuq l-evidenza u d-data miġbura fil-kuntest tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, u t-tħejjija tal-valutazzjonijiet tal-impatt, b'mod partikolari l-Att dwar l-Ekwità Diġitali u r-rieżami tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

Id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal jiddeskrivi l-impatti soċjali u ekonomiċi ewlenin tal-proposta. F'termini ta' impatti soċjali, is-saħħa tal-minorenni għandha tittejjeb kemm bħala impatt dirett kif ukoll indirett tal-proposta. Billi jiġi diferit l-aċċess għal ċerti servizzi speċifiċi u jiġu provduti salvagwardji għal servizzi diġitali adattati għall-età, l-ambjent online se jsir post aktar sikur għall-minorenni, li jillimita r-riskji li jiltaqgħu magħhom online u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp konjittiv tagħhom u fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom.

F'termini ta' impatti ekonomiċi, il-kostijiet marġinali introdotti minn din il-proposta huma mistennija li jibqgħu relattivament limitati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment peress li dawn kienu diġà preżenti fil-Linji Gwida dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni skont l-Artikolu 28 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Ir-rekwiżiti għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' konformità u għad-dipendenza fuq l-awditi huma fil-biċċa l-kbira diġà inklużi fil-valutazzjonijiet tar-riskju u fid-dispożizzjonijiet tal-awditjar fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dawn ir-rekwiżiti jikkonċernaw ukoll fornituri b'bażi ta' utenti kbira ħafna (45 miljun utent attiv fix-xahar) li għandhom jillimitaw l-impatt fuq l-SMEs peress li, fil-prinċipju, il-bażi tal-utenti tagħhom ma tilħaqx skala ekwivalenti għal dik ta' pjattaformi online kbar ħafna. L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' aċċertament tal-età u ta' għodod ta' kontroll mill-ġenituri se twassal għal kostijiet addizzjonali għall-fornituri tas-servizzi diġitali. Mhuwiex possibbli li jiġu ddeterminati b'mod konklużiv il-kostijiet ta' dawn l-aġġustamenti u tal-inċidenza tagħhom, speċjalment għall-għadd potenzjalment kbir ta' fornituri żgħar u mikro ta' servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing u logħob vidjo li qabel ma kinux soġġetti għall-Artikolu 28 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Madankollu, dawk il-kostijiet huma mmitigati mill-iżvilupp tas-soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età, miż-żieda mistennija fl-iżvilupp tas-suq għal soluzzjonijiet ta' disinn sikur u mill-fatt li diġà jeżistu rekwiżiti simili fid-dritt tal-UE, u dejjem aktar f'pajjiżi terzi. Ta' min iqis ukoll li ħafna fornituri ta' servizzi diġitali x'aktarx kien ikollhom jiffaċċjaw ħafna minn dawn il-kostijiet ripetutament biex jirrispettaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali, u għaldaqstant se jibbenefikaw minn regoli armonizzati fil-livell tal-UE.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb, tippromwovi u tappoġġa r-rispett tad-drittijiet tat-tfal online, kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). L-objettiv tal-aċċess diferit huwa li jiġu żgurati d-drittijiet komprensivi tat-tfal online, inklużi d-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni meħtieġa għall-benesseri, is-saħħa u s-sigurtà, il-privatezza, il-parteċipazzjoni u l-espressjoni tal-fehmiet tagħhom b'mod liberu, f'konformità

mal-età u mal-maturità tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tagħhom bħala kunsiderazzjoni primarja, jiġi żgurat id-dritt tagħhom għall-iżvilupp u l-awtodeterminazzjoni libera mir-riskji u l-ħsara kkawżati minn ċerti servizzi u sistemi online. Filwaqt li s-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament joħolqu riskji sinifikanti għas-saħħa u s-sigurtà tat-tfal, huma jippermettu wkoll lit-tfal jesprimu l-fehmiet tagħhom b'mod liberu u li jirċievu u jagħtu ideat, kif protetti mill-Artikolu 24(1) u mill-Artikolu 11(1) tal-Karta. Għalhekk, l-aċċess diferit huwa strettament limitat għall-ħolqien ta' kontijiet fuq sett definit ħafna ta' servizzi u sistemi diġitali li jużaw ċerti karatteristiċi tad-disinn u jagħmlu disponibbli ċerti funzjonalitajiet għall-minorenni li ġie ppruvat li huma ta' ħsara għas-saħħa u s-sikurezza tal-minorenni. Din il-miżura tiżgura li din il-limitazzjoni fuq id-dritt tat-tfal għal-libertà tal-espressjoni tibqa' proporzjonata u meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv ta' interess ġenerali kif meħtieġ mill-Karta. L-aċċess għal servizzi li huma sikuri, adattati għall-età, imfassla għat-tfal u li jippermettu l-kontroll u s-superviżjoni xierqa tal-ġenituri ma għandux ikun limitat. Barra minn hekk, huma pprovduti eċċezzjonijiet għall-aċċess diferit biex jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni, il-materjali edukattivi u s-servizzi pubbliċi.

F'konformità mal-Kumment ġenerali 25 tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, ir-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment huma stabbiliti biex jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal online. Is-settings sikuri se jipprovdu privatezza addizzjonali għat-tfal, filwaqt li l-kuntatti limitati ma' persuni barranin se jnaqqsu r-riskji ta' bullying ċibernetiku u grooming.

Il-ġenituri u l-kustodji għandhom ukoll rwol importanti fit-trobbija u l-iżvilupp tat-tfal tagħhom, kif rikonoxxut mill-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u tal-komunikazzjoni huwa ssalvagwardjat mill-Artikolu 7 tal-Karta. L-Artikolu 14(3) tal-Karta jiżgura li l-libertà li jitwaqqfu stabbilimenti edukattivi b'rispett dovut għall-prinċipji demokratiċi u d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom f'konformità mat-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku tagħhom għandha tiġi rispettata, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' din il-libertà u dan id-dritt, u fl-istess ħin jiġi żgurat ir-rispett ta' drittijiet fundamentali oħra minquxa fil-Karta, fosthom l-Artikolu 21 dwar in-nondiskriminazzjoni u l-Artikolu 24 dwar id-drittijiet tat-tfal, filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tagħhom bħala kunsiderazzjoni primarja.

B'rikonoxximent ta' dan ir-rwol importanti tal-ġenituri u tal-kustodji, il-proposta tagħti mandat għal għodod għall-kustodji u tipprovdi l-possibbiltà għall-ġenituri li jistabbilixxu kontijiet f'ambjent sikur għal minorenni ta' bejn it-13 u l-15-il sena. Dawk l-għodod iridu jiġu pprovduti f'konformità mal-kapaċitajiet li qed jevolvu tat-tfal, u b'rispett għad-drittijiet tagħhom għall-privatezza.

Bl-istess mod, dan ir-Regolament jiżgura r-rispett tad-drittijiet tat-tfal billi jsaħħaħ l-awtonomija tagħhom. Ir-Regolament jirrikjedi li l-fornituri ta' servizzi u sistemi diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni jipprovdu sistemi ta' rapportar faċli biex jiġu aċċessati u adattati għat-tfal. Iridu jiżguraw l-indirizzar prijoritarju tar-rapporti mill-minorenni u mill-kustodji. Ir-Regolament jippermetti wkoll aktar kontroll fuq is-settings tal-minorenni. Barra minn hekk, il-proposta tgħin lit-tfal fl-edukazzjoni u l-litteriżmu diġitali tagħhom u fl-appoġġ li jirċievu mill-ġenituri, l-indokraturi, l-għalliema u l-edukaturi billi tipprevedi li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali biex jappoġġaw l-objettivi tal-protezzjoni tat-tfal online.

Is-sistemi ta' aċċertament tal-età u r-rekwiżit biex tiġi vverifikata l-età tal-utenti jista' potenzjalment ikollhom implikazzjonijiet importanti għad-dritt għall-privatezza, kif ukoll għal-libertà tal-espressjoni, il-parteċipazzjoni u n-nondiskriminazzjoni tal-utenti. Il-proposta tistabbilixxi rekwiżiti ċari għall-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi ta' aċċertament tal-età kif

ukoll ta' salvagwardji u miżuri tranżizzjonali biex jiġi limitat l-impatt fuq dawn id-drittijiet fundamentali għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġu ssalvagwardjati s-saħħa u s-sikurezza tal-minorenni online. Dawn il-kriterji jinkludu livell għoli ta' akkuratezza, affidabbiltà, robustezza, sigurtà, nondiskriminazzjoni u nonintrużività. B'approċċ ibbażat fuq ir-riskju u filwaqt li tiġi żgurata l-proporzjonalità, il-verifika tal-età hija obbligatorja biss għall-implimentazzjoni tal-aċċess diferit u limitata għall-kontijiet ġodda. Għall-kontijiet eżistenti, hija meħtieġa biss, meta l-fornitur ma jkunx jista' jistabbilixxi b'livell għoli ta' fiduċja li d-detentur tal-kont ikun qabeż il-limitu tal-età previst. Billi dawk il-kriterji jiġu inkorporati fil-liġi, il-proposta tipprevedi standards legali ċari għall-użu u l-introduzzjoni ta' sistemi ta' aċċertament tal-età li jiżguraw standard għoli ta' protezzjoni tad-data għall-użu tagħhom. Dan se jippromwovi l-introduzzjoni ta' suq innovattiv ta' soluzzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-età fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Huwa importanti li l-Kummissjoni jkollha biżżejjed persunal biex twettaq l-attivitajiet skont dan ir-Regolament. Dan huwa speċjalment importanti minħabba li, fl-eżerċitar tal-kompiti tagħha, il-Kummissjoni se jkollha tissupervizza whud mill-aktar kumpaniji finanzjarjament b'saħħithom u teknoloġikament sofistikati fid-dinja. Is-superviżjoni ta' dawn il-kumpaniji se tirrikjedi persunal bi profili speċjalizzati u b'livell għoli ta' ħiliet. Il-Kummissjoni tiffaċċja riskju politiku għoli jekk l-infurzar ma jkollux biżżejjed riżorsi. L-appelli għal azzjoni rapida biex jiġu protetti t-tfal Ewropej online qed jiżdiedu, u l-iżgurar li l-ġenerazzjoni li jmiss tiġi protetta effettivament jirrikjedi persunal adegwat, anke biex jitwettaq l-infurzar rapidu li se jkun meħtieġ minn dan ir-Regolament.

Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni se tiddependi fuq it-tariffa superviżorja kif stabbilita fl-Artikolu 43 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Peress li din il-proposta hija speċifikazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-riżorsi tagħha għandhom ikunu bbażati bl-istess mod fuq l-istess tariffa superviżorja. Aktar dettalji dwar l-implikazzjonijiet baġitarji huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva (LFDS).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta se tiġi evalwata rigorożament, partikolarment f'termini tal-effettività tal-aċċess diferit, il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-aċċess diferit u l-proporzjonalità tiegħu u r-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment. Din l-evalwazzjoni għandha tqis l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-proposta kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali.

Dan se jikkomplimenta l-monitoraġġ kontinwu skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali, inklużi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikoli 1 u 2) u d-definizzjonijiet tat-termini ewlenin użati fir-Regolament (l-Artikolu 3). Din it-taqsima tistabbilixxi wkoll regoli kontra ċ-ċirkomvenzjoni għall-forniturifil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament (l-Artikolu 4) u obbligi fuq il-forniturii identifikati biex jinnotifikaw u jgħaddu minn awditu indipendenti ta' pjan ta' konformità (l-Artikolu 5).

Il-**Kapitolu II** fih dispożizzjonijiet dwar l-aċċess diferit tal-minorenni għall-media soċjali, li jistabbilixxu li l-forniturі ta' servizzi li jkollhom karatteristiċi speċifiċi u li jikkostitwixxu servizzi ta' networking soċjali jew servizzi ta' pjattaformi ta' video-sharing, jew it-tnejn, ma għandhomx jippermettu lill-minorenni taħt l-età ta' 15-il sena joħolqu kont awtonomu. Barra minn hekk, il-forniturі ta' dawk is-servizzi jistgħu jippermettu lill-kustodji jistabbilixxu kontijiet għal minorenni ta' aktar minn 13-il sena b'karatteristiċi limitati adattat għall-età biex jaċċessaw is-servizz (l-Artikolu 6). Meta l-forniturі ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jkunu jistgħu juru li huma servizz adattat għall-età, huma jistgħu jippermettu lill-kustodji biex eċċezzjonalment jagħtu aċċess ukoll lil minorenni taħt it-13-il sena permezz ta' kontijiet li jinħolqu u jiġu supervizzati mill-kustodji tagħhom (l-Artikolu 7).

Il-Kapitolu III jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment applikabbli għall-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' IA ħbieb, ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u ta' logħob online.

It-Taqsima 1 tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' IA ħbieb, ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, ta' logħob online, u ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software. Din it-taqsima tispeċifika li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu japplikaw ukoll għal riċevituri tas-servizz jew utenti tas-sistema mhux irreġistrati, u li huwa possibbli biss li ssir deroga minn dawk ir-rekwiżiti meta jkun ġie stabbilit li r-riċevitur tas-servizz jew l-utent tas-sistema jkun adult, bl-użu tal-aċċertament tal-età f'konformità mal-Kapitolu V (l-Artikolu 8).

It-Taqsima 2 tistabbilixxi dispożizzjonijiet applikabbli għas-servizzi ta' networking soċjali online u għas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing. B'mod partikolari, dawk is-servizzi huma pprojbiti milli jfasslu, jorganizzaw jew joperaw is-servizzi tagħhom b'mod li huwa maħsub, jew li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli, li jħeġġeġ l-użu kompulsiv jew eċċessiv tas-servizz mill-minorenni u għandhom jistabbilixxu għodod effettivi għall-ġestjoni tal-ħin li jipproteġu s-sigħat ewlenin tal-irqad u l-ħin tal-iskola tal-minorenni (l-Artikolu 9). Dawk il-forniturі li jużaw sistemi ta' rakkomandazzjoni huma obbligati jfasslu l-informazzjoni ssuġġerita u l-ottimizzazzjoni tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom għall-minorenni b'mod li jiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni (l-Artikolu 10). Barra minn hekk, dawk il-forniturі għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa u proporzjonati biex jiżguraw li s-settings jiġu prestabbiliti għal livell għoli ta' privatezza, sigurtà u sikurezza tal-minorenni li ma jistax jinbidel sakemm il-minorenni ma jkunux taw il-kunsens espliċitu tagħhom għal dawn il-bidliet. Dawk il-forniturі għandhom jiżguraw li l-karatteristiċi jew is-settings li jkollhom kwalunkwe effett negattiv reali jew prevedibbli fuq il-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni ma jkunux disponibbli għall-minorenni (l-Artikolu 11). Dawk is-servizzi ta' networking soċjali online u s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing huma obbligati wkoll jistabbilixxu miżuri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fir-rigward tal-kuntatti bejn il-minorenni u riċevituri oħra tas-servizz (l-Artikolu 12). Fl-aħħar nett, l-istess forniturі għandhom jiżguraw li, qabel ma ssir tranżazzjoni ekonomika, ikun ċar għall-minorenni li din tkun tranżazzjoni ekonomika, u li l-litteriżmu kummerċjali tagħhom li għadu qed jiżviluppa ma jiġix sfruttat mill-għażliet tad-disinn, tal-organizzazzjoni jew tal-operat li jistgħu jwasslu għal infiq eċċessiv, impulsiv jew mhux mixtieq, li jinkludi li l-minorenni ma jiġux esposti għal sistemi ta' premji varjabbli (l-Artikolu 13).

It-Taqsima 3 tistabbilixxi dispożizzjonijiet applikabbli għall-IA ħbieb u għaċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali. B'mod partikolari, din it-taqsima tobbliga lill-fornituri jimplimentaw dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment relatati mad-disinn li joħloq dipendenza, is-settings sikuri u t-trasparenza tat-tranżazzjonijiet kummerċjali stabbiliti mill-Artikoli 9, 11 u 13 tat-Taqsima 2, kif ukoll regoli speċifiċi mfassla għal dawn is-sistemi (l-Artikolu 14). Dawn ir-regoli jirrikjedu li l-fornituri ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali jistabbilixxu protezzjonijiet b'saħħithom għas-sikurezza tat-tfal, inkluż billi jfasslu s-sistemi sabiex il-minorenni ma jkunux esposti għal karatteristiċi li x'aktarx joħolqu dipendenzi emozzjonali, jipprevjenu interazzjonijiet ta' ħsara, u jwettqu ttestjar u monitoraġġ ta' wara l-introduzzjoni fis-suq biex jidentifikaw u jimmitigaw il-ħsara għas-sikurezza, is-saħħa, id-drittijiet fundamentali u l-benesseri u l-iżvilupp tal-minorenni. Meta tali sistemi jiġu introdotti bħala funzjonalità ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħba online, il-fornituri ta' dawk is-servizzi għandhom jiżguraw li l-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali ma jiġux attivati awtomatikament, li l-minorenni jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu li ma jużawhomx, jekk ikunu attivati, u li ma jkunux imħeġġa jużawhom.

It-Taqsima 4 tistabbilixxi dispożizzjonijiet applikabbli għal-logħob online. B'mod partikolari, din it-taqsima tobbliga lill-fornituri jimplimentaw dispożizzjonijiet dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment relatati mad-disinn li joħloq dipendenza u s-settings sikuri stabbiliti mill-Artikoli 9, 11 u 12 tat-Taqsima 2, kif ukoll regoli speċifiċi mfassla għal-logħob online (l-Artikolu 15). Dawn ir-regoli jinkludu li l-logħob online għandu jimplimenta salvagwardji biex jipprevjeni li l-logħob online jintuża biex iħajjar lill-minorenni jibdew kuntatti fuq servizzi oħra li jistgħu joħolqu riskju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Meta l-fornituri ta' pjattaformi tal-logħob vidjo jippermettu lir-riċevituri joħolqu logħob vidjo, il-fornitur għandu jistabbilixxi s-software u l-organizzazzjoni meħtieġa sabiex dawk il-logħob vidjo jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 15(1) u (2) u fl-Artikoli 18 u 20.

It-Taqsima 5 tistabbilixxi dispożizzjonijiet għal aċċess adattat għall-età applikabbli għall-fornituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software. Din it-taqsima tobbliga lil dawk il-fornituri jistabbilixxu sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età biex tiġi stabbilita l-adegwatezza għall-età tal-applikazzjonijiet tas-software u tiġi vvalutata l-età tar-riċevitur tas-servizz permezz tal-aċċertament tal-età. Meta applikazzjoni tas-software ma titqiesx adattata għall-età, il-fornitur tal-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software ma għandux jippermetti lill-minorenni jaċċessaw dawk l-applikazzjonijiet tas-software li ma jkunux adattati għall-età (l-Artikolu 16). Fl-aħħar nett, din it-taqsima tħeġġeġ it-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta biex jikkontribwixxu għall-istabbiliment u l-applikazzjoni armonizzati ta' sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-età (l-Artikolu 17).

It-Taqsima 6 tistabbilixxi obbligi ġenerali addizzjonali dwar il-kapaċità li l-minorenni jieħdu azzjoni u l-għodod ta' awtonomizzazzjoni għall-minorenni u l-kustodji applikabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali, ta' servizzi ta' pjattaformi ta' video-sharing, ta' IA ħbieb, ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u ta' pjattaformi tal-logħob vidjo u logħob. Din it-taqsima tispeċifika li dawk il-fornituri huma obbligati jiżguraw li l-karatteristiċi, il-komunikazzjoni, l-informazzjoni, l-għodod għall-kontroll tal-utent u l-mekkaniżmi tas-servizz, it-twissijiet, u kwalunkwe informazzjoni oħra msemmija fil-Kapitolu III jkunu faċilment aċċessibbli għall-minorenni kollha u ppreżentati b'mod li l-minorenni jkunu jistgħu jifhmu. Il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 huma obbligati jippreżentaw din l-informazzjoni bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istat(i) Membru/i li fih(om) jiġi pprovdut is-servizz. Barra minn hekk, il-fornituri

ta’ servizzi ta’ networking soċjali, ta’ servizzi ta’ pjattaformi ta’ video-sharing, ta’ IA ħbieb, ta’ chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali**,** u ta’ pjattaformi tal-logħob vidjo huma obbligati jipprovdu għodod li jippermettu lill-minorenni jikkontrollaw il-kontenut, is-settings tagħhom u jipprovdu feedback li għandu jkollu effett dejjiemi fuq il-kontenut rakkomandat (l-Artikolu 18). Din it-taqsima tispeċifika wkoll li dawk il-forniturі huma obbligati jistabbilixxu mekkaniżmi adatti għat-tfal u għodod ta’ appoġġ għall-minorenni (l-Artikolu 19) kif ukoll għodod effettivi u faċli biex jintużaw għall-kustodji. Apparti dan, din it-taqsima tobbliga lil dawk il-forniturі ta’ servizzi ta’ networking soċjali, ta’ servizzi ta’ pjattaformi ta’ video-sharing, ta’ IA ħbieb, ta’ chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali**,** u ta’ logħob online biex iħeġġu l-introduzzjoni ta’ dawn l-għodod u tirrikjedi li l-forniturі ta’ pjattaforma online kbira ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 jiżguraw li dawn l-għodod għall-kustodji jkunu interoperabbli ma’ għodod għall-kustodji pprovduti minn partijiet terzi, f’konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/1925 (l-Artikolu 20). Fl-aħħar nett, din it-taqsima tistabbilixxi li l-minorenni u l-kustodji għandhom id-dritt li jressqu lment quddiem l-awtorità kompetenti kontra l-forniturі ta’ servizzi ta’ networking soċjali, ta’ servizzi ta’ pjattaformi ta’ video-sharing, ta’ IA ħbieb, ta’ chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali**,** u ta’ logħob online li jallega ksur ta’ dan ir-Regolament, il-minorenni u l-kustodji għandhom id-dritt li jagħtu mandat lil korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni biex jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament f’isem il-minorenni jew il-kustodju tagħhom (l-Artikolu 21).

It-Taqsima 7 fiha dispożizzjonijiet oħra dwar id-diliġenza dovuta għal ambjent sikur online. Din tistabbilixxi l-obbligi ta’ monitoraġġ għall-pjattaformi online kbar ħafna (l-Artikolu 22), id-dispożizzjonijiet dwar it-tfassil ta’ kodiċijiet ta’ kondotta (l-Artikolu 23), u l-obbligu li s-servizzi jkollhom fis-seħħ rappreżentanti legali (l-Artikolu 24). Fl-aħħar nett, tistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta l-miżuri elenkati f’dan il-Kapitolu biex tiżgura livell għoli ta’ privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fis-servizz tagħhom (l-Artikolu 25).

Il-Kapitolu IV fih l-obbligu li tiġi vverifikata r-responsabbiltà tal-ġenituri (l-Artikolu 26).

Il-Kapitolu V fih dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċertament tal-età.

It-Taqsima 1 tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-aċċertament tal-età. Din it-taqsima tispeċifika li meta l-forniturі fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Kapitoli II u III jkollhom jimplimentaw soluzzjonijiet ta’ aċċertament tal-età, huma għandhom jipprovdu livell għoli ta’ akkuratezza, affidabbiltà, robustezza, nonintrużività, privatezza u nondiskriminazzjoni, u dik l-awtodikjarazzjoni ma tkunx biżżejjed għall-konformità ma’ dan ir-Regolament (l-Artikolu 27), hija tistabbilixxi wkoll ir-regoli speċifiċi għall-protezzjoni tad-data fl-aċċertament tal-età (l-Artikolu 28).

It-Taqsima 2 tikkomplementa dan b’obbligi speċifiċi għall-aċċertament tal-età, filwaqt li tistabbilixxi li għall-konformità mal-Artikoli 5 u 6, il-forniturі għandhom jistabbilixxu verifika tal-età, u għall-konformità mal-Kapitolu III, jistgħu jużaw kemm il-verifika tal-età kif ukoll soluzzjonijiet oħra ta’ aċċertament tal-età taħt kundizzjonijiet speċifiċi (l-Artikolu 29), ikkomplementati minn għoti ta’ setgħa għall-Kummissjoni biex tispeċifika d-dettalji stabbiliti fil-Kapitolu dwar l-aċċertament tal-età (l-Artikolu 30). Barra minn hekk, din it-taqsima tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà ta’ mezzi differenti biex tinkiseb attestazzjoni ta’ prova tal-età biex jivverifikaw l-età minima u biex jagħmlu disponibbli mill-inqas soluzzjoni waħda ta’ verifika tal-età (l-Artikolu 31). Fl-aħħar nett, din it-taqsima fiha miżuri dwar il-verifika tal-età għall-kontijiet eżistenti (l-Artikolu 32).

Il-Kapitolu VI fih dispożizzjoni dwar miżuri għall-Istati Membri biex iħejju u jappoġġaw lill-minorenni hekk kif dan ir-Regolament isir realtà (l-Artikolu 33).

Il-Kapitolu VII fih id-dispożizzjonijiet dwar il-kompetenzi, is-superviżjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet f'din il-proposta li jiddependu fuq l-istrutturi u l-oqfsa eżistenti tal-infurzar skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 u r-Regolament (UE) 2024/1689 biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli eżistenti għas-servizzi intermedjarji u s-sistemi tal-IA (l-Artikolu 34). Meta l-Kummissjoni tibda proċedimenti għal servizzi u sistemi fil-kompetenza esklużiva tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tadotta deċiżjoni finali fi żmien 90 jum u tikkomunika s-sejbiet preliminari lill-fornitur ikkonċernat fi żmien 30 jum mill-ftuħ tal-proċedimenti (l-Artikolu 35). Fl-aħħar nett, fih dispożizzjoni dwar il-finanzjament ta' attivitajiet superviżorji u ta' infurzar mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament (l-Artikolu 36) u dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' għarfien espert u mekkaniżmi ta' reazzjoni għall-inċidenti (l-Artikoli 37 u 38).

Il-Kapitolu VIII fih id-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati (l-Artikoli 39 u 40) u **l-Kapitolu IX** fih id-dispożizzjonijiet finali fosthom dwar ir-rieżami tar-Regolament, l-inklużjoni ta' dan ir-Regolament fl-Anness tad-Direttiva dwar l-Azzjonijiet Rappreżentattivi (l-Artikolu 41), u d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni (l-Artikoli 42 u 43).

2026/0286 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

EU KIDS ACT — "L-UE żżomm l-Ispazji Diġitali tal-Internet Responsabbli u Affidabbli"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, l-intelliġenza artifiċjali ("IA") ħbieb, chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, logħob online, u ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software li saru parti importanti mill-ħajja ta' kuljum tal-minorenni. Dawn is-servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni u s-sistemi tal-IA jipprovdu opportunitajiet għall-minorenni fl-oqsma tal-iżvilupp tal-identità, l-apprendiment, l-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni ċivika, l-iżvilupp tar-relazzjonijiet, il-komunikazzjoni, il-konnessjoni u l-kreattività. Fl-istess ħin, xi wħud minn dawk is-servizzi u s-sistemi, inkluż minħabba d-disinn tagħhom, jistgħu joħolqu riskji għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni. Dawn ir-riskji jinkludu, pereżempju, l-esponiment għal kontenut illegali jew għal kontenut u r-riskji li jirriżultaw mill-bullying ċibernetiku jew mill-kuntatt minn individwi li jfittxu li jagħmlu ħsara lill-minorenni. Il-minorenni jistgħu jiffaċċjaw ukoll riskji bħala konsumaturi vulnerabbli permezz ta' prattiki kummerċjali li jistgħu jkunu manipulattivi u jikkawżaw infiq mhux mixtieq, imġiba kompulsiva u ta' dipendenza. Dawn ir-riskji jistgħu joriġinaw mill-esperjenza diretta tal-minorenni mas-servizzi ta' networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, l-IA ħbieb, iċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, il-logħob online, u l-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jew mill-azzjonijiet ta' utenti oħra fuq il-pjattaforma jew is-sistemi.

(2) Ġie stabbilit Bord speċjali dwar is-sikurezza tat-tfal online magħmul minn esperti ("Bord Speċjali") biex jipprovdi pariri lill-Kummissjoni dwar approċċ Ewropew dwar is-sikurezza tat-tfal online. Ir-rapport tal-Kopresidenti tal-Bord Speċjali ġie ppreżentat f'Lulju 2026 u huwa bbażat fuq sitt prinċipji gwida: approċċ ta' żvilupp, l-ugwaljanza u d-diversità, il-protezzjoni tal-minorenni, ir-responsabbiltà tas-servizzi diġitali u d-

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .

drittijiet tal-konsumatur, l-awtonomizzazzjoni u l-edukazzjoni dwar il-media u d-drittijiet u l-parteċipazzjoni tat-tfal. B'mod partikolari, ir-rapport jirrakkomanda restrizzjonijiet tal-aċċess fl-UE kollha għall-media soċjali, regoli armonizzati dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment għall-media soċjali, servizzi diġitali oħrajn, logħob online u ċerti sistemi tal-IA aċċessibbli għall-minorenni kif ukoll sistemi tal-aċċerament tal-età proporzjonati u li jippreservaw il-privatezza. L-intenzjoni hija li jiġi kopert l-ambjent diġitali kollu biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva u komprensiva tal-minorenni online (media soċjali +).

(3) L-Istati Membri qed jintroduċu dejjem aktar, jew qed jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali biex jistabbilixxu età minima għall-minorenni biex jaċċessaw ċerti servizzi online. Dawk il-liġijiet nazzjonali diverġenti jaffettwaw b'mod negattiv is-suq intern, li, skont l-Artikolu 26 tat-TFUE, huwa żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat, filwaqt li tqis in-natura intrinsikament transfruntiera tal-internet, u tas-servizzi u s-sistemi online. Il-kundizzjonijiet għall-forniturі biex jirrestringu l-aċċess tal-minorenni għal ċerti servizzi u sistemi, kif ukoll l-obbligi rigward id-disinn tas-servizzi u s-sistemi tagħhom, jeħtieġu armonizzazzjoni sabiex tinħoloq ċertezza legali għall-forniturі li joffru servizzi u sistemi aċċessibbli għall-minorenni madwar l-Unjoni, u jiġi żgurat livell armonizzat ta' protezzjoni għall-minorenni irrispettivament minn fejn jinsabu fl-Unjoni.

(4) Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jistabbilixxi qafas orizzontali ta' obbligi ta' diliġenza dovuta għall-forniturі ta' servizzi intermedjarji, inklużi obbligi speċifiċi dwar il-protezzjoni tal-minorenni online. B'mod partikolari, l-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament jipprevedi obbligi fuq il-forniturі tal-pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni li jistabbilixxu miżuri xierqa u proporzjonati biex jiżguraw li s-servizzi tagħhom jipprovdu livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà fir-rigward tal-minorenni. Il-linji Gwida tal-Kummissjoni dwar miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni online[4] jistabbilixxu lista mhux eżawrjenti ta' miżuri li l-forniturі tal-pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni għandhom jistabbilixxu biex jikkonformaw mal-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065.

(5) Dan ir-Regolament jispeċifika u jikkomplementa d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2065 fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida u r-rapport imfassal mill-kopresidenti tal-Bord Speċjali. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal età minima armonizzata għall-ħolqien ta' kont b'servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, u regoli għal rekwiżiti armonizzati ta' disinn għal tali servizzi, u għall-aċċertament tal-età.

(6) Għal dak l-għan, id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu età minima armonizzata għall-ħolqien ta' kont ma' servizzi ta' networking soċjali online u servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, rekwiżiti armonizzati tas-sikurezza għas-servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, servizzi ta' pjattaforma tal-logħob

[3] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).

[4] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar il-miżuri biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà fir-rigward tal-minorenni online, skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) 2022/2065 (ĠU C, C/2025/5519, 10.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/5519/oj).

tal-vidjo u ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, u regoli armonizzati dwar l-aċċertament tal-età online u r-responsabbiltà tal-ġenituri, sa fejn dawn joperazzjonalizzaw l-obbligu li jiġi stabbilit livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, jispeċifikaw l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

(7) Jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jiġi interpretat bħala impożizzjoni ta' obbligu ta' monitoraġġ ġenerali jew ta' obbligu ġenerali ta' tiftix attiv tal-fatti, jew bħala obbligu ġenerali biex il-forniturі ta' servizzi intermedjarji jieħdu miżuri proattivi fir-rigward tal-kontenut illegali.

(8) Dan ir-Regolament jikkomplementa wkoll ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], li jistabbilixxi qafas komprensiv u bbażat fuq ir-riskju għar-regolamentazzjoni tal-IA fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2024/1689 jipprojbixxi ċerti prattiki tal-IA, inkluż l-isfruttament dannuż tal-vulnerabbiltajiet u l-manipulazzjoni tal-minorenni. Barra minn hekk, jistabbilixxi rekwiżiti għal sistemi tal-IA b'riskju għoli, rekwiżiti ta' trasparenza għal sistemi tal-IA interattivi u ġenerattivi u obbligi għall-forniturі tal-aktar mudelli tal-IA bi skop ġenerali kapaċi biex jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi, inkluż ir-riskji għas-sikurezza u l-benesseri tal-minorenni. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti u l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689, dan ir-Regolament għandu l-għan li jindirizza r-riskji partikolari għall-minorenni minn IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u li jispeċifika miżuri armonizzati li l-forniturі ta' dawk is-sistemi tal-IA jenħtieġ li jadottaw biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-minorenni u biex jappoġġaw il-benesseri u l-iżviluppi fiżiċi, mentali u emozzjonali tagħhom.

(9) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jitqies bħala parti mill-isforzi ġenerali tal-UE biex tipproteġi lill-utenti, inklużi t-tfal u gruppi vulnerabbli oħra, milli jiġu esposti għal kontenut illegali online. Dan jinkludi d-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, li tikkriminalizza l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet intimi jew materjal manipulat, diskors ta' mibegħda bbażat fuq il-ġeneru, fastidju ċibernetiku, u cyberstalking, inkluż fejn dirett lejn il-minorenni.

(10) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2010/13/UE li tirregola aspetti oħra tal-forniment ta' dawn is-servizzi koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari, regoli dwar il-protezzjoni ta' minorenni bħala telespettaturi tal-kontenut awdjoviżiv. Meta strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni jirregolaw aspetti simili, iżda mhux aktar speċifiċi, tal-forniment ta' servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan tal-aħħar jenħtieġ li jipprevali.

(11) Filwaqt li jibni fuq id-definizzjonijiet li jkopru l-ambjent diġitali, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri kwalunkwe servizz normalment fornut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq talba individwali ta' riċevitur. B'mod speċifiku, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll għal ċerti sistemi tal-IA skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2024/1689 li huma

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

aċċessibbli għall-minorenni u li jikkwalifikaw bħala IA ħbieb jew chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-forniturи ta' sistemi operattivi kif definiti fir-Regolament (UE) 2022/1925, kif ukoll għall-forniturи ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software kif definiti fir-Regolament 2022/1925, li huwa tip ta' servizz ta' intermedjazzjoni online ffukat fuq applikazzjonijiet tas-software bħala l-prodott jew is-servizz intermedjat. Biex jiġi evitat kull dubju, dan ir-Regolament japplika wkoll għal dawk is-servizzi ta' networking soċjali online, il-pjattaformi ta' video-sharing, u l-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software li huma ddeżinjati bħala pjattaformi online kbar ħafna skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

(12) Il-logħob vidjo sar parti importanti mill-ambjent diġitali li fih il-minorenni jipparteċipaw u jinteraġixxu ma' oħrajn, b'mod divertenti, orjentat lejn l-għanijiet jew b'mod pjaċevoli. Ċerti pjattaformi tal-logħob vidjo jippermettu t-tixrid u l-iskambju ta' kontenut iġġenerat mill-utenti għal għadd indeterminat ta' riċevituri tas-servizz u l-faċilitazzjoni tal-kuntatt bejn dawn ir-riċevituri. Tali logħob online jaqa' fid-definizzjoni ta' pjattaformi online msemmija fir-Regolament (UE) 2022/2065 u jenħtieġ li jkun kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, xi logħob online li ma jippermettix it-tixrid ta' informazzjoni lil għadd indeterminat ta' riċevituri jenħtieġ li jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan huwa l-każ ta' kwalunkwe logħba li tista' tintlagħab fuq kompjuter, apparat mobbli, jew console tal-logħob, irrispettivament minn jekk is-software sottostanti għal-logħba jiġix sussegwentement eżegwit lokalment, mill-bogħod, bħal permezz ta' mezz durabbli, u irrispettivament minn jekk is-servizz jiġix ipprovdut mingħajr ħlas, bi ħlas, jew b'remunerazzjoni ibrida li tinvolvi xiri fis-servizz (jew fl-applikazzjoni). Il-logħob online li huwa aċċessibbli jew li jista' jinxtara esklużivament permezz ta' media fiżika, mingħajr ebda komponent online li jippermetti l-aċċess, id-distribuzzjoni jew ix-xiri tiegħu, ma jitqiesx bħala logħob online għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Biex jiġi evitat id-dubju, meta logħba online jkollha wkoll ċerti karatteristiċi li jikkorrispondu għal pjattaforma ta' video-sharing, din għandha titqies bħala logħba online għall-fini ta' dan ir-Regolament.

(13) Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tar-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għal servizzi jew sistemi li, minħabba n-natura mhux kummerċjali, edukattiva, xjentifika jew ta' interess pubbliku tagħhom, jippreżentaw riskju materjalment baxx ħafna għall-minorenni. Din l-esklużjoni jenħtieġ li tkopri enċiklopediji online mingħajr skop ta' qligħ, repożitorji edukattivi u xjentifiċi mingħajr skop ta' qligħ, servizzi u sistemi li huma mfassla għal skopijiet primarjament edukattivi u operati minn stabbilimenti jew organizzazzjonijiet edukattivi, jew għalihom; pjattaformi, servizzi u sistemi ta' żvilupp u kondiviżjoni ta' software b'sors miftuħ żviluppati u operati speċifikament għall-iskop uniku ta' riċerka u żvilupp xjentifiku, u servizzi u sistemi ddisinjati, żviluppati u operati mill-awtoritajiet pubbliċi u għall-użu esklużiv ta' dawn l-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom.

(14) Meta l-forniturи ta' servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu soġġetti wkoll għall-obbligu li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065, dawn l-obbligi huma speċifikati għas-suġġetti koperti f'dan ir-Regolament. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma tiġix interpretata biżżejjed fiha nnifisha biex tikkostitwixxi prova tal-konformità ta' tali forniturи mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament 2022/2065 u għalhekk jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal miżuri ta' mitigazzjoni ulterjuri li tali forniturи jistgħu jkunu

meħtieġa jistabbilixxu għal kwistjonijiet mhux koperti minn dan ir-Regolament pereżempju dawk relatati mal-iżgurar tas-sigurtà. Bl-istess mod, l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 jenħtieġ li jibqa' applikabbli għall-pjattaformi online barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(15) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li tiġi stabbilita definizzjoni komuni ta' minorenni jew tfal. "Minorenni" jew "tfal" jenħtieġ li jinftiehmu bħala kwalunkwe persuna fiżika taħt l-età ta' 18-il sena, irrispettivament minn kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tipprevedi l-kisba aktar kmieni jew aktar tard tal-età maġġorenni. Barra minn hekk, filwaqt li l-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u ta' sistemi tal-IA jibqgħu primarjament responsabbli għas-sikurezza tas-servizzi u tas-sistemi tagħhom meta jintużaw mill-minorenni, il-ġenituri u l-kustodji legali jista' jkollhom rwol biex jiggwidaw l-esperjenza tal-minorenni online. Il-kunċett ta' kustodju għall-fini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq id-definizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111[6].

(16) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni ta' "sistema tal-IA" stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2024/1689. Barra minn hekk, jixraq li jiġu definiti ċerti tipi ta' sistemi tal-IA li jikkwalifikaw bħala IA ħbieb jew chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u li huma soġġetti għall-obbligi komplementari skont dan ir-Regolament. Meta ssir referenza għal fornitur ta' IA ħabiba jew ta' chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali f'dan ir-Regolament, il-kunċett ta' fornitur jenħtieġ li jinftiehem kif definit fl-Artikolu (3), il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2024/1689.

(17) Id-definizzjonijiet relatati mal-aċċertament tal-età, inklużi "verifika tal-età", "aċċertament tal-età", "lista tal-UE ta' fornituri ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE", lista tal-UE ta' fornituri ta' Soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età", "Skema tal-UE għall-Verifika tal-Età" u "attestazzjoni ta' prova tal-età", jenħtieġ li jinftiehmu bħala li jibnu fuq il-qafas tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1183, u li jiġu interpretati b'mod konsistenti miegħu, kif ukoll mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1035 tad-29 ta' April 2026 dwar l-istabbiliment ta' qafas komuni għal teknoloġiji għall-Verifika tal-Età madwar l-UE għall-minorenni u l-Linji Gwida relatati tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-minorenni online.

(18) Sabiex jiġi żgurat li jiġi ggarantit livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni, huwa importanti li l-obbligi jiġu applikati b'mod effettiv u ma jiġux evitati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fornituri ma jinvolvux ruħhom f'imġiba li ddgħajjef l-effettività tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Tali mġiba tinkludi d-disinn tas-servizz jew tas-sistema, il-preżentazzjoni tal-għażliet lir-riċevituri tas-servizz jew lill-utent tas-sistema b'mod mhux newtrali, jew l-użu tal-istruttura, il-funzjoni jew il-mod ta' tħaddim ta' interfaċċa tal-utent jew parti minnha biex tnaqqas jew tfixkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażla tal-utent. Pereżempju, il-minorenni ma għandhomx jintalbu jbaxxu l-livell ta' settings sensittivi matul il-ħolqien tal-kont,

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ĠU L 178, 2.7.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1111/oj).

bħall-aċċess għall-ġeolokalizzazzjoni jew għall-kamera. Jenħtieġ ukoll li ma jiġux imħajra jevitaw l-obbligi ta' aċċess diferit. Il-forniturigħandhom jillimitaw ukoll il-ħolqien, mill-minorenni, ta' kontijiet sekondarji mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment.

(19) Biex jiġi żgurat li s-servizzi li l-minorenni qed jaċċessaw jipprovdu għall-ogħla livell ta' privatezza, sikurezza u sigurtà, il-forniturita' servizzi ta' networking soċjali online u servizzi ta' pjattaformi ta' video-sharing li ġew iddeżinjati bħala pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li beħsiebhom jieħdu biex jiżguraw konformità effettiva mal-obbligi, bħal aċċess diferit għas-servizz u sikurezza sa mill-konċepiment. Dan jenħtieġ li jippermetti lill-Kummissjoni tivverifika, wara valutazzjoni minn awdituri indipendenti b'għarfien espert speċifiku, li l-forniturisoġġetti għall-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament ikunu ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw magħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni twieġeb għal dak il-pjan ta' konformità, mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji u ta' infurzar tagħha, b'mod partikolari s-setgħa li tibda proċedimenti skont l-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament. Dan il-mekkaniżmu ta' notifika huwa meħtieġ u proporzjonat fid-dawl tal-objettiv li jsegwi u jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-libertà ta' intrapriża minquxa fl-Artikolu 16 tal-Karta u bil-libertà li wieħed jirċievi u jagħti informazzjoni skont l-Artikolu 11 tagħha.

(20) Is-snin minn 0 sa 15 huma partikolarment importanti għall-iżviluppi konjittivi, emozzjonali u soċjali tal-minorenni, kif ukoll għall-iżvilupp tas-sistemi tal-personalità, tal-identità u tal-valur tagħhom. L-evidenza xjentifika turi li ċerti servizzi ta' networking soċjali online u servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing joħolqu riskju partikolarment serju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni taħt l-età ta' 15-il sena minħabba l-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet partikolari tagħhom. B'firxa ta' riskji għal utenti passivi online taħt l-età ta' 3 snin, meta l-kura tista' tiġi sostitwita minn ħin quddiem l-iskrin, li jaffettwaw il-firxa tal-attenzjoni tat-tfal, l-akkwist tal-lingwa, u l-iżvilupp soċjoemozzjonali, għal riskji ta' diskrepanza bejn l-esponiment kontinwu għal stimulazzjoni esterna u l-kapaċitajiet li qed jevolvu u l-awtoperċezzjoni emerġenti tat-tfal, sa riskji ta' konverġenza tas-sensittivitajiet tal-iżvilupp u l-amplifikazzjoni tal-kontenut u tal-interazzjonijiet xprunata mill-pjattaformi, ir-riċerka turi impatti fuq is-saħħa mentali u li t-tfal huma partikolarment vulnerabbli taħt l-età ta' 13-il sena. Sal-età ta' 15-il sena, meta l-adolexxenti jkunu għaddejjin mit-tranżizzjoni lejn l-awtonomija, filwaqt li s-superviżjoni mill-kustodji u l-edukaturi ssir inqas effettiva, ir-riskji qed jissawru dejjem aktar minn elementi soċjali tas-servizzi diġitali, aktar milli minn imġiba individwali, u l-adolexxenti mit-13 sal-15-il sena jinsabu fl-eqqel tal-vulnerabbiltà tal-iżvilupp. Għalhekk huwa kruċjali li jiġi żgurat li d-dritt tagħhom għall-iżvilupp u l-awtodeterminazzjoni jkun jista' jitgawda ħieles mill-impatti sostanzjali li r-riskji u l-ħsarat maħluqa minn ċerti servizzi online jista' jkollhom fuq il-minorenni. Sabiex jiġi żgurat livell ugwali ta' protezzjoni għall-minorenni li jinsabu fl-Unjoni, huwa meħtieġ li tiġi introdotta restrizzjoni madwar l-UE kollha fuq l-aċċess għall-media soċjali+ għal tfal taħt it-13-il sena. Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern permezz ta' liġijiet nazzjonali diverġenti, jenħtieġ li tiġi stabbilita età minima armonizzata ta' 15-il sena għall-ħolqien ta' kontijiet awtonomi b'servizzi ta' networking soċjali online u servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jippreżentaw karatteristiċi jew funzjonalitajiet li huma partikolarment ta' ħsara għall-minorenni taħt dik l-età. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Unjoni jew il-liġijiet nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-

Unjoni, li jistabbilixxu età minima ogħla għal kategoriji speċifiċi ta' kontenut bħal kontenut pornografiku jew tal-logħob tal-azzard.

(21) Il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet li jitqiesu li joħolqu riskju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni taħt l-età ta' 15-il sena jikkorrispondu għal klassifikazzjonijiet rikonoxxuti globalment tar-riskji online, inkluż l-esponiment tal-minorenni għal kontenut jew kuntatti mhux xierqa għall-età kif ukoll imġiba dannuża ta' utenti oħra jew riskji kummerċjali jew trażversali oħra bħal użu eċċessiv. Għalhekk, dawn jinkludu karatteristiċi u funzjonalitajiet li jippermettu ċertu konsum u disseminazzjoni ta' kontenut ta' ħsara kif ukoll interazzjonijiet jew imġiba dannużi. B'mod partikolari, is-servizzi li jippermettu lir-riċevituri jxerrdu kontenut f'ħin reali lil għadd indeterminat ta' persuni jesponu lill-minorenni għal riskji għall-privatezza tagħhom kif ukoll għal kontenut mhux xieraq, bħal kontenut pornografiku; il-fatt li l-minorenni jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' utenti mhux magħrufa jesponihom għal riskji ta' kuntatt mhux xieraq mill-adulti iżda wkoll ta' mġiba abbużiva jew ta' ħsara oħra minn utenti oħra; is-suġġeriment awtomatiku ta' kontenut jew kuntatti jesponi lill-minorenni għar-riskju li jiġu esposti għal kontenut ta' ħsara jew l-hekk imsejħa "toroq għan-niżla" ta' kontenut ta' ħsara, kif ukoll li jidħlu f'kuntatti potenzjalment ta' ħsara ma' utenti malizzjużi; l-użu ta' funzjonalitajiet, disinji tal-interfaċċa jew karatteristiċi li jistgħu jwasslu għal użu kompulsiv jew eċċessiv, bħal notifiki push jew feeds tal-kontenut bla tmiem, jesponu lill-minorenni għal riskji ta' mġiba li qed tiżviluppa li tagħmel ħsara lis-saħħa u l-benesseri mentali tagħhom, inkluża mġiba li toħloq dipendenza. Dawn il-funzjonalitajiet tipikament jiġu offruti biss lir-riċevituri tas-servizz li jaċċessaw is-servizz permezz ta' kont. Għaldaqstant huwa proporzjonat li filwaqt li jitqies id-dritt tal-minorenni għal-libertà tal-espressjoni, jiġi ttardjat l-aċċess għas-servizz fil-punt tal-ħolqien u l-użu ta' tali kontijiet, peress li l-użu tal-istess servizz mingħajr kont joħloq riskju aktar baxx għall-minorenni.

(22) Filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tal-ġenituri u tal-kustodji legali fl-appoġġ tal-iżvilupp awtonomu u sikur li qed jevolvi tal-minorenni online, huwa xieraq li l-forniturijitħallew jidderogaw b'mod eċċezzjonali mill-età minima għal aċċess awtonomu stabbilita f'dan ir-Regolament, sa età minima aktar baxxa ta' 13-il sena, biex id-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkun jista' jistabbilixxi kont b'funzjonalitajiet limitati għat-tfal bejn it-13 u l-15-il sena. Tali kont jenħtieġ li jkun kont tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri u mhux tal-minorenni rispettiv. Jenħtieġ li dik id-deroga tkun soġġetta għall-verifika tar-responsabbiltà tal-ġenituri u jenħtieġ li ma ddgħajjifx l-objettiv segwit minn dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies id-dritt tat-tfal għall-protezzjoni, il-privatezza u filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal bħala kunsiderazzjoni primarja. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li dik id-deroga ma tkunx possibbli meta l-forniturijit-termini tas-servizz tagħhom jirrestrinġu l-aċċess għas-servizz tagħhom u l-użu tiegħu għall-utenti taħt età minima ogħla minn 13-il sena.

(23) Meta servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing ikun iddisinjat speċifikament għal minorenni taħt l-età ta' 13-il sena, kustodju jista' eċċezzjonalment jippermetti lil tali minorenni jaċċessa s-servizz skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7, esklużivament f'ismu stess u taħt il-kontroll u s-superviżjoni tal-kustodju. Tali aċċess ikkontrollat mill-kustodju ma jinvolvix il-ħolqien jew l-użu ta' kont mill-minorenni u għalhekk mhuwiex aċċessibbli permezz ta' kont maħluq għall-minorenni, jew attribwit lilu, skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1). L-aċċess ikkontrollat mill-kustodju jista' jiġi organizzat permezz ta' settings jew profili speċifiċi għat-tfal fil-kont tal-kustodju; tali settings jew profili ma jikkostitwixxux kontijiet tal-minorenni.

(24) Xejn f'dan ir-Regolament ma jirrikjedi li kwalunkwe fornitur jagħmel is-servizz tiegħu disponibbli għal minorenni taħt l-età ta' 13-il sena, u lanqas ma jaffettwa t-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizzi li jeskludu tali minorenni, li jibqgħu soġġetti bis-sħiħ għall-obbligi ta' dan ir-Regolament li jipprevjenu l-aċċess tagħhom. Ir-rekwiżiti relatati mal-esperjenza adattata għall-età dwar is-servizzi ta' pjattaformi ta' video-sharing jikkonċernaw biss dawk is-servizzi li l-forniturі tagħhom ikunu għamlu l-għażla deliberata li joffru ambjent imfassal speċifikament għat-tfal, u jissoġġettaw dik l-għażla għal kundizzjonijiet stretti.

(25) Huwa ta' importanza kbira li l-minorenni jingħataw esperjenzi online xierqa għall-età u sikuri biex jiġu protetti f'ambjent dejjem aktar online. Sabiex jiġi żgurat li l-minorenni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn ambjent diġitali sikur, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, il-logħob online, l-IA ħbieb, iċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u l-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri xierqa u proporzjonati biex jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni meta dawn jużaw is-servizz jew is-sistema tagħhom. Għal dak l-għan, il-forniturі jenħtieġ li mid-disinn isawru s-servizzi u s-sistemi tagħhom b'mod li jipprijoritizza l-benesseri tal-minorenni billi jinkorpora l-protezzjonijiet tal-privatezza, tas-sikurezza u tas-sigurtà fid-disinn u fl-operat tagħhom mill-bidu filwaqt li jqis il-kapaċitajiet li qed jevolvu tal-minorenni. Meta s-servizz jew is-sistema tkun aċċessibbli mingħajr reġistrazzjoni jew awtentikazzjoni, jenħtieġ li l-forniturі jikkonfiguraw b'mod awtomatiku d-disinn u s-settings għal kwalunkwe utent mhux irreġistrat jew mhux awtentikat b'mod li jiggarantixxi livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni. Il-forniturі jenħtieġ li jidderogaw biss minn dawk ir-rekwiżiti ladarba jkunu stabbilew li r-riċevitur jew l-utent huwa adult billi jagħmlu użu mill-aċċertament tal-età f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(26) Għas-servizzi ta' networking soċjali online u għas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, il-miżuri meħuda mill-forniturі ta' dawk is-servizzi biex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li, ladarba l-minorenni jkunu ħolqu l-kont tagħhom stess biex jużaw is-servizz, huma jkomplu jibbenefikaw minn ambjent diġitali sikur. Filwaqt li dawk il-miżuri jimmitigaw ir-riskji li jirriżultaw mill-funzjonalitajiet u l-karatteristiċi partikolari ta' tali servizzi għall-minorenni li għandhom aktar minn 15-il sena, is-servizzi tan-network soċjali online u l-pjattaformi ta' video-sharing madankollu jibqgħu mhux xierqa għall-minorenni taħt dik l-età. Għalhekk, jenħtieġ li l-konformità ma' dawk l-obbligi ma taffettwax ir-restrizzjoni ġenerali fuq minorenni li joħolqu l-kont tagħhom stess taħt dik l-età.

(27) Ċerti karatteristiċi tad-disinn tas-servizzi ta' networking soċjali online u tas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jistgħu jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tal-minorenni u jikkontribwixxu għal użu estensiv jew eċċessiv tas-servizz, xejriet komportamentali kompulsivi jew imġiba simili għal dipendenza, b'effetti negattivi fuq il-benesseri mentali, emozzjonali u fiżiku tal-minorenni. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu konsum ta' kontenut mingħajr interruzzjoni mingħajr punti ta' waqfien effettivi, autoplay, autoreplay, autoreplay, skroll infinit, notifiki skedati b'mod artifiċjali biex jerġgħu jiġbdu l-attenzjoni tal-minorenni, mekkaniżmi ta' ppremjar li jinkoraġġixxu involviment ripetut, jew mekkaniżmi li jippenalizzaw lir-riċevitur tas-servizz talli ma jirritornax f'intervalli regolari. Għalhekk, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing ma jesponux lill-minorenni għal karatteristiċi ta' disinn manipulattivi jew persważivi mmirati b'mod predominanti biex jimmassimizzaw l-involviment jekk dawk il-karatteristiċi

jistgħu jfixklu l-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà tal-minorenni jew jimminaw l-awtonomija tagħhom. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li ma jimminawx id-deċiżjoni tal-minorenni li jwaqqaf l-użu ta' servizz jew in-nuqqas ta' deċiżjoni li juża s-servizz, bħal notifiki mhux skattati mill-interazzjoni jew l-attività tal-minorenni fuq is-servizz, jew mhux direttament relatati magħhom. Dan għandu jkopri sitwazzjonijiet fejn il-pjattaforma tbiddel l-imġiba lejn l-utenti meta l-utenti ma jużawx is-servizz. Bħala tali, dan ikopri l-karatteristiċi li jippruvaw jiġbdu l-attenzjoni tal-utent ladarba tintilef, bħal li jintbagħtu notifiki dwar premjijiet għat-tkomplija tal-użu tas-servizz. Jenħtieġ ukoll li l-fornituri ma jinċentivawx l-involviment fi żminijiet regolari jew bi frekwenza akbar, inkluż permezz ta' penali jew telf ta' benefiċċji talli jonqsu milli jinvolvu ruħhom regolarment jew f'intervalli ta' żmien speċifikati. Il-fornituri għandhom jimplimentaw għodod xierqa għall-età għall-ġestjoni tal-ħin u għall-kapaċità li jieħdu azzjoni, inklużi indikazzjonijiet viżibbli, tfakkiriet u miżuri oħra li jappoġġaw l-użu infurmat u intenzjonat tas-servizz li jippermettu interruzzjoni effettiva tal-użu tas-servizz. Peress li l-għodod għall-ġestjoni tal-ħin spiss jingħelbu mill-minorenni nfushom, il-fornituri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri jkunu effettivi fit-tnaqqis tal-użu tas-servizz mill-minorenni u ma jiġux evitati faċilment. Tali għodod għandhom jiżguraw ukoll li l-ħtiġijiet tal-irqad tal-minorenni ma jiġux imfixkla mill-użu tagħhom tas-servizz. Dak jenħtieġ li jinkludi l-prevenzjoni effettiva tal-minorenni milli jużaw is-servizz matul il-ħin tal-iskola u s-sigħat ewlenin tal-irqad tagħhom, li jenħtieġ li jkunu xierqa għall-età, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi. Is-sigħat ewlenin ta' rqad jenħtieġ li jinftiehmu bħala l-perjodu tal-lejl li matulu l-minorenni normalment ikunu mistennija jorqdu, li jinkludi mill-inqas tmien sigħat konsekuttivi bejn 22:00 u 08:00 ħin lokali. Il-ħin tal-iskola jenħtieġ li jinftiehem bħala l-perjodu li matulu l-minorenni normalment ikunu mistennija jattendu l-iskola jew inkella jipparteċipaw f'attivitajiet edukattivi obbligatorji, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali applikabbli u soġġett għal aġġustament mill-kustodji.

(28) Aspett ewlieni tat-tfassil u l-operat tas-servizzi ta' networking soċjali online u tas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing huwa l-mod li bih l-informazzjoni tiġi prijoritizzata u ppreżentata fuq l-interfaċċa online tas-servizz, li jista' jinfluwenza b'mod sinifikanti l-aċċess tal-minorenni għall-informazzjoni, l-involviment tagħhom magħha u l-esponiment għaliha. Sabiex jiġi żgurat li l-minorenni jkunu protetti b'mod effettiv online, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jużaw sistemi ta' rakkomandazzjoni jenħtieġ li jfasslu s-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom b'tali mod li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni. Għal dak l-għan, il-fornituri jenħtieġ li jużaw metriċi tal-evalwazzjoni li jaqbdu l-eżiti tal-kwalità, tas-sikurezza u tas-saħħa mentali għall-minorenni, bħal metriċi li jkejlu jekk is-sistema ta' rakkomandazzjoni tagħżilx u tipprijoritizzax kontenut xieraq għall-età u l-istadju tal-iżvilupp ta' minorenni, li jivvalutaw l-effettività tas-sistema fil-prevenzjoni tal-esponiment għal materjal illegali, ta' ħsara jew mhux sikur, u li jaqbdu indikaturi tal-benesseri psikoloġiku biex jiġi vvalutat l-impatt fuq is-saħħa mentali tal-minorenni. Dawk il-metriċi jenħtieġ li jinfurmaw il-kunsiderazzjonijiet ta' ottimizzazzjoni sottostanti għat-tfassil tal-objettivi tar-rakkomandazzjoni tal-pjattaformi online. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jagħtu prijorità u piż primarju lill-preferenzi espliċiti pprovduti mill-utenti meta jirrakkomandaw kontenut, bħall-feedback u l-interazzjonijiet tal-utenti li jindikaw il-preferenzi espliċiti tal-utenti, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, inkluż l-għażla

ddikjarata u intenzjonata ta' suġġetti ta' interess, stħarriġ, rapportar, u sinjali oħra bbażati fuq il-kwalità. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat li l-minorenni jkollhom aktar kapaċità li jieħdu azzjoni fuq l-informazzjoni li qed tiġi ssuġġerita lilhom, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jiddiżattivaw b'mod awtomatiku r-rakkomandazzjoni ta' informazzjoni ssuġġerita mis-sistema ta' rakkomandazzjoni bbażata fuq sinjali impliċiti bbażati fuq l-involviment mill-imġiba online tal-minorenni. Is-sinjali bbażati fuq l-interazzjoni impliċita jenħtieġ li jinftiehmu bħala s-sinjali u d-data li jiddeduċu l-preferenzi tal-utent mill-attivitajiet tiegħu (l-imġiba tal-ibbrawżjar fuq pjattaforma), bħall-ħin li jqatta' jara l-kontenut u r-rati li jikklikkja fuqu. Il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni ma jiddependux fuq il-ġbir ta' kwalunkwe data personali miġbura minn barra s-servizz. Il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-minorenni ma jkunux esposti għal kontenut li huwa ta' ħsara meta jiltaqgħu miegħu ripetutament, li jenħtieġ li jinftiehem bħala li jkopri l-hekk imsejħa "triq għan-niżla" jew "bużżieqa ta' filtri" ta' kontenut li jista' joħloq riskju għas-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. L-effett "triq għan-niżla" huwa relatat mal-amplifikazzjoni progressiva ta' rakkomandazzjonijiet simili tal-kontenut, li jwasslu lir-riċevituri tas-servizz għal perkorsi ta' kontenut bla tmiem li potenzjalment jistgħu jkunu estremi u ta' ħsara għall-minorenni. L-effett "bużżieqa ta' filtri" jirreferi għall-amplifikazzjoni progressiva tal-kontenut fejn minorenni jkun espost b'mod predominanti għal kontenut jew informazzjoni li tnaqqas l-esponiment tal-minorenni għal kontenut jew informazzjoni differenti. Il-minorenni għandhom jingħataw ukoll il-kapaċità li jieħdu azzjoni fuq is-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom u jkunu jistgħu jikkontrollaw il-kontenut rakkomandat permezz ta' għodod iddedikati. Il-minorenni jenħtieġ li jiġu offruti mod faċli biex jirrisettjaw is-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom billi jħassru l-preferenzi identifikati preċedenti kollha u, ikunu jistgħu jagħżlu għażla waħda li ma tkunx ibbażata fuq it-tfassil ta' profili irrispettivament minn jekk humiex irreġistrati jew le, kif previst fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2022/2065, irrispettivament minn jekk il-fornitur ikkonċernat huwiex fornitur ta' pjattaforma online kbira ħafna jew le f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' tali miżura, jenħtieġ li dawk il-forniturі jfakkru regolarment lill-minorenni dwar l-għażla li jirrisettjaw il-feeds tagħhom u jiżguraw li dik l-għażla ma tkunx imfassla b'mod li tħajjar lill-minorenni jagħżlu l-għażla bbażata fuq it-tfassil ta' profili.

(29) It-tfassil ta' settings biex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà huwa importanti biex jiġu minimizzati r-riskji online għall-minorenni billi titnaqqas il-probabbiltà li l-minorenni jkunu esposti għal kontenut, interazzjonijiet jew funzjonalitajiet li jistgħu jkunu ta' ħsara, inkluż f'ċirkostanzi fejn it-tfal ma jkunux irreġistrati fis-servizz. Għal dan l-għan, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jiżguraw li s-settings, bħal dawk li jippermettu t-traċċar tar-riċevituri tas-servizz jew il-lokalizzazzjoni tagħhom, li jippermettu l-aċċess għal mikrofonu, kuntatti u kamera, jew li jirrakkomandaw kontijiet oħra lill-minorenni, ikunu awtomatikament mitfija għall-minorenni. Meta jkunu attivati, xi settings partikolarment sensittivi għall-privatezza, bħall-aċċess għall-post, għandhom jintfew wara li tintemm is-sessjoni, u fi kwalunkwe każ, il-minorenni għandhom dejjem jiġu mgħarrfa meta jiġu attivati. Barra minn hekk, in-notifiki push għandhom jintfew b'mod awtomatiku u għandhom jitfasslu b'mod li ma jfixkilx il-ħtiġijiet tal-irqad u l-ħin tal-iskola tal-minorenni. Għal dan l-għan, in-

notifiki push qatt ma għandhom jintbagħtu lit-tfal matul il-ħin tal-iskola u l-ħinijiet ewlenin tal-irqad tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' fejn tali notifiki jirriżultaw minn twissijiet ta' sigurtà urġenti — pereżempju relatati mas-sigurtà tal-kontijiet — jew interazzjonijiet mal-kustodji tagħhom. In-notifiki push huma notifiki li jidhru fuq apparat biex jinfurmaw lir-riċevitur tas-servizz dwar attivitajiet li jkunu għaddejjin fuq is-servizz irrispettivament minn jekk is-servizz ikunx qed jintuża b'mod attiv u b'hekk iħeġġu lill-utenti jkomplu jużaw is-servizz. Barra minn hekk, fejn xi settings u karatteristiċi jistgħu jkunu partikolarment ta' ħsara għall-minorenni, il-forniturigħandhom jagħmluhom inaċċessibbli għall-minorenni. Tali karatteristiċi ta' ħsara jistgħu jkunu filtri li jfixklu l-benesseri mentali tal-minorenni pereżempju billi jħaddnu, jgħawġu jew jidealizzaw b'mod sproporzjonat l-immaġni tat-tfal — eskluzi filtri li ma jagħmlux ħsara bħal dawk li jimitaw l-annimali — kif ukoll karatteristiċi li jżidu t-tqabbil soċjali li jippermettu lit-tfal jaraw l-għadd ta' reazzjonijiet fuq il-kontenut tagħhom.

(30) Il-minorenni jenħtieġ li jkunu protetti minn riskji relatati mal-kuntatt, inkluż il-bullying ċibernetiku, il-fastidju, u minn dawk li jfittxu li jwettqu grooming, abbużi sesswali jew estorsjoni ta' minorenni, mit-traffikanti tal-bnedmin u minn dawk li jfittxu li jirreklutaw minorenni fi gruppi kriminali jew jippromwovu l-vjolenza, ir-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, peress li l-awturi spiss jużaw l-ispazju diġitali biex jilħqu lit-tfal. Konsegwentement, l-interazzjonijiet bejn il-minorenni u r-riċevituri mhux irreġistrati tas-servizz, kif ukoll ir-riċevituri mhux magħrufa tas-servizz, speċjalment l-adulti, jenħtieġ li jkollhom salvagwardji robusti. Il-forniturita' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-minorenni, bħall-informazzjoni dwar il-profil, il-bijografija, l-attivitajiet, il-lista ta' ħbieb, segwaċi u informazzjoni simili ma tkunx tista' tiġi aċċessata mir-riċevituri tas-servizz b'mod awtomatiku, u fi kwalunkwe każ, mir-riċevituri tas-servizz mingħajr kontijiet. Jenħtieġ li l-minorenni jingħataw is-setgħa li jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-viżibbiltà tal-informazzjoni personali tagħhom, bħar-ritratt tal-profil tagħhom, l-informazzjoni dwar il-profil, il-kontenut kondiviż, il-kuntatti, l-attivitajiet u l-istorja jew kwalunkwe data oħra kondiviża dwar il-kont jew il-profil. Id-dettalji ta' kuntatt mill-minorenni — inkluż iżda mhux limitat għall-indirizz, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefon — ma għandhomx jiġu kondiviżi ma' riċevituri oħra tas-servizz. Il-minorenni għandhom ikunu jistgħu jimblukkaw kwalunkwe riċevitur ieħor tas-servizz, jimmaniġġjaw il-kontenut kondiviż u jirregolaw l-interazzjoni u l-metriċi relatati, bħal likes u l-għadd ta' segwaċi. B'mod awtomatiku, l-ospitar ta' xandiriet diretti jew trażmissjonijiet oħra f'ħin reali għandu jiġi diżattivat, kif għandu jiġi diżattivat ukoll l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kont tal-minorenni minn riċevituri tas-servizz li ma jkunux ġew aċċettati b'mod espliċitu. Sabiex jiġi żgurat li l-possibbiltà li jiġu permessi dawn is-settings tibqa' proporzjonata, dan jenħtieġ li jiddependi fuq l-età u l-kapaċitajiet li qed jevolvu tal-minorenni, pereżempju billi jiġi żgurat li l-kontijiet pubbliċi u l-possibbiltà li jospitaw xandira diretta jenħtieġ li jkunu aċċessibbli biss għal tfal li jaqbżu l-età minima u jekk jingħataw kunsens espliċitu mill-kustodju tagħhom.

(31) Il-prattiki kummerċjali jseħħu f'forom differenti fuq is-servizzi diġitali u jista' jkollhom effetti persważivi partikolari fuq il-minorenni, li jiffaċċjaw tattiċi diversi, dinamiċi u personalizzati, pereżempju, permezz ta' reklami, tqegħid ta' prodotti, l-użu ta' muniti virtwali, il-kummerċjalizzazzjoni tal-influwenzaturi, l-isponsorizzazzjoni jew nudging imsaħħaħ bl-IA. F'konformità mal-qafas legali orizzontali eżistenti u mingħajr preġudizzju għalih, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill[7] li hija applikabbli bis-sħiħ għall-prattiki kummerċjali kollha inkluż lejn il-minorenni bħala konsumaturi u r-regoli fir-Regolament (UE) 2022/2065 dwar ir-reklamar (l-Artikolu 26, l-Artikolu 28(2) u l-Artikolu 39) u l-mudelli qarrieqa (l-Artikolu 25). Fil-każ partikolari tal-mudelli qarrieqa, ir-Regolament (UE) 2022/2065 jaġixxi bħala x-"xibka ta' sikurezza" li tikkomplementa d-Direttiva 2005/29/KE. It-tranżazzjonijiet ekonomiċi jistgħu jkunu ta' ħsara għas-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni meta jużaw is-servizz, speċjalment meta ma jifhmux il-konsegwenzi tat-tranżazzjoni li jkunu qed jagħmlu. Għalhekk, il-minorenni għandhom jiġu infurmati b'mod ċar dwar it-tranżazzjonijiet ekonomiċi li jseħħu online. Għal dan l-għan, ix-xiri li jsir fi ħdan is-servizz għandu jiġi mmarkat bħala tranżazzjoni ekonomika b'mod li jinftiehem faċilment u f'ħin reali. Il-muniti virtwali u tokens oħra jistgħu jikkawżaw ukoll infiq mhux mixtieq, għalhekk kull tip ta' xiri jenħtieġ li jintwera fil-munita nazzjonali tar-residenza abitwali tal-minorenni. Barra minn hekk, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jenħtieġ li jiżguraw li l-minorenni bħala konsumaturi vulnerabbli ma jiġux sfruttati u jenħtieġ li ma jfasslux il-pjattaforma tagħhom b'tali mod li jista' jwassal għal infiq eċċessiv, impulsiv jew mhux mixtieq. Dan għandu jinkludi b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' separazzjoni jew frizzjoni bejn il-kontenut u x-xiri ta' prodotti relatati kif ukoll il-prevenzjoni li l-minorenni jiġu esposti għal loot boxes u prodotti oħra, fejn joffru eżiti aleatorji jew imprevedibbli jew karatteristiċi simili għal-logħob tal-azzard.

(32) Minħabba l-vulnerabbiltajiet partikolari tal-minorenni u r-riskji li l-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali jistgħu joħolqu għas-saħħa, għas-sikurezza, għad-drittijiet fundamentali u għall-benesseri tagħhom, il-forniturі ta' tali sistemi tal-IA jenħtieġ li jimplimentaw miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment imfassla apposta għall-karatteristiċi u r-riskji speċifiċi li jirriżultaw minn dawk is-sistemi sabiex joffru lill-minorenni esperjenza xierqa għall-età. Is-salvagwardji għandhom jinkludu settings sikuri u projbizzjonijiet fuq disinji li joħolqu dipendenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-minorenni ma jkunux esposti għal karatteristiċi tas-sistema li juru mġiba jew jissimulaw emozzjonijiet jew relazzjonijiet interpersonali li x'aktarx joħolqu dipendenzi emozzjonali u dipendenzi oħra, inkluż meta tali dipendenzi jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet ma' bnedmin oħra u l-iżvilupp tal-minorenni. Sabiex jiġi evitat li sistemi bħal dawn jakkumulaw data sensittiva ta' minorenni u li maż-żmien potenzjalment isaħħu xejriet ta' interazzjoni dannużi, il-memorja konverżazzjonali persistenti tal-interazzjonijiet mal-minorenni jenħtieġ li tiġi diżattivata b'mod awtomatiku ħlief fejn ikun meħtieġ biex tiġi protetta s-sikurezza tagħhom. L-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali aċċessibbli għall-minorenni jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal ittestjar u evalwazzjoni xierqa qabel ma jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem.

(33) Il-forniturі ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali aċċessibbli għall-minorenni jenħtieġ li jimplimentaw ukoll monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq biex jidentifikaw u jimmitigaw ir-riskji għas-saħħa, għas-sikurezza u għad-drittijiet fundamentali tal-minorenni u għall-benesseri u l-iżvilupp mentali, fiżiku, mentali u

[7] Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/29/oj).

emozzjonali tagħhom u biex jivvalutaw l-effettività tal-miżuri stabbiliti, sakemm il-fornitur ma jkunx intrapriża mikro jew żgħira. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li wieħed iżomm f'moħħu li jekk l-IA ħabiba jew iċ-chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali jkunu bbażati fuq mudell tal-IA bi skop ġenerali b'riskju sistemiku, dawk il-mudelli diġà jkunu soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' ġestjoni tar-riskju skont ir-Regolament (UE) 2024/1689. Il-ġestjoni tar-riskju sistemiku mwettqa mill-fornituri ta' dawk il-mudelli jenħtieġ li tinkludi l-valutazzjoni, u, jekk ikun meħtieġ, il-mitigazzjoni tar-riskji għas-sikurezza u l-benesseri tal-minorenni, inklużi r-riskji għall-minorenni mill-użu leġittimu tagħhom tal-mudell u mill-użu tal-mudell minn persuni oħra li jistgħu jikkawżaw ħsara lill-minorenni. Għaldaqstant jixraq li l-mitigazzjonijiet rilevanti implimentati bħala parti minn din il-ġestjoni tar-riskju sistemiku skont l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2024/1689 jiġu invokati mill-fornituri ta' IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali bħala parti mill-isforzi tagħhom biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Bl-istess mod, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati skont l-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jistgħu jitqiesu wkoll meta jitwettqu minn fornitur ta' IA ħabiba jew chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali varat bħala funzjonalità ta' servizz ta' networking soċjali online jew ta' servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing fil-forniment ta' dak is-servizz. Madankollu, jenħtieġ li tali miżuri ta' mitigazzjoni ma jitqisux suffiċjenti għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(34) Meta IA ħabiba jew chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali tintuża bħala funzjonalità ta' pjattaforma online jew ta' magna tat-tiftix online, l-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/2065 jenħtieġ li jkomplu japplikaw għall-fornitur ta' dawk is-servizzi intermedjarji, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-varar ta' tali funzjonalitajiet ma jaffettwax l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji sistemiċi, inkluż ir-riskji li jirriżultaw mid-disinn, mill-funzjonament jew mill-użu ta' dawk il-funzjonalitajiet, sa fejn dawn jiffurmaw parti mis-servizz offrut mill-pjattaforma online jew mill-magna tat-tiftix online. Biex tiġi żgurata t-trasparenza dwar l-interazzjonijiet ma' tali sistemi, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, u ta' logħob online li jużaw IA ħbieb jew chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali bħala funzjonalità fil-forniment tas-servizz tagħhom jenħtieġ li jimplimentaw ukoll miżuri li jagħtu s-setgħa lill-minorenni biex jagħmlu għażliet infurmati dwar jekk jużawx dawk il-ħbieb jew iċ-chatbots u jkunu jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx f'tali użu. Dan jenħtieġ li jinkludi obbligi għal dawk il-fornituri biex jiżguraw li l-minorenni ma jiġux mħeġġa jużaw dawk is-sistemi permezz ta' tekniki tad-disinn, bħall-wiri ta' IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali fil-quċċata tal-lista ta' kuntatti tal-minorenni. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-salvagwardji japplikaw għal IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali meta jintużaw bħala funzjonalità fil-forniment ta' logħba online, fejn jista' jseħħ xiri minn ġol-logħba.

(35) Il-logħob online jista' jieħu forom differenti ħafna u jista' jinqasam f'kategoriji bħal azzjoni, avventura, logħob ta' rwoli, strateġija, sport, simulazzjoni jew logħob ta' taħbil il-moħħ u normalment jintlagħab fuq kompjuter, apparat mobbli jew console. Il-logħob online jista' jipprovdi lill-minorenni mhux biss divertiment, iżda wkoll ambjenti online għall-komunikazzjoni u l-interazzjoni soċjali, inkluż għall-minorenni b'diżabilità. Il-logħob online multiplu jippermetti lill-minorenni jinvolvu ruħhom ma' persuni oħra u jibnu konnessjonijiet soċjali bejn gruppi ta' etajiet u postijiet ġeografiċi differenti. Il-logħob online jista' jikkontribwixxi wkoll għat-tagħlim tal-minorenni tal-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u suġġetti bħax-xjenza, il-matematika u l-lingwi. Il-

pjattaformi tal-logħob vidjo jippermettu lill-utenti jilagħbu u joħolqu l-kontenut jew il-logħob tagħhom stess, u jxerrduhom lill-pubbliku. Kemm il-logħob vidjo kif ukoll il-pjattaformi tal-logħob vidjo jistgħu jippreżentaw riskji differenti għall-minorenni. Dan ġie enfasizzat ukoll mir-Rapport tal-Kopresidenti tal-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online li enfasizza li l-logħob vidjo jista' jesponi lit-tfal għal prattiki kummerċjali dannużi jew kuntatti perikoluži u s-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-età jistgħu jipprovdu orjentazzjoni u għarfien għall-ġenituri u għall-kustodji dwar il-klassifikazzjonijiet tal-logħob.

(36) Minħabba l-vulnerabbiltajiet partikolari tal-minorenni u r-riskji li l-logħob online jista' joħloq għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom, huwa importanti li l-forniturі tal-logħob online jimplimentaw miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment imfassla apposta għall-karatteristiċi u r-riskji speċifiċi li jirriżultaw minn dak il-logħob online sabiex joffru lill-minorenni esperjenza xierqa għall-età. Tali riskji huma relatati b'mod partikolari ma' komunikazzjoni mhux mitluba fil-logħob vidjo, kontenut mhux xieraq għall-età, u mekkaniżmi ta' disinn li jistgħu jwasslu għal imġiba li toħloq dipendenza u użu eċċessiv. Il-logħob online b'komunikazzjoni miftuħa jesponi lill-minorenni għal riskji relatati mal-kuntatt, inkluż il-bullying ċibernetiku, il-fastidju, u dawk li jfittxu li jwettqu grooming, abbuż sesswali jew estorsjoni tal-minorenni, it-traffikanti tal-bnedmin u dawk li jfittxu li jirreklutaw minorenni fi gruppi kriminali jew jippromwovu l-vjolenza, ir-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu, peress li l-awturi spiss jużaw l-ispazju diġitali biex jilħqu lit-tfal. Bl-istess mod, ċerti settings jistgħu jesponu lill-minorenni għal kontenut, interazzjonijiet jew funzjonalitajiet li jistgħu jkunu ta' ħsara, inkluż f'ċirkostanzi fejn it-tfal ma jkunux irreġistrati fis-servizz. Għalhekk, il-forniturі tal-logħob online jenħtieġ li jimplimentaw salvagwardji biex jipprevjenu li s-servizz jintuża biex iħeġġeġ lill-minorenni jibdew kuntatti dwar servizzi oħra li jistgħu joħolqu riskju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom. Dan jista' jsir billi jiġu ristretti l-link-outs fejn dan jista' joħloq riskju għall-minorenni u billi jiġu implimentati messaġġi ta' twissija lill-minorenni. Il-pjattaformi tal-logħob vidjo jistgħu jżidu r-riskju li l-minorenni jkunu esposti għal kontenut mhux addattat għall-età tagħhom. Fejn il-pjattaformi tal-logħob vidjo jippermettu lir-riċevituri tas-servizz joħolqu logħob vidjo individwali, il-fornitur tal-pjattaforma tal-logħob vidjo jenħtieġ li jistabbilixxi s-software u l-miżuri organizzattivi meħtieġa biex il-fornitur tal-logħob vidjo maħluq ġdid ikun jista' jikkonforma mar-regoli applikabbli.

(37) Ċerti karatteristiċi tad-disinn tal-logħob online jistgħu jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tal-minorenni u jikkontribwixxu għal użu estensiv jew eċċessiv tas-servizz, xejriet komportamentali kompulsivi jew imġiba simili għal dipendenza, b'effetti negattivi fuq il-benesseri mentali, emozzjonali u fiżiku tal-minorenni. Għalhekk, jenħtieġ li l-logħob online ma jesponix lill-minorenni għal karatteristiċi li jimminaw id-deċiżjoni tal-minorenni li jwaqqaf l-użu jew in-nuqqas ta' deċiżjoni li jilagħbu l-logħba jew karatteristiċi online jew jippremja li jinċentiva l-involviment f'ħinijiet regolari jew bi frekwenza akbar, inkluż permezz ta' penali jew telf ta' benefiċċji talli jonqsu milli jinvolvu ruħhom regolarment jew f'intervalli ta' żmien speċifikati.

(38) Il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jinsabu f'pożizzjoni unika dwar il-mod kif is-servizzi li joħolqu riskju għall-minorenni jistgħu jiġu offruti riċevituri. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni fl-ambjent online, il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jenħtieġ li jistabbilixxu sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età li tippermetti li tiġi stabbilita l-adegwatezza tal-età tal-applikazzjonijiet tas-software disseminati permezz

tas-servizz tagħhom. Tali sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età jenħtieġ li tapplika għal kull applikazzjoni tas-software u jenħtieġ li tqis kif xieraq id-drittijiet u l-aħjar interessi tat-tfal, inklużi l-kapaċitajiet li jevolvu tal-minorenni u l-livelli differenti ta' maturità. Il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jenħtieġ li jipprevjenu lill-minorenni milli jaċċessaw jew jixtru applikazzjonijiet ikklassifikati bħala mhux xierqa għall-età. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali adottata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, meta l-fornitur ta' ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software jsir konxju ta' applikazzjonijiet tas-software disseminati permezz tas-servizz tiegħu li huma jew primarjament jikkonsistu minn kontenut li huwa soġġett għal età minima ogħla skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, il-fornitur jenħtieġ li ma jippermettix lill-minorenni taħt dik l-età minima minn dak l-Istat Membru jaċċessaw jew jixtru dawk l-applikazzjonijiet tas-software permezz tas-servizz tiegħu. Għal dan l-għan, il-forniturі tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jenħtieġ li jivvalutaw l-età tar-riċevitur tas-servizz f'konformità mal-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà, il-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'termini ċari u aċċessibbli, informazzjoni dwar il-metodoloġija, il-kriterji u s-sorsi li jirfdu s-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-età tagħhom.

(39) Il-kodiċijiet ta' kondotta jistgħu jkunu għodda importanti għall-protezzjoni tal-minorenni fl-ambjent online. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ it-tfassil jew l-iżvilupp ulterjuri ta' kodiċijiet ta' kondotta volontarji fil-livell tal-Unjoni li jistabbilixxu metodoloġiji u kriterji komuni għas-sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-età, biex jikkontribwixxu għat-tħaddim armonizzat ta' tali sistemi fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż mill-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software. Il-kodiċijiet ta' kondotta jenħtieġ li b'mod partikolari jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku u l-applikazzjoni konsistenti tal-klassifikazzjonijiet tal-età madwar l-Istati Membri, jiddefinixxu kriterji, metodoloġiji u sorsi ta' informazzjoni xierqa għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-età tal-aktar tipi rilevanti ta' kontenut inkluż kontenut vjolenti, sesswali, tal-logħob tal-azzard u li jagħmel ħsara lilu nnifsu kif ukoll ix-xiri waqt l-użu tal-apps, ir-riskji ta' kuntatt u l-karatteristiċi tad-disinn li joħolqu dipendenza kif ukoll jistabbilixxu r-rimedji u l-mekkaniżmi ta' rimedju meħtieġa u jiżguraw it-trasparenza, flimkien ma' monitoraġġ u evalwazzjoni regolari, trasparenti u indipendenti tal-kisba tal-objettivi mmirati. Ir-rifjut mingħajr spjegazzjonijiet xierqa minn pjattaforma online tat-talba tal-Kummissjoni biex tipparteċipa fl-applikazzjoni ta' tali kodiċi ta' kondotta jista' jitqies, fejn rilevanti, meta jkun qed jiġi determinat jekk il-pjattaforma online tkunx kisret l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-sempliċi fatt li wieħed jipparteċipa f'kodiċi ta' kondotta speċifiku u jimplimentah jenħtieġ li fih innifsu ma jippreżumix konformità ma' dan ir-Regolament. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tal-età tas-sistema Pan-Ewropea (PEGI) u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-PEGI jistabbilixxu punt ta' riferiment għall-kumpaniji parteċipanti fir-rigward tat-tikkettar tal-età, il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni u jirriflettu l-impenn tal-industrija tal-logħob vidjo li tipprovdi informazzjoni lill-pubbliku b'mod responsabbli. Ir-regoli dwar il-kodiċijiet ta' kondotta skont dan ir-Regolament jistgħu jservu bħala bażi għal sforzi koregolatorji diġà stabbiliti fil-livell tal-Unjoni li għandhom jiġu integrati bħala kodiċi ta' kondotta. Dan jinkludi, iżda ma jikkonċernax esklużivament, is-sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età tal-PEGI, dment li tipprovdi livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni kif meħtieġ minn dan ir-Regolament.

(40) Il-minorenni li jilagħbu logħob online jenħtieġ li jibbenefikaw mill-istess protezzjoni fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi bħal fuq servizzi ta' networking soċjali online u servizzi ta' video-sharing, inkluża t-trasparenza fir-rigward tal-valur monetarju reali ta' tranżazzjonijiet imwettqa permezz ta' muniti virtwali u l-protezzjoni minn esponiment għal sistemi ta' premji varjabbli, li l-assoċjazzjoni tagħhom ma' mġiba kompulsiva u relatata mal-logħob tal-azzard hija dokumentata sew. Il-kodiċijiet ta' kondotta fil-qasam tal-logħob online jenħtieġ li jibnu fuq oqfsa ta' klassifikazzjoni u awtoregolatorji jew sistemi ta' klassifikazzjoni tal-età pan-Ewropej eżistenti fil-livell tal-Istati Membri, inkluża l-estensjoni reċenti tagħhom għal kategoriji ta' riskju interattivi u prattiki ta' monetizzazzjoni, u jenħtieġ li jżommu tali oqfsa aġġornati fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u r-riskji emerġenti għall-minorenni. L-aderenza ma' kodiċi ta' kondotta vvalutat bħala adegwat mill-Kummissjoni tista' sservi bħala indikazzjoni ta' konformità mal-obbligi bbażati fuq il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, iżda ma tistax tidderoga mill-projbizzjonijiet tiegħu.

(41) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fl-ambjent diġitali, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u ta' logħob online jenħtieġ li jqisu l-kapaċitajiet, l-interessi u l-vulnerabbiltajiet li qed jevolvu tat-tfal matul id-disinn, l-iżvilupp u l-operat tas-servizz tagħhom. Għalhekk, il-miżuri stabbiliti jenħtieġ li tal-anqas ikunu adattati għat-tfal, faċli biex jinftiehmu, faċilment aċċessibbli għall-minorenni kollha, inklużi dawk b'diżabilità jew bi ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà addizzjonali. Il-pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandhom jiżguraw li tali informazzjoni tiġi ppreżentata bil-lingwa/i uffiċjali tal-Istati Membri li fihom jiġi pprovdut is-servizz. Il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali u ta' logħob online jenħtieġ li jippermettu wkoll lill-minorenni jipprovdu feedback dwar il-kontenut, ir-riżultati tat-tiftix u l-prompts rakkomandati lilhom dwar is-servizz. Tali feedback jenħtieġ li jitqies u jkollu impatt imminenti u dejjiemi fuq l-esperjenza tat-tfal fis-servizz. Barra minn hekk, il-minorenni għandhom jingħataw is-setgħa progressiva li jifhmu u jimmaniġġjaw is-settings prestabbiliti tagħhom. Meta minorenni jibdel setting protettiv, il-forniturі għandhom jippreżentaw twissijiet ċari u joffru riversibbiltà faċli, inkluża l-għażla li jibdlu temporanjament is-setting u jirritornaw għas-setting prestabbilit bi klikk wieħed. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, il-forniturі ma għandhomx ripetutament iħeġġu jew iħajru lill-minorenni biex ibaxxu l-livell ta' protezzjoni tagħhom.

(42) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi, viżibbli u adatti għat-tfal għar-rapportar u għall-appoġġ tal-minorenni biex jirrapportaw kontenut, kontijiet, gruppi, karatteristiċi u mġiba li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-sikurezza u s-sigurtà tal-privatezza tagħhom meta jużaw is-servizz. Dan jinkludi r-rapportar ta' kontijiet li huma proprjetà ta' utenti taħt l-età minima, skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tali mekkaniżmi ma jaffettwawx l-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, jenħtieġ li tali mekkaniżmi, fejn xieraq, jippermettu lill-minorenni jissottomettu rapport fi kliemhom stess u jenħtieġ li jiżguraw li l-identità tal-minorenni tibqa' kunfidenzjali lejn riċevituri oħra tas-servizz jew utenti tas-sistema b'mod awtomatiku. Ir-rapporti ppreżentati mill-minorenni għandhom jiġu ttrattati bħala kwistjoni ta' prijorità. Barra minn hekk, il-minorenni għandhom jirċievu konferma tar-

riċevuta, flimkien ma' informazzjoni xierqa għall-età dwar il-proċess ta' segwitu, l-iskedi ta' żmien indikattivi u l-eżiti possibbli. Kwalunkwe restrizzjoni imposta mill-fornituri wara tali rapporti mill-minorenni jenħtieġ li titqies bħala restrizzjoni tal-viżibbiltà skont l-Artikolu 17(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2022/2065, fejn applikabbli. Barra minn hekk, il-minorenni għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw appoġġ komprensiv u xieraq meta jiltaqgħu ma' kontenut u attivitajiet illegali u ta' ħsara. Għal dak l-għan, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u ta' servizzi ta' pjattaformi tal-logħob vidjo, jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għodod ta' appoġġ li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-ħtiġijiet tal-minorenni u li jippermettu riferimenti jew konnessjoni ma' servizzi ta' appoġġ nazzjonali, inklużi Ċentri għal Internet Aktar Sikur, għajnuna għat-tfal u hotlines, servizzi ta' protezzjoni tat-tfal u, fejn xieraq, dettalji ta' kuntatt tal-infurzar tal-liġi. Dawk l-għodod ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll ma' apps nazzjonali tas-sikurezza online, bħall-applikazzjoni tat-3018 ipprovduta minn e-Enfance, fejn jeżistu tali apps, kif ukoll mal-App Ewropea tas-Sikurezza Online meta tkun disponibbli. Sabiex jiġi żgurat li l-minorenni jkunu konxji tar-riskji fl-ambjent online, jenħtieġ li jiġu infurmati dwar ir-riskji speċifiċi qabel ma jippowstjaw il-kontenut jew itejbu l-viżibbiltà ta' ċertu kontenut bħall-ippowstjar mill-ġdid tal-kontenut ippowstjat minn riċevituri oħra. Għal dak l-għan, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, IA ħbieb, chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u ta' logħob online, jenħtieġ li, fejn xieraq, jimplimentaw messaġġi ta' twissija jew miżuri xierqa oħra mmirati biex jinfurmaw lill-minorenni qabel ma jwettqu kwalunkwe azzjoni.

(43) Il-kustodji għandhom rwol importanti fil-ħajja tal-minorenni, inkluż fl-appoġġ tan-navigazzjoni sikura u infurmata tagħhom tal-ambjent online. Din hija r-raġuni għaliex il-kustodji għandhom jiġu ffaċilitati biex jipprovdu tali appoġġ permezz tad-disponibbiltà ta' għodod għall-kustodji. L-għodod għall-kustodi huma software, karatteristiċi, funzjonalitajiet, jew applikazzjonijiet diżinjati biex jgħinu lill-kustodi jakkumpanjaw l-attività online, il-privatezza, is-sikurezza u l-benesseri tal-minorenni tagħhom, filwaqt li jirrispettaw l-kapaċità tat-tfal li jieħdu azzjoni kif ukoll il-privatezza tagħhom. L-għodod għall-kustodji jenħtieġ li jitqiesu bħala li jikkomplementaw miżuri oħra ta' sikurezza sa mill-konċepiment iżda jenħtieġ li qatt ma jissostitwixxu r-responsabbiltà proprja tal-fornituri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni. Peress li s-sorveljanza tal-ġenituri mhux dejjem tkun possibbli minħabba r-realtajiet tal-arranġamenti tal-għajxien tat-tfal u peress li l-kustodji jistgħu jkunu assenti jew diżimpenjati, il-konformità ma għandhiex tiddependi esklużivament mill-kustodji. L-għodod għall-kustodji jenħtieġ li tal-anqas jinkludu karatteristiċi għar-rapportar tal-kontenut f'isem it-tfal tagħhom, l-istabbiliment ta' limiti ta' ħin quddiem l-iskrin, il-viżwalizzazzjoni u l-informazzjoni dwar il-kontijiet li l-minorenni jikkomunika magħhom, il-ġestjoni tas-settings tal-kontijiet, kif ukoll karatteristiċi oħra għas-superviżjoni tal-użi tas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jkunu ta' detriment għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu twissijiet għall-kustodji biex jiġu infurmati dwar tfittxijiet ripetuti potenzjali ta' minorenni relatati ma' suwiċidju, awtokorriment, jew disturbi alimentari jew jibdew kuntatt ma' jew isiru ħbieb magħhom, inkluż fejn tali kontijiet jappartjenu għal adulti. Meta l-kustodji jimmaniġġjaw is-settings tal-minorenni, jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-perjodu ta' żmien li għalih beħsiebhom ibiddlu tali settings. Dawn l-għodod għandhom jitfasslu skont l-età tal-minorenni, filwaqt li jitqies kif xieraq l-iżvilupp gradwali tagħhom. L-

għodod għall-kustodji għandhom ikunu adatti għall-età, faċli biex jiġu aċċessati u attivati, effettivi u mhux faċilment evitati, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-minorenni għall-privatezza, l-aċċess għall-informazzjoni u l-awtonomija dejjem akbar f'konformità mal-kapaċitajiet tagħhom li qed jevolvu. Pereżempju, tali għodod jenħtieġ li jippermettu lill-kustodju juża l-għodda mingħajr ma joħloq kont mas-servizz u jenħtieġ li jiżguraw li l-bidliet ikunu jistgħu jsiru biss bl-istess grad ta' awtorizzazzjoni meħtieġ għall-attivazzjoni inizjali tal-għodod. Jenħtieġ li l-minorenni jiġu nnotifikati b'mod ċar meta tali għodod jiġu attivati u jenħtieġ li, b'mod partikolari fejn jintużaw funzjonalitajiet ta' monitoraġġ, jirċievu indikazzjoni ċara f'ħin reali. Għal pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065, l-interoperabbiltà ma' għodod għall-kustodji ta' partijiet terzi jenħtieġ li tkompli ttejjeb l-użabbiltà u l-effettività, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/1925. Jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli u l-kriterji tekniċi meħtieġa għall-għodod għall-kustodji.

(44) Ċerti korpi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet għandhom għarfien espert u kompetenza partikolari fl-identifikazzjoni u l-immarkar ta' ksur suspettat ta' dan ir-Regolament u l-ilmenti tagħhom jista' jkollhom impatt pożittiv fuq il-libertà tal-espressjoni u tal-libertà tal-informazzjoni b'mod ġenerali. Għalhekk, il-kustodji u l-minorenni jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jagħtu mandat lil tali korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2022/2065 biex jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament f'isem il-minorenni. Minbarra d-dritt li jressqu lment f'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-minorenni u l-kustodji li huma riċevituri tas-servizz u utenti tas-sistemi u kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jressqu lment kontra fornituri soġġetti għal dan ir-Regolament. Tali lmenti jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 27 tal-Istat Membru fejn jinsab jew ikun stabbilit ir-riċevitur tas-servizz, f'konformità mal-prinċipji nazzjonali ta' amministrazzjoni tajba. Għal IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, jenħtieġ li japplika l-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2024/1689. Il-possibbiltajiet biex jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet tal-fornituri ta' pjattaformi online jenħtieġ li ma jaffettwaw bl-ebda mod, il-possibbiltà li wieħed ifittex rimedju ġudizzjarju f'konformità mal-liġijiet tal-Istat Membru kkonċernat, u għalhekk jenħtieġ li ma jaffettwawx l-eżerċizzju tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta.

(45) L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-minorenni jiddependi mhux biss fuq il-miżuri stabbiliti mill-fornituri, iżda wkoll, għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna, fuq il-kapaċità tagħhom li juru permezz ta' monitoraġġ, ittestjar u evalwazzjoni xierqa tal-effettività tal-miżuri implimentati f'konformità mal-Kapitolu III, li jenħtieġ li jkunu parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Il-fornituri jenħtieġ li jikkunsidraw l-aktar informazzjoni aġġornata disponibbli u għarfien minn sorsi xjentifiċi u akkademiċi għal dik l-evalwazzjoni. Sabiex tiġi mmonitorjata u vvalutata l-effettività tal-miżuri maż-żmien, jenħtieġ li l-fornituri jippreservaw id-dokumenti ta' sostenn kollha relatati mal-evalwazzjoni tagħhom għal mill-inqas 3 snin.

(46) Biex tappoġġa l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ u tiffaċilita l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, ir-rieżami regolari u l-adattament ta' kodiċijiet ta' kondotta volontarji fil-livell tal-Unjoni li jinvolvu, fejn xieraq,

fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, logħob online, IA ħbieb, chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, kif ukoll awtoritajiet kompetenti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Dawk il-kodiċijiet ta' kondotta jenħtieġ li jistabbilixxu objettivi ċari, jinkludu impenji speċifiċi u arranġamenti ta' rapportar proporzjonati għad-daqs u l-kapaċità tal-fornituri, u jirriflettu kif xieraq il-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi kkonċernati u l-ħtiġijiet u l-interessi tal-partijiet kollha, b'mod partikolari l-minorenni. Wara li tikkonsulta lill-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali u lill-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali, fl-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta, timmonitorja u tevalwa jekk tali kodiċijiet humiex adegwati biex jikkontribwixxu għall-konformità ma' dan ir-Regolament.

(47) Fl-interess taċ-ċarezza, tas-sempliċità u tal-effettività, u biex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi ta' dan ir-Regolament, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, li ma għandhomx stabbiliment fl-Unjoni jenħtieġ li jaħtru rappreżentant legali fi Stat Membru fejn joffru s-servizzi jew is-sistemi tagħhom. Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, meta tali fornituri jkunu diġà ħatru rappreżentant legali skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 jew ir-Regolament (UE) 2024/1689, jenħtieġ li jkunu jistgħu jissodisfaw dak l-obbligu billi jestendu l-mandat ta' dak ir-rappreżentant biex ikopri l-kwistjonijiet kollha relatati mal-wasla ta' deċiżjonijiet maħruġa skont dan ir-Regolament, il-konformità magħhom u l-infurzar tagħhom.

(48) Minħabba n-natura li qed tevolvi tar-riskji trażversali li l-minorenni jistgħu jkunu esposti għalihom fid-dinja online, li hija xprunata minn innovazzjoni kostanti, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex temenda l-projbizzjonijiet fuq il-prattiki maħsuba, jew li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli, biex iħeġġu l-użu kompulsiv jew eċċessiv tas-servizz mill-minorenni, il-miżuri li jiżguraw li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni jitfasslu b'mod li jiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, is-settings prestabbiliti li jiżguraw li l-kontijiet tal-minorenni jiġu stabbiliti għal livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà, il-miżuri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fir-rigward tal-kuntatti bejn il-minorenni u riċevituri oħra tas-servizz, il-miżuri li jillimitaw il-viżibbiltà ta' kwalunkwe informazzjoni kondiviża mill-minorenni u l-interazzjonijiet tagħhom ma' riċevituri oħra tas-servizz, il-miżuri li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, is-sikurezza, id-drittijiet fundamentali u l-benesseri tal-minorenni li jistgħu jaċċessaw IA ħbieb u sistemi ta' chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali, il-miżuri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fuq il-logħob online, u l-miżuri li jiżguraw il-kapaċità li l-minorenni jieħdu azzjoni. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-miżuri dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment jibqgħu effettivi u jżommu l-pass mal-prattiki. Tali emendi għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni.

(49) Sabiex tiġi vverifikata r-responsabbiltà tal-ġenituri għall-fini tal-ħolqien ta' kont mill-kustodju għall-benefiċċju ta' minorenni, jenħtieġ li l-fornituri jkunu jistgħu jużaw sinjali li jirriżultaw mill-bażijiet tad-data aċċessibbli għall-pubbliku fil-livell tal-Istati Membri, bħal dawk relatati mal-edukazzjoni jew mar-reġistri pubbliċi tat-twelid, li l-adult rispettiv ikun kustodju tal-minorenni kkonċernat. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet il-fornituri jista' diġà jkollhom sinjal li adult huwa kustodju ta' minorenni, bħal fil-każ ta' interazzjonijiet preċedenti mas-servizz mill-minorenni kkonċernat u l-

adult rispettiv. Barra minn hekk, l-adulti għandhom ikunu jistgħu jiddikjaraw huma stess li jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Meta ssir tali awtodikjarazzjoni, il-fornituri jenħtieġ li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jivverifikaw li l-adult huwa l-kustodju tal-minorenni kkonċernat. Tali verifika jenħtieġ li titwettaq b'mod li jirrispetta l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari l-minimizzazzjoni tad-data permezz tal-użu tal-hekk imsejħa "prova li turi konoxxenza zero", u jenħtieġ li ma twassalx għal ipproċessar addizzjonali ta' data personali li jippermetti d-determinazzjoni tal-identità jew it-traċċar tal-adult jew tal-minorenni kkonċernat. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-miżuri li l-fornitur jenħtieġ li jkun jista' jieħu biex jikkonforma mal-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex temenda dan ir-Regolament billi tispeċifika l-prova u s-sinjali li jistgħu jindikaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tesplora aktar ir-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali għall-possibbiltà li tinkludi l-verifika tal-età tal-UE bħala għodda għall-verifika tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

(50) Il-valutazzjoni tal-età tal-utent hija meħtieġa għall-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni ma' servizzi ta' networking soċjali online, pjattaformi ta' video-sharing li huma soġġetti għal età minima, aċċess għal applikazzjonijiet tas-software mhux xierqa għall-età u li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni permezz ta' miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment. Il-metodi użati jenħtieġ li jkunu preċiżi (tali akkuratezza jenħtieġ li tiġi vvalutata regolarment skont metriċi xierqa, ċari u disponibbli għall-pubbliku, f'ċirkostanzi tal-ħajja reali u jippermettu d-determinazzjoni korretta ta' utent li jilħaq il-limitu tal-età), affidabbli (biex metodu jkun affidabbli, jenħtieġ li jiġi minn sors affidabbli, ikun disponibbli kontinwament fi kwalunkwe ħin, u jaħdem f'ċirkostanzi differenti tad-dinja reali), robusti (jenħtieġ li ma jkunx faċli li jiġi evitat), u jenħtieġ li ma jkunux intrużivi (ma jirrikjedux li r-riċevituri tas-servizz jiżvelaw l-identità tagħhom, l-età preċiża jew data personali oħra fejn l-istabbiliment li jkun intlaħaq limitu tal-età rilevanti jkun biżżejjed) u lanqas diskriminatorji (il-metodu magħżul jenħtieġ li jkun xieraq u disponibbli għall-utenti kollha irrispettivament mid-diżabilità, il-lingwa, l-isfond etniku, ta' ġeneru, reliġjuż u ta' minoranza). Meta s-soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti, jenħtieġ li dawn ma jitqisux konformi ma' dan ir-Regolament. Is-sempliċi awtodikjarazzjoni mir-riċevituri tas-servizz mhijiex soluzzjoni suffiċjenti ta' aċċertament tal-età għall-fini ta' konformità ma' dan ir-Regolament, u jenħtieġ li, waħedha, ma titqiesx bħala miżura xierqa u lanqas effettiva meta l-protezzjoni tal-minorenni tirrikjedi determinazzjoni affidabbli tal-età.

(51) Ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar l-aċċertament tal-età jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari l-prinċipji tal-limitazzjoni tal-fini u l-minimizzazzjoni tad-data kif previst fl-Artikolu 5(1), il-punti (b) u (c), tiegħu, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jwasslux lill-fornituri ta' servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni biex iżommu, jakkwistaw jew jipproċessaw aktar data personali minn dik strettament teknikament meħtieġa biex jiġi vvalutat jekk ir-riċevitur tas-servizz huwiex minorenni. Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni jenħtieġ li ma jipproċessawx aktar din l-informazzjoni jew jikkombinawha ma' data addizzjonali għal kwalunkwe skop ieħor. L-obbligi tal-protezzjoni tad-data jenħtieġ li jkunu applikabbli kemm għall-fornituri ta' servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni kif ukoll għal

kwalunkwe parti terza involuta fl-aċċertament tal-età, bħall-fornituri ta' soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età. Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' privatezza u protezzjoni tad-data, is-soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età użati jenħtieġ li jkunu bbażati fuq teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u jkunu prova li turi konoxxenza zero.

(52) Sabiex tiġi evitata frizzjoni bla bżonn għall-utenti u biex jiġu limitati l-każijiet li jirrikjedu valutazzjoni tal-età, il-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u l-fornituri tas-servizzi u tas-sistemi soġġetti għall-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu III jenħtieġ li jkunu jistgħu jaħżnu fir-rigward ta' kont sinjal tal-età li jikkonferma li utent diġà laħaq limitu ta' età partikolari. Għall-fornituri ta' applikazzjoni tas-software, dan ifisser li ma għandha ssir l-ebda assigurazzjoni għall-utenti li diġà wrew li laħqu l-limitu tal-età meta jippruvaw jaċċessaw jew jixtru applikazzjonijiet tas-software soġġetti għall-istess limitu jew għal limitu aktar baxx. Id-data personali pproċessata f'tali sinjali tal-età jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ għal dak l-għan u jenħtieġ li ma tintuża għall-ebda skop ieħor.

(53) L-aċċertament tal-età hija terminu ġeneriku għal metodi differenti ta' aċċertament tal-età, inklużi kemm il-verifika tal-età kif ukoll l-istima tal-età. Sabiex jiġi żgurat li r-riċevituri tas-servizz ikunu laħqu l-età minima, jew fejn is-servizz jikkonċerna servizz adattat għat-tfal, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online jew ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing fl-ambitu tal-aċċess diferit jenħtieġ li jistabbilixxu soluzzjonijiet xierqa ta' verifika tal-età fil-mument tal-ħolqien tal-kont. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità u jiġi promoss approċċ affidabbli, interoperabbli u li jippreserva l-privatezza għall-verifika tal-età madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-fornituri jużaw esklużivament soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età li jiddependu fuq l-attestazzjoni ta' prova tal-età tal-UE li tkun iċċertifikata bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, li hija stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1035 u li huma elenkati fil-lista tal-UE ta' Soluzzjonijiet ta' Verifika tal-UE u fil-lista tal-UE ta' fornituri ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE. Is-Soluzzjoni tal-UE għall-Verifika tal-Età li fuqha jiddependu l-fornituri għandha tiġi pprovduta minn parti terza indipendenti. L-istandards u l-kriterji meħtieġa għal verifika effettiva ħafna tal-età huma stabbiliti fl-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, u kwalunkwe parti terza ċċertifikata bħala konformi ma' din l-iskema jenħtieġ li titqies bħala li tipprovdi provi validi tal-età. Sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' privatezza, sigurtà, akkuratezza, affidabbiltà u nonintrużività, il-fornituri tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età u s-soluzzjonijiet ta' verifika tal-età ma għandhom jitqiesu konformi mal-obbligi fir-Regolament biex tiġi vvalutata l-età mis-Soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età u l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE. Dawn is-Soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età u l-Attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE jenħtieġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iskema tal-UE għall-verifika tal-età, bħall-użu ta' Prova li Turi Konoxxenza Zero biex jiġi evitat it-traċċar tal-identità u l-konnessjoni online. Ladarba jiġi stabbilit li l-fornituri tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età u tas-soluzzjoni ta' verifika tal-età jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti, u jiġu nnotifikati bħala tali mill-Istati Membri, jenħtieġ li jiġu elenkati fil-lista tal-UE ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età u fil-lista tal-UE ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età.

(54) Għall-fini tal-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment stabbiliti fil-Kapitolu III, il-fornituri jenħtieġ li jitħallew jużaw ukoll soluzzjonijiet alternattivi ta' aċċertament tal-età minflok verifika tal-età, meta dawk is-soluzzjonijiet jipprovdu livell għoli ta' akkuratezza, affidabbiltà, sigurtà, robustezza, nonintrużività, privatezza u nondiskriminazzjoni.

(55) F'każijiet meta r-riċevituri tas-servizzi u tas-sistemi msemmija fil-paragrafi 1 u 4 iqisu li l-eżitu tal-aċċertament tal-età ma jkunx korrett, jenħtieġ li jkollhom aċċess għal mekkaniżmu intern effettiv għat-trattament tal-ilmenti. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jippermetti li l-ilmenti jitressqu b'mezzi elettroniċi u mingħajr ħlas, u jenħtieġ li jkun faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent. Sabiex jiġi żgurat rimedju effettiv, jenħtieġ li l-forniturijittrattaw tali lmenti b'mod diliġenti, imparzjali u mingħajr dewmien żejjed. Meta fornitur ta' sistema operattiva jkun kiseb, f'konformità ma' dan ir-Regolament, sinjal tal-età ta' utent, dak il-fornitur jenħtieġ li, bil-kunsens tal-utent, jippermetti l-kondiviżjoni ta' dak is-sinjal tal-età mal-forniturifil-kamp ta' applikazzjoni meta dan ikun meħtieġ għall-konformità ma' dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li ma jwassalx għall-ipproċessar ta' xi data addizzjonali għajr dik strettament meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament. Dan l-obbligu fuq il-forniturituas-sistemi operattivi, jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-forniturili jivvalutaw u jivverifikaw l-età biex jiżguraw li s-sinjal tal-età jkun inkiseb f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(56) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-iskema ta' verifika tal-età tal-UE madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa bħala bażi għall-funzjonament tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, inklużi l-proċeduri għad-dimostrazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità tas-soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età u tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE mill-awtoritajiet pubbliċi.

(57) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi ta' aċċertament tal-età, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li soluzzjoni ta' aċċertament tal-età tikseb livell għoli ta' akkuratezza, affidabbiltà, sigurtà, robustezza, nonintrużività, privatezza, u nondiskriminazzjoni u tispeċifika r-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi żgurata l-kondiviżjoni sigura, interoperabbli u li tippreserva l-privatezza u tas-sinjali tal-età.

(58) L-eżerċizzju effettiv tal-possibbiltà tal-ħolqien ta' kont tal-ġenituri għall-benefiċċju ta' minorenni u għall-użu effettiv ta' għodod għall-kustodji skont dan ir-Regolament jirrikjedi li l-adulti bir-responsabbiltà tal-ġenituri jkollhom aċċess għall-mezzi meħtieġa biex jagħtu prova ta' tali responsabbiltà tal-ġenituri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu mill-inqas mezz elettroniku wieħed li jippreserva l-privatezza li permezz tiegħu il-kustodju jista' jikseb u jippreżenta attestazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' minorenni. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tali mezzi jkunu bbażati fuq sorsi awtentiċi stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, ikunu mingħajr ħlas għall-kustodju, u ma jinvolvux li l-informazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ssir aċċessibbli għall-fornituri jew għall-pubbliku lil hinn mill-konferma li teżisti r-responsabbiltà tal-ġenituri. Tali mezzi elettroniċi li jippreservaw il-privatezza jenħtieġ li jkunu aċċessibbli b'mod effettiv għall-kustodji u l-minorenni kollha li jirrisjedu fit-territorju tagħhom, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-persuni b'aċċess jew ħiliet diġitali limitati, u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħar-refuġjati u l-familji spostati.

(59) Jenħtieġ li l-ebda minorenni m'għandu jiġi mċaħħad mill-protezzjoni prevista f'dan ir-Regolament, u l-ebda kustodju m'għandu jiġi mċaħħad mill-mezzi biex jeżerċita din il-protezzjoni, minħabba s-sitwazzjoni amministrattiva, soċjali jew ta' residenza tal-familja. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-attestazzjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu jistgħu jinkisbu wkoll minn familji li ċ-ċirkostanzi

tagħhom ma jkunux riflessi fir-rekords ordinarji tal-istat ċivili, inklużi familji rifuġjati u spostati u kustodji maħtura legalment ta' minorenni mhux akkumpanjati, abbażi ta' deċiżjonijiet jew attestazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti.

(60) Il-verifika tal-età effettiva madwar l-Unjoni tirrikjedi li r-riċevituri tas-servizz ikollhom aċċess għal mezzi xierqa biex jiksbu l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età. Mingħajr id-disponibbiltà tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età, ir-riċevituri tas-servizz ma jitħallewx jaċċessaw is-servizzi sempliċiment minħabba li ma jkollhomx aċċess għal mezz biex jivverifikaw l-età tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw id-disponibbiltà fit-territorju tagħhom ta' mezzi differenti biex tinkiseb l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età, bħal permezz ta' karti tal-identità u passaporti bijometriċi, skemi tal-identità diġitali, applikazzjonijiet ta' partijiet terzi jew verifika fiżika tal-età. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawn il-mezzi għall-kisba tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età jippermettu lir-riċevituri jippruvaw li jissodisfaw il-limiti tal-età stabbiliti f'dan ir-Regolament Dan jenħtieġ li jinkludi l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età għal tfal iżgħar. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li s-soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età tkun disponibbli mingħajr ħlas. L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet pubbliċi għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet pubbliċi maħtura fit-territorju tagħhom, flimkien ma' kwalunkwe bidla sussegwenti, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed dwar is-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE ċċertifikati bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, flimkien maċ-ċertifikat ta' konformità korrispondenti, kif ukoll dwar kwalunkwe sospensjoni jew irtirar sussegwenti ta' tali ċertifikat. Sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età jew ta' attestazzjoni ta' prova tal-età tal-UE li tkun ġiet iċċertifikata u li tkun ġiet inkluża fil-listi msemmija fl-Artikolu 30(1) jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jirrestringux jew ifixklu l-użu fit-territorju tagħhom ta' soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età li diġà ġiet inkluża f'dik il-lista permezz ta' nomina ta' Stat Membru ieħor.

(61) Ir-rekwiżiti tal-età stabbiliti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw b'mod effettiv kemm għall-kontijiet ġodda kif ukoll għal dawk eżistenti. Il-forniturі ta' servizzi u sistemi soġġetti għall-età minima jenħtieġ għalhekk li jistabbilixxu, f'perjodu ta' żmien xieraq, jekk ir-riċevituri ta' servizzi jew l-utenti ta' sistemi li jżommu kontijiet eżistenti jkunux laħqu l-età minima applikabbli. Jenħtieġ li l-forniturі ma jkunux meħtieġa jwettqu verifika tal-età ġdida meta jkunu jistgħu jistabbilixxu bi grad għoli ta' fiduċja li l-età minima applikabbli tkun diġà ntlaħqet, inkluż, fejn xieraq, abbażi tad-data li fiha nħoloq il-kont eżistenti. L-istess prinċipju jenħtieġ li japplika meta l-forniturі jkunu meħtieġa jivverifikaw l-età biex jiddistingwu l-adulti mill-minorenni għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, kif ukoll għall-forniturі ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, sabiex jipprevjenu lill-minorenni milli jaċċessaw jew jixtru applikazzjonijiet li ma jkunux xierqa għall-età tagħhom jew li jkunu soġġetti għal restrizzjonijiet ta' età skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni jew skont il-liġi nazzjonali adottata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Dan l-approċċ huwa maħsub biex jevita li r-riċevituri kollha tas-servizz ikunu meħtieġa jgħaddu minn verifika tal-età jew aċċertament tal-età fejn diġà jkun hemm grad għoli ta' fiduċja li utent huwa adult, pereżempju abbażi ta' informazzjoni

affidabbli bħal permezz ta' dettalji tal-karta ta' kreditu miksuba preċendentement u b'mod leġittimu. Il-fiduċja għolja jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni mistennija fil-prattika fuq il-bażi sħiħa tal-utenti. Sabiex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza effettiva tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna, jenħtieġ li dawk il-fornituri jistabbilixxu minn qabel kif beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti dwar il-kontijiet eżistenti u fejn applikabbli, kif beħsiebhom jiddependu fuq l-eċċezzjonijiet rilevanti.

(62) Sabiex jiġi żgurat li l-kontijiet eżistenti jinġiebu f'konformità mal-obbligi tal-età minima, il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna għandhom, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien ta' 6 xhur, jippreżentaw lill-awtorità kompetenti pjan ta' implimentazzjoni dettaljat li jikkorrobora l-livell għoli ta' fiduċja meħtieġ. Għal dan l-għan, il-pjan jenħtieġ li jistabbilixxi deskrizzjoni skematika tal-pipeline kollu tal-proċess użat biex tiġi ddeterminata l-età tal-utenti eżistenti, flimkien ma' rendikont ċar ta' kull għodda jew miżura teknika u r-regoli sottostanti tad-deċiżjoni. Fejn rilevanti, jenħtieġ li din tkun appoġġata minn evidenza robusta tal-prestazzjoni f'ċirkostanzi tal-ħajja reali, miksuba minn kampjun statistikament rappreżentattiv tal-bażi sħiħa tal-utenti — jenħtieġ li tintwera r-rappreżentattività tal-kampjun fir-rigward tas-sinjali tal-età rilevanti — u jenħtieġ li tippreżenta l-akkuratezza, il-preċiżjoni u s-sejħa lura għar-riċevituri taħt l-età, kif ukoll matriċi ta' konfużjoni sħiħa b'kategoriji ta' età dettaljati, flimkien ma' deskrizzjoni ta' kif inkiseb il-kampjun u kif ġew stabbiliti t-tikketti tal-età. Meta s-sena tal-ħolqien tal-kont tiġi invokata bħala deroga, jenħtieġ li l-pjan jipprovdi wkoll evidenza empirika u l-fiduċja statistika li dan is-sinjal uniku huwa biżżejjed biex jiġi dedott li l-utent ikun laħaq l-età minima applikabbli. Il-pjan għandu jiddeskrivi wkoll kif il-fornitur se jimmonitorja li l-prestazzjoni mistennija tkun inkisbet, pereżempju permezz ta' awditu ta' wara l-implimentazzjoni. Fl-aħħar nett, il-pjan jenħtieġ li juri li l-miżuri proposti jirrispettaw il-prinċipji ġenerali tal-aċċertament tal-età stabbiliti f'dan ir-Regolament, inklużi l-akkuratezza, l-affidabbiltà, is-sigurtà, ir-robustezza, in-nonintrużività, il-privatezza u n-nondiskriminazzjoni.

(63) Filwaqt li jirrikonoxxu li l-protezzjoni effettiva tal-minorenni teħtieġ mhux biss miżuri regolatorji iżda wkoll sensibilizzazzjoni, edukazzjoni u awtonomizzazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu strateġiji nazzjonali li jibnu fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Deċennju diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK +) tal-11 ta' Mejju 2022 u n-network tagħha ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur b'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, linji telefoniċi għall-għajnuna li jappoġġaw lit-tfal, lill-kustodji u lill-edukaturi u hotlines biex jirrapportaw kontenut illegali suspettat. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu diġitali tal-minorenni sabiex, sa meta jilħqu l-età minima, ikunu jistgħu jifhmu r-riskji tal-ambjent online kopert minn dan ir-Regolament, jużaw is-servizzi u s-sistemi diġitali b'mod sikur u kritiku, u jagħmlu użu infurmat mill-protezzjonijiet, mis-settings u mill-għodod li l-fornituri huma meħtieġa jagħmlu disponibbli. Il-minorenni, u l-kustodji tagħhom, jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli, mingħajr ħlas u kunfidenzjali fil-livell nazzjonali għal mezzi li permezz tagħhom il-minorenni jistgħu jfittxu assistenza fir-rigward tal-ħsara indirizzata minn dan ir-Regolament, inklużi kuntatt mhux mixtieq u bullying ċibernetiku f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku "Safer online, stronger together" (Aktar sikuri online, aktar b'saħħitna flimkien) tal-10 ta' Frar 2026. Dawk il-mezzi jenħtieġ li jikkomplementaw l-għodod ta' rapportar u ta' appoġġ

ipprovduti skont dan ir-Regolament, ikunu kapaċi jipprovdu assistenza rapida, u jidderieġu lill-minorenni lejn aktar sorsi ta' appoġġ disponibbli fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li jkun possibbli li dawn l-attivitajiet jiġu appoġġati, inklużi dawk imwettqa miċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur, permezz ta' finanzjament tal-Unjoni disponibbli taħt il-programmi u l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni stabbiliti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali, bħall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. Sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw il-miżuri meħuda lill-Kummissjoni, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri.

(64) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/2065. Sabiex jiġu żgurati superviżjoni u infurzar effettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065 japplika sal-punt li d-dispożizzjonijiet rilevanti jirregolaw lill-fornituri tas-servizzi intermedjarji fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha setgħat esklużivi biex tissorvelja u tinforza l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament li japplikaw għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

(65) Bl-istess mod, biex jiġi evitat it-trikkib u tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas orizzontali eżistenti applikabbli għas-sistemi tal-IA skont ir-Regolament (UE) 2024/1689, l-infurzar tar-rekwiżiti speċifiċi tas-sikurezza previsti f'dan ir-Regolament għall-IA ħbieb u għaċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-qafas u l-proċeduri superviżorji u ta' infurzar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689.

(66) Il-fornituri tal-logħob online li huma pjattaformi tal-logħob vidjo huma soġġetti għall-istruttura ta' superviżjoni u infurzar skont ir-Regolament (UE) 2022/2065. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-infurzar skont dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-fornituri tal-logħob online li huma logħob vidjo jenħtieġ li tkun kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni tal-fornitur.

(67) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-applikazzjoni konsistenti madwar l-Unjoni, u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern li tirriżulta minn interpretazzjonijiet nazzjonali diverġenti, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jadottawx deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni, il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali u l-awtoritajiet kompetenti, meta applikabbli, jenħtieġ li jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u jikkoordinaw l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom biex jiżguraw infurzar koerenti, effettiv u komplementari ta' dan ir-Regolament minn naħa waħda, u tar-Regolamenti (UE) 2022/2065 u 2024/1689 min-naħa l-oħra, inkluż billi jużaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065.

(68) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmira li tadotta deċiżjoni finali fi żmien 90 jum mill-ftuħ tal-proċedimenti għal ksur suspettat ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tikkomunika wkoll is-sejbiet preliminari tagħha lill-fornitur ikkonċernat fi żmien 30 jum mill-ftuħ tal-proċedimenti.

(69) Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha r-riżorsi kollha meħtieġa, f'termini ta' persunal, għarfien espert u mezzi finanzjarji, biex twettaq il-kompiti kollha tagħha skont dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tar-riżorsi meħtieġa għas-superviżjoni adegwata fil-livell tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob tariffa superviżorja annwali, li l-livell tagħha jenħtieġ li jiġi stabbilit fuq bażi

annwali, fuq il-forniturи ta' servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, li għandha kompetenza superviżorja fir-rigward tal-konformità mal-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament u li huma ddeżinjati bħala pjattaformi online kbar ħafna skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065. It-tariffa superviżorja annwali meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament fil-konfront ta' dawk il-forniturи jenħtieġ li tiġi integrata fit-tariffa superviżorja imposta fuq tali forniturи ta' pjattaformi online kbar ħafna skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2022/2065. B'mod simili għal dik it-tariffa superviżorja, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mit-tariffa superviżorja annwali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri riżorsi umani addizzjonali fil-Kummissjoni, inklużi uffiċjali, aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali. Fl-aħħar nett, il-limitu massimu fuq it-tariffa superviżorja introdotta f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jittieħed flimkien mal-limitu massimu stabbilit fir-Regolament (UE) 2022/2065 u jenħtieġ li jiżgura li r-riżorsi ġenerali tal-Kummissjoni jkunu biżżejjed biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2022/2065.

(70) L-ammont globali tat-tariffa superviżorja annwali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi l-kostijiet relatati mal-eżerċizzju tas-setgħat u l-kompiti speċifiċi tal-Kummissjoni ta' superviżjoni, monitoraġġ, investigazzjoni, u infurzar fir-rigward tal-forniturи tal-pjattaformi online kbar ħafna u tal-magni tat-tiftix kbar ħafna koperti minn dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li tinkludi l-kostijiet relatati mal-istabbiliment, il-manutenzjoni u t-tħaddim tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, inkluż il-finanzjament relatat ma' attivitajiet li jikkonċernaw l-introduzzjoni tas-soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-Età madwar l-UE u l-iżvilupp tal-għarfien espert u l-kapaċitajiet skont l-Artikolu 36. Madankollu, jenħtieġ li t-tariffa superviżorja annwali individwali ma taqbiżx limitu massimu ġenerali għal kull fornitur ta' pjattaformi online kbar ħafna filwaqt li titqies il-kapaċità ekonomika tal-fornitur tas-servizz jew tas-servizzi dežinjati.

(71) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika r-regoli u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2022/2065 meta timponi t-tariffa superviżorja annwali skont dan ir-Regolament.

(72) Fid-dawl tal-importanza tal-protezzjoni tat-tfal, jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali u mal-Bord, tiżviluppa l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tal-Unjoni fir-rigward tas-superviżjoni tas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(73) Minħabba l-importanza tal-impatt tas-servizzi u s-sistemi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-protezzjoni tal-minorenni, in-nuqqas mill-forniturи li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà u li jikkonformaw mal-obbligi speċifiċi applikabbli għalihom jista' malajr jaffettwa serjament għadd sostanzjali ta' minorenni li jużaw is-servizzi jew is-sistemi tagħhom fi Stati Membri differenti u jista' jikkawża ħsara sostanzjali, filwaqt li tali nuqqasijiet jistgħu jkunu wkoll partikolarment kumplessi biex jiġu identifikati u indirizzati f'waqthom. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li tiżviluppa l-għarfien espert u l-kapaċitajiet tal-Unjoni, inkluż l-istabbiliment ta' networks għall-kondiviżjoni tal-għarfien, biex tirrispondi malajr għal inċidenti bħal dawn li jaffettwaw il-protezzjoni tal-minorenni. Tali inċidenti jenħtieġ li jinftiehmu bħala sitwazzjonijiet li qed jevolvu malajr li jseħħu fl-UE jew barra minnha, b'dimensjoni online u b'konnessjoni preżunta mal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jaffettwaw serjament u b'mod negattiv il-privatezza, is-sikurezza, is-sigurtà jew is-

saħħa u l-benesseri tal-minorenni, is-servizz fl-Unjoni, u li jirrikjedu rispons immedjat, bħal sfidi perikolużi jew ta' ħsara li jiċċirkolaw fost il-minorenni u li jippreżentawhom f'riskju immedjat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkoordina u tiddependi fuq l-għarfien espert u r-riżorsi tal-awtoritajiet kompetenti, pereżempju billi tanalizza, fuq bażi permanenti jew temporanja, xejriet jew kwistjonijiet speċifiċi li jirriżultaw fir-rigward ta' dawk is-sitwazzjonijiet li qed jevolvu malajr li għandhom impatt fuq is-saħħa, il-benesseri, il-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' tali kapaċitajiet, inkluż permezz tas-sekondar ta' persunal fejn xieraq, u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' kapaċità superviżorja komuni tal-Unjoni, kif ukoll arranġament amministrattiv li jistabbilixxi proċeduri biex jiġi ffaċilitat rispons rapidu f'każ ta' inċident li jaffettwa l-protezzjoni tal-minorenni. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu livelli minimi ta' tħejjija għall-awtoritajiet nazzjonali biex jiżguraw mezzi ta' komunikazzjoni regolari bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u partijiet terzi u jimmappjaw u fejn rilevanti protokolli ta' reazzjoni għall-inċidenti fil-livell nazzjonali.

(74) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tat-tfal, rikonoxxuti mill-Karta u d-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi interpretat u applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet fundamentali, inkluż ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja minquxa fl-Artikolu 7 tal-Karta, il-protezzjoni tad-data personali minquxa fl-Artikolu 8 tal-Karta, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inklużi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta, in-nondiskriminazzjoni minquxa fl-Artikolu 21 tal-Karta, u r-rispett tad-drittijiet tat-tfal minquxa fl-Artikolu 24 tal-Karta. Meta jeżerċitaw is-setgħat stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet pubbliċi kollha involuti jenħtieġ li jiksbu, f'sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet fundamentali rilevanti jinsabu f'kunflitt, bilanċ ġust bejn id-drittijiet ikkonċernati, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

(75) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li jiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tat-tfal ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba li ma jistgħux jiksbu l-armonizzazzjoni u l-kooperazzjoni meħtieġa jekk jaġixxu waħedhom, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni territorjali u personali, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(76) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u ta l-opinjoni tiegħu fi [DATA].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 — Suġġett

Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-minorenni online fl-Unjoni billi jistabbilixxi regoli armonizzati għal ambjent online għall-minorenni li huwa sikur u li jagħtihom is-setgħa, inkluż il-prinċipju tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Jispeċifika u jikkomplementa r-Regolament (UE) 2022/2065, u jikkomplementa r-Regolament (UE) 2024/1689. B'mod partikulari, dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) età minima armonizzata għall-ħolqien ta' kont ma' servizzi ta' networking soċjali online u servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing;

(b) rekwiżiti armonizzati tas-sikurezza għas-servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, pjattaformi tal-logħob vidjo, u ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u rekwiżiti armonizzati tas-sikurezza għall-protezzjoni tal-minorenni online għal-logħob vidjo, IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali;

(c) regoli armonizzati dwar l-aċċertament tal-età online.

Artikolu 2 — Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-fornituri tas-servizzi jew tas-sistemi aċċessibbli għall-minorenni li ġejjin:
   (a) servizzi ta' networking soċjali online;
   (b) servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing;
   (c) ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software
   (d) logħob online;
   (e) sistemi operatorji;
   (f) IA ħbieb;
   (g) chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali.
2. Għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (e), dan ir-Regolament japplika għall-fornituri ta' servizzi irrispettivament mill-post fejn ikunu stabbiliti u li joffru dawk is-servizzi lil riċevituri tas-servizz li jkunu stabbiliti jew li jkunu jinsabu fl-Unjoni.
3. Għas-sistemi tal-IA msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (f) u (g), dan ir-Regolament japplika għall-fornituri li jintroduċu fis-suq jew li jqiegħdu fis-servizz tali sistemi tal-IA fl-Unjoni, irrispettivament minn fejn ikunu stabbiliti jew jinsabu dawk il-fornituri.
4. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-fornituri ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
   (a) enċiklopediji online mingħajr skop ta' qligħ;
   (b) repożitorji edukattivi u xjentifiċi mingħajr skop ta' qligħ;
   (c) servizzi u sistemi li huma mfassla għal skopijiet primarjament edukattivi, u mħaddma minn stabbilimenti jew organizzazzjonijiet edukattivi, jew f'isimhom;
   (d) pjattaformi tal-iżvilupp u l-kondiviżjoni ta' software b'sors miftuħ, sakemm il-pjattaforma nnifisha ma tikkostitwixxix sistema tal-IA fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolament (UE) 2024/1689;

(e) servizzi u sistemi żviluppati speċifikament u mħaddma għall-iskop uniku tar-riċerka u tal-iżvilupp tax-xjenza;

(f) servizzi u sistemi mfassla, żviluppati u maħddma mill-awtoritajiet pubbliċi u għall-użu esklużiv ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom.

5. Fejn ġustifikat fid-dawl tar-riskji potenzjali għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni ppreżentati minn servizz jew sistema jew fejn servizz jew sistema joħolqu tali riskju li jkun ekwivalenti għal, jew inqas minn, ir-riskji ppreżentati mis-servizzi jew is-sistemi diġà msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 biex temenda l-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu billi żżid tipi oħra ta' servizzi jew sistemi mal-lista ta' servizzi jew sistemi eżentati jew billi tneħħi servizzi jew sistemi minn dik il-lista.

6. Il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, u pjattaformi tal-logħob vidjo soġġetti għall-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 li jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' dak l-Artikolu għal kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tas-sistemi tal-IA li jiġu varati bħala funzjonalità tal-pjattaformi online fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 fil-forniment ta' dak is-servizz.

7. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stipulati minn atti legali oħra tal-Unjoni li jirregolaw aspetti oħra tal-forniment ta' servizzi intermedjarji u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għas-sistemi tal-IA fis-suq intern, inkluż dawn li ġejjin:

(a) id-Direttiva 2010/13/UE[8];

(b) Id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti, inkluż id-Direttivi 2005/29/KE, 2011/83/UE, (UE) 2019/770, id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, u r-Regolamenti (UE) 2019/1020, (UE) 2023/988 u (UE) 2024/1689;

(c) id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE;

(d) id-Direttiva (UE) 2024/1385[9].

Artikolu 3 — Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "pjattaforma online", "riċevitur tas-servizz", "interfaċċa online", "sistema ta' rakkomandazzjoni" stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "servizz ta' networking soċjali online", "servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing", u "ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software" stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2022/1925. Dawk is-servizzi għandhom jitqiesu bħala "pjattaforma online"

[8] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj).

[9] Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU L, 24.05.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1385/oj).

skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2022/2065 għall-fini ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "sistema tal-IA" u "mudell tal-IA bi skop ġenerali" stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689; id-definizzjoni ta' "fornitur" kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (3), ta' dak ir-Regolament għandha tapplika fir-rigward tas-sistemi tal-IA irregolati minn dan ir-Regolament.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandha tapplika d-definizzjoni ta' "sistema operattiva" stabbilita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2022/1925.

5. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) "minorenni" jew "tfal" tfisser kwalunkwe persuna fiżika taħt l-età ta' 18-il sena;

(b) "kustodju" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha r-responsabbiltà ta' ġenitur fuq minorenni skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(c) "IA ħabiba" tfisser sistema tal-IA, inkluża sistema tal-IA bi skop ġenerali, li tipprovdi interazzjoni jew kumpanija sostnuta u personalizzata li tissimula jew tiffaċilita relazzjoni soċjali, emozzjonali jew interpersonali ma' utent;

(d) "chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali" tfisser sistema tal-IA bi skop ġenerali b'funzjonalitajiet ta' konverżazzjoni ġenerali għal interazzjoni diretta mal-utenti li tkun kapaċi tipprovdi assistenza f'diversi oqsma u kompiti; din id-definizzjoni teskludi sistemi tal-IA li l-funzjonalità ta' konverżazzjoni tagħhom tkun limitata għal servizz speċjalizzat, kompitu jew sett predefinit ta' funzjonijiet, inkluż servizz speċjalizzat għall-klijenti, operazzjoni tan-negozju, appoġġ tekniku, applikazzjonijiet tal-IA tranżazzjonali, edukattivi, għall-irkupru tal-informazzjoni, industrijali jew tal-manifattura;

(e) "logħob online" tfisser logħba vidjo jew pjattaforma tal-logħob vidjo;

(f) "logħba vidjo" tfisser servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni kif definit fl-Artikolu 1(1), il-punt (b), tad-Direttiva (UE) 2015/1535, li jippermetti lir-riċevituri tas-servizz jinvolvu ruħhom, permezz ta' applikazzjoni aċċessata lokalment jew remotament, inkluż permezz tal-użu ta' mezz durabbli u li jinvolvi interazzjoni ma' interfaċċa tal-utent jew apparat ta' input biex jiġi ġġenerat feedback viżiv minn apparat ta' display f'ambjent simulat għal finijiet ta' logħob jew divertiment;

(g) "pjattaforma tal-logħob vidjo" tfisser "pjattaforma online" kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (i) tar-Regolament (UE) 2022/2065, li tinvolvi interazzjoni ma' interfaċċa tal-utent jew apparat ta' input biex jiġi ġġenerat feedback viżiv minn apparat ta' display f'ambjent simulat [għal finijiet ta' logħob jew divertiment];

(h) "verifika tal-età" tfisser proċess jew sistema biex jiġi stabbilit, bi grad għoli ta' ċertezza, jekk ir-riċevitur jew l-utent ta' sistema tas-servizz ikunx laħaq età jew soll ta' età speċifiċi, abbażi tal-informazzjoni derivata minn dokumenti ta' identifikazzjoni jew sorsi affidabbli u vverifikati oħra ta' identifikazzjoni;

(i) "aċċertament tal-età" tfisser is-sett ta' metodi, li jistgħu jintużaw biex tiġi ddeterminata, stmata jew ivverifikata l-età ta' persuna fiżika, li jinkludu l-

istima tal-età u l-verifika tal-età u li jeskludu l-awtodikjarazzjoni mir-riċevituri tas-servizz;

(j) “sinjal tal-età” tfisser kwalunkwe data, attribut, token, kredenzjali, jew informazzjoni oħra pprovduta, trażmessa, jew iġġenerata għall-fini ta’ stabbiliment, verifika, jew dimostrazzjoni ta’ età speċifika, limitu tal-età, jew faxxa ta’ età ta’ individwu;

(k) “Soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età” tfisser soluzzjoni ta’ verifika tal-età li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età u li hija ċċertifikata minn awtorità pubblika u inkluża fil-lista tal-UE ta’ soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età wara notifika minn Stat Membru;

(l) “Lista tal-UE ta’ forniturі ta’ attestazzjonijiet ta’ prova tal-età tal-UE” tfisser il-lista stabbilita u ppubblikata mill-Kummissjoni ta’ forniturі li joħorġu attestazzjonijiet ta’ prova tal-età tal-UE;

(m) “Lista tal-UE ta’ soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età ” tfisser il-lista stabbilita u ppubblikata mill-Kummissjoni ta’ soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età ċċertifikati bħala konformi mal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età u nnotifikati mill-Istati Membri;

(n) “Skema tal-UE għall-Verifika tal-Età” tfisser skema għall-attestazzjoni tal-attributi kif definit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1569 bir-regoli applikabbli għall-forniturі ta’ soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u tal-attestazzjoni ta’ prova tal-età tal-UE, l-approvazzjoni u l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-UE ta’ forniturі ta’ attestazzjonijiet ta’ prova tal-età tal-UE u ċ-ċertifikazzjoni ta’ soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età għall-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-UE ta’ soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età;

(o) “attestazzjoni tal-prova tal-età” tfisser attestazzjoni elettronika tal-attributi, kif definit fl-Artikolu 3(44) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, li tippermetti l-awtentikazzjoni tal-fatt li d-detentur tagħha jissodisfa età, soll tal-età jew faxxa ta’ età partikolari;

(p) “għodod għall-kustodji” tfisser software, karatteristiċi, funzjonalitajiet, jew applikazzjonijiet disinnjati biex jgħinu lill-kustodji jakkumpanjaw l-attività online tal-minorenni biex jiżguraw il-privatezza, is-sikurezza u l-benesseri tagħhom.

Artikolu 4 — Antiċirkomvenzjoni

Forniturі ta’ servizzi ta’ networking soċjali online, ta’ servizzi ta’ pjattaforma ta’ video-sharing, ta’ logħob online, ta’ ħwienet ta’ applikazzjonijiet tas-software, ta’ sistemi operattivi, tal-IA ħbieb, u ta’ chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali:

(a) ma għandhomx ikunu involuti f’imġiba li timmina l-konformità effettiva mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk dik l-imġiba tkunx ta’ natura kuntrattwali, kummerċjali jew teknika, jew ta’ kwalunkwe natura oħra, jew tkun tikkonsisti fl-użu ta’ tekniki komportamentali jew disinn tal-interfaċċa;

(b) għandhom ikunu pprojbiti milli konxjament u intenzjonalment jieħdu kwalunkwe azzjoni oħra li l-għan jew l-effett tagħha, direttament jew indirettament, ikun li jiġu

evitati l-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, bil-ħsieb li tiġi evitata l-konformità ma' dawk l-obbligi.

Artikolu 5 — Notifika u awditu indipendenti ta' pjan tal-konformità

1. Fi żmien 4 xhur min-notifika tad-deċiżjoni li tiddeżinjahom bħala pjattaforma online kbira ħafna skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jkunu ġew iddeżinjati bħala pjattaforma online kbira ħafna skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi pjan tal-konformità li jiddeskrivi b'mod dettaljat il-konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament.

   Għall-fornituri msemmija fl-ewwel subparagrafu diġà ddeżinjati bħala pjattaforma online kbira ħafna skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065, tali notifika għandha ssir fi żmien 30 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

   L-Artikolu 34(3) tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandu japplika mutatis mutandis għad-dokumenti ta' appoġġ ta' dawk in-notifiki.

2. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-konformità tal-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V, dawk il-fornituri għandhom, bi spejjeż tagħhom, jikkummissjonaw awditu tal-pjan tal-konformità nnotifikat skont il-paragrafu 1 minn awditur indipendenti wieħed jew aktar. L-awdituri indipendenti għandu jkollhom, jew iqabbdu esperti b'għarfien espert ippruvat fl-oqsma rilevanti li ġejjin għall-protezzjoni tal-minorenni:

   (a) il-ħarsien u d-drittijiet tat-tfal;

   (b) il-mediċina pedjatrika u l-psikjatrija tat-tfal;

   (c) ix-xjenza tal-iżvilupp;

   (d) l-aċċertament tal-età;

   (e) it-tfassil ta' interfaċċi online u sistemi ta' rakkomandazzjoni;

   (f) protezzjoni tad-data u sigurtà tad-data.

3. L-Artikolu 37(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandu japplika mutatis mutandis għall-awditi mwettqa skont dan l-Artikolu u għall-awdituri indipendenti u kwalunkwe espert imqabbad minnhom. Il-kostijiet tal-awditu għandhom jiġġarrbu mill-fornitur ikkonċernat. Dawn il-kostijiet ma għandhomx jaqbżu r-rati tas-suq għal valutazzjonijiet komparabbli mill-awdituri.

   Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw mal-awdituri indipendenti u għandhom jagħtuhom aċċess għall-informazzjoni, għad-data, għad-dokumenti u għall-persunal kollu rilevanti għat-twettiq tal-awditu.

   Il-fornituri għandhom jiżguraw li kwalunkwe impjegat jew kuntrattur li jkun ikkomunika mal-awditur indipendenti jkun protett minn kwalunkwe azzjoni avversa mill-fornitur.

4. L-awdituri indipendenti kkummissjonati mill-fornitur skont il-paragrafu 2 għandhom:

   (a) jivvalutaw il-pjanijiet ta' konformità ppreżentati mill-fornituri skont il-paragrafu 1 fid-dawl tal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V;

(b) jibagħtu abbozz ta' rapport lill-fornitur, li jista' jissottometti l-kummenti fi żmien 15-il jum minn meta jirċevih;

(c) joħorġu rapport finali, li jqis il-kummenti li jkunu rċevew skont il-punt (b), lill-Kummissjoni u lill-fornitur simultanjament, fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-pjan tal-konformità, li jidentifika kwalunkwe nuqqas fil-miżuri tal-konformità deskritti fih.

5. Wara li jirċievi r-rapport, il-fornitur ikkonċernat għandu jippubblika, mingħajr dewmien żejjed, sommarju tar-rapport finali msemmi fil-paragrafu 4, il-punt (c), li ma għandux ikun fih informazzjoni kunfidenzjali.

6. Meta l-Kummissjoni tikkonkludi permezz ta' deċiżjoni abbażi tar-rapport finali msemmi fil-paragrafu 4, il-punt (c), li l-pjan tal-konformità fih in-nuqqasijiet, il-fornitur ikkonċernat għandu jissottometti lill-Kummissjoni u lill-awditur indipendenti, fi żmien 30 jum minn meta jirċievi r-rapport tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, pjan ta' azzjoni korrettiva li jidentifika miżura korrettiva waħda jew aktar għal kull nuqqas identifikat.

Il-fornitur għandu jidentifika wkoll perjodu raġonevoli, li ma għandux ikun itwal minn 60 jum, għall-implimentazzjoni ta' kull miżura korrettiva fil-pjan ta' azzjoni korrettiva.

L-awditur indipendenti għandu jivverifika l-implimentazzjoni tal-miżuri korrettivi u għandu jirrapporta dwarhom lill-Kummissjoni u lill-fornitur ikkonċernat.

7. Fil-valutazzjoni tal-konformità tal-forniturimsemmija fil-paragrafu 1, mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata tikkunsidra l-pjan tal-konformità msemmi fil-paragrafu 1, ir-rapport finali msemmi fil-paragrafu 4, il-punt (c), u kwalunkwe miżura korrettiva kkomunikata skont il-paragrafu 6 jew kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Kummissjoni tista' tqis rilevanti.

8. La r-rapport finali msemmi fil-paragrafu 4, il-punt (c), u lanqas kwalunkwe azzjoni jew nuqqas tagħha mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dak ir-rapport finali jew tal-pjan tal-konformità, ma għandhom jikkostitwixxu sejba ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament, jew jillimitaw is-setgħat tal-Kummissjoni skont dan ir-Regolament jew skont ir-Regolament (UE) 2022/2065.

9. Il-forniturigħandhom, wara l-ewwel notifika skont il-paragrafu 1, jirrapportaw kull sena dwar il-konformità tagħhom mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament bħala parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju annwali tagħhom imwettqa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

Il-konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament għandha tiġi inkluża fl-awditi indipendenti mwettqa skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

10. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont dan ir-Regolament u skont ir-Regolament (UE) 2022/2065, inkluża s-setgħa li tadotta l-miżuri interim.

11. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu mudelli u metodoloġiji għall-awditi mwettqa skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.

KAPITOLU II — DIFFERIMENT FIL-ĦOLQIEN U L-UŻU TA' KONTIJIET GĦALL-MINORENNI FUQ SERVIZZI TA' NETWORKING SOĊJALI ONLINE U SERVIZZI TA' PJATTAFORMA TA' VIDEO-SHARING

TAQSIMA I — Aċċess diferit għall-minorenni

Artikolu 6 — Differiment fil-ħolqien u l-użu tal-kontijiet

1. Il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing ma għandhomx jippermettu lil persuna fiżika taħt il-15-il sena li toħloq kont ma' dak is-servizz jew li taċċessa dak is-servizz permezz ta' kont, maħluq għaliha, jew attribwit lil dik il-persuna, meta s-servizz ikun ta' riskju għall-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà ta' minorenni taħt dik l-età.

   Servizz għandu jitqies li joħloq riskju għall-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà tal-minorenni taħt il-15-il sena meta jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (d) jippermetti lir-riċevituri li jaċċessaw is-servizz permezz ta' kont biex jittrażmettu l-kontenut f'ħin reali lil għadd indeterminat ta' riċevituri oħra tas-servizz, inkluż permezz ta' streaming dirett ta' kontenut awdjoviżiv;

   (e) jippermetti lir-riċevituri li jaċċessaw is-servizz permezz ta' kont li jikkuntattjaw, jikkomunikaw jew jinteraġixxu b'xi mod ieħor ma' riċevituri oħrajn tas-servizz li ma jkunux parti mill-konnessjonijiet jew mill-abbonamenti preeżistenti tar-riċevitur;

   (f) juża sistema ta' rakkomandazzjoni li hija bbażata fuq it-tfassil tal-profil kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2016/679;

   (g) juża sistema ta' rakkomandazzjoni li, lil riċevitur li jaċċessa s-servizz permezz ta' kont, tissuġġerixxi jew tipprijoritizza suġġerimenti ta' kuntatti jew informazzjoni li ma jkunux ġew ipprovduti minn waħda mill-konnessjonijiet jew mill-abbonamenti preeżistenti tar-riċevitur;

   (h) juża jew jippreżenta funzjonalitajiet, disinji jew karatteristiċi tal-interfaċċa li huma maħsuba biex jippermettu, jew li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli li jippermettu, l-konsum mingħajr interruzzjoni tal-kontenut, li jinċentivaw l-interazzjonijiet mas-servizz jew mal-kontenut jew ma' riċevituri oħra tas-servizz, jew li jittrażmettu notifiki awtomatizzati mfassla biex iħeġġu lill-utent jibda jew jerġa' jibda juża s-servizz.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jistgħu jippermettu lill-kustodji jistabbilixxu kontijiet għal minorenni li għandhom aktar minn 13-il sena u inqas minn 15-il sena b'karatteristiċi limitati sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw is-servizz permezz ta' tali kont limitat. Il-kontijiet bħal dawn għandhom jissodisfaw mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-għodod għall-kustodji previsti fl-Artikolu 20 għandhom dejjem ikunu attivati;

   (b) il-kustodji jkunu jistgħu jistabbilixxu limitu massimu fuq l-ammont ta' ħin f'jum li fih is-servizz jew is-sistema jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' dak il-kont, u li ma għandux ikun iktar minn siegħa kuljum;

(c) ikun possibbli li l-kustodji jistgħu japprovaw minn qabel il-kuntatti ġodda potenzjali u jistabbilixxu limitu massimu fuq l-għadd ta' riċevituri jew utenti oħra fil-kuntatti tal-kont.

3. Meta joħloq kont għal minorenni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-fornitur ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandu jieħu miżuri biex jistabbilixxi jekk il-persuna li toħloq il-kont hijiex il-persuna li għandha r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq dak il-minorenni f'konformità mal-Artikolu 26 u jivverifika li r-riċevitur tas-servizz ikun laħaq l-età ta' 13-il sena f'konformità mal-Artikolu 28(1).

4. Il-fornituri ta' servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom, sa 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jistabbilixxu jekk id-detenturi tal-kontijiet eżistenti użati biex jaċċessaw is-servizz tagħhom humiex taħt l-età ta' 15-il sena. Meta jkun stabbilit li d-detenturi ta' kontijiet eżistenti huma taħt il-15-il sena, il-fornituri tas-servizzi kkonċernati għandhom jiddiżattivaw il-kontijiet tar-riċevituri jew tal-utenti tas-servizz li jkun ġie stabbilit li huma taħt dik l-età jew li fir-rigward tagħhom ma tkunx tista' tiġi stabbilita l-età.

5. Meta l-fornituri ta' servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1 jipproċessaw id-data personali skont l-Artikolu 6(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/679, id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu jenħtieġ li japplikaw b'mod parallel mal-limiti tal-età previsti fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 40, sabiex temenda dan ir-Regolament billi timmodifika u tikkomplementa l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, biex tinkludi karatteristiċi u funzjonalitajiet ġodda jew bidliet f'karatteristiċi jew funzjonalitajiet eżistenti li joħolqu riskju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà online tal-minorenni ekwivalenti għar-riskji ppreżentati mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

TAQSIMA II — Aċċess ikkontrollat mill-kustodji għal minorenni taħt l-età ta' 13-il sena

Artikolu 7 — Aċċess ikkontrollat mill-kustodji għal minorenni taħt l-età ta' 13-il sena

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li s-servizz tagħhom ikun imfassal speċifikament għal minorenni taħt l-età ta' 13-il sena jistgħu b'mod eċċezzjonali jippermettu lil kustodju jħalli minorenni taħt l-età ta' 13-il sena jkollu aċċess limitat għas-servizz permezz tal-kont tal-kustodju stess, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) tali aċċess ikkontrollat mill-kustodju għandu jsir esklużivament mill-kont tal-kustodju stess, u ma għandu jinħoloq l-ebda kont għall-minorenni jew jiġi attribwit kont lilu;

   (b) tali aċċess għandu jkun attivat u kkontrollat permezz tal-għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20 jew settings oħra ta' kontroll mill-ġenituri fil-kont tal-kustodju jew fuq l-apparat tal-kustodju;

   (c) il-fornitur jippermetti espressament, fit-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu, aċċess minn minorenni taħt l-età ta' 13-il sena, filwaqt li jispeċifika fihom b'mod ċar il-firxa ta' etajiet tal-minorenni li għalihom l-aċċess huwa permess soġġett għall-approvazzjoni tal-kustodji;

(d) il-fornitur ikun wettaq u ppubblika, f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' Stat Membru u f'taqsima disponibbli għall-pubbliku tal-interfaċċa online tiegħu, valutazzjoni tal-impatt tas-servizz, jew tal-partijiet rilevanti tiegħu, fuq il-minorenni fil-firxa ta' etajiet speċifikata, li tivvaluta r-riskji u li turi, jekk applikabbli, kif dawn ir-riskji tnaqqsu b'mod effettiv filwaqt li jitqiesu l-gruppi ta' etajiet rilevanti. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu III ma għandhiex awtomatikament tinvolvi mitigazzjoni effettiva ta' tali riskji;

(e) il-fornitur ikun stabbilixxa, b'mod ċar u trasparenti f'taqsima tal-interfaċċa online tiegħu li tkun disponibbli għall-pubbliku, liema kontenut jew imġiba jitqiesu bħala mhux xierqa għall-età jew ta' ħsara għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni fil-firxa ta' etajiet speċifikata fuq is-servizz;

(f) l-aċċess għall-kontenut identifikat skont il-punt (e) ma għandux jingħata lill-minorenni taħt l-età ta' 13-il sena;

(g) il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet disponibbli jiġu adattati, u aġġustati gradwalment, għall-età tal-minorenni ddikjarat skont il-paragrafu 4, il-punt (b);

(h) il-karatteristiċi kollha ta' personalizzazzjoni u s-sistemi ta' rakkomandazzjoni, u kwalunkwe funzjonalità għat-tiftix tal-kontenut kondiviż minn riċevituri oħra tas-servizz, jintfew u ma jkunux jistgħu jiġu attivati, sakemm il-valutazzjoni msemmija fil-punt (d) ma turix li l-attivazzjoni tagħhom hija fl-aħjar interessi tal-minorenni u bl-ebda mod ma taffettwa b'mod negattiv il-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni.

2. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi li fornitur jippermetti l-aċċess minn minorenni taħt l-età ta' 13-il sena, jew bħala li jagħti lil kwalunkwe minorenni jew kustodju dritt ta' aċċess għal servizz li t-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu ma jippermettux tali aċċess jew fejn l-aċċess għas-servizz ikun soġġett għal età minima ogħla skont il-liġi tal-UE jew il-liġi nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-UE.

3. Il-kont li permezz tiegħu jiġi pprovdut aċċess ikkontrollat mill-kustodju skont il-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit, irreġistrat u miżmum esklużivament mill-kustodju. Il-minorenni li jaċċessa s-servizz permezz tal-kont tal-kustodju ma għandux ikun parti għall-kuntratt mal-fornitur. Il-fornitur għandu jieħu l-miżuri biex jistabbilixxi li l-kustodju li jippermetti l-aċċess skont il-paragrafu 1 ikun id-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-minorenni kkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 26.

4. Id-disinn u l-funzjonament tal-aċċess ikkontrollat mill-kustodju pprovdut skont dan l-Artikolu ma għandhomx jirrestringu b'mod sproporzjonat il-privatezza tal-minorenni u għandhom jappoġġaw l-awtonomija u l-aġenzija tal-minorenni, f'konformità mal-kapaċitajiet li qed jevolvu tal-minorenni. L-aċċess ikkontrollat mill-kustodju pprovdut skont dan l-Artikolu għandu jissodisfa mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għodod għall-kustodji previsti fl-Artikolu 20 għandhom jiġu attivati b'mod prestabbilit;

(b) il-kustodju għandu jiddikjara l-età tal-minorenni li għalih huwa attivat l-aċċess u tali aċċess ma għandux ikun attivat għal minorenni taħt l-età ta' 3 snin;

(c) il-kustodju għandu jkun jista' jistabbilixxi tul massimu ta' aċċess kuljum mill-minorenni, li ma għandux ikun iktar minn siegħa;

(d) il-kustodju għandu jkun jista' jissorvelja l-kontenut muri jew rakkomandat lill-minorenni, filwaqt li jqis id-dritt tal-minorenni għall-privatezza u jqis l-aħjar interessi tal-minorenni bħala kunsiderazzjoni primarja;

(e) il-kustodju għandu jkun jista' japprova, jillimita u jneħħi kwalunkwe riċevitur ieħor tas-servizz li miegħu l-minorenni jista' jinteraġixxi permezz tal-kont tal-kustodju;

(f) il-kustodju għandu jkun jista' jissospendi l-aċċess tal-minorenni fi kwalunkwe ħin.

5. L-aċċess ikkontrollat mill-kustodji skont dan l-Artikolu għandu jitwaqqaf meta l-minorenni jilħaq l-età ta' 13-il sena, u li għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-età ddikjarata skont il-paragrafu 4, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħolqien ta' kont skont l-Artikolu 5(2) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 sabiex temenda dan ir-Regolament billi tadatta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 għall-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi, fejn tali bidliet iżommu livell ta' protezzjoni tal-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà online tal-minorenni ekwivalenti għal dak ipprovdut mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU III — SIKUREZZA SA MILL-KONĊEPIMENT

TAQSIMA I — Obbligu ġenerali dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment

Artikolu 8 — Obbligu ġenerali dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, ta' IA ħbieb, ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, irrispettivament minn jekk dawk is-servizzi jew is-sistemi jkunux aċċessibbli b'kont, u inkluż servizzi u sistemi aċċessibbli permezz tal-kontijiet speċifikati fl-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 6(3), għandhom jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni. Il-fornituri ta' tali servizzi jew sistemi għandhom ifasslu dawk is-servizzi u s-sistemi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu b'mod prestabbilit u għandhom jidderogaw biss minn dawk ir-rekwiżiti wara li jkunu stabbilew li r-riċevitur tas-servizz jew l-utent tas-sistema jkun adult, billi jagħmlu użu mill-aċċertament tal-età f'konformità mal-Kapitolu V.

2. Il-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jdewmu l-ħolqien ta' kontijiet skont l-Artikolu 6 u għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-fornituri ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing dwar l-aċċess ikkontrollat mill-kustojdu għall-minorenni, fejn applikabbli, skont l-Artikolu 7.

3. Meta l-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online jew ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing jużaw IA ħbieb jew chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali bħala funzjonalità fil-forniment ta' dawk is-servizzi, l-obbligi stabbiliti fit-Taqsimiet III, V u VI biss għandhom japplikaw għal tali sistemi tal-IA.

TAQSIMA II — Obbligi tas-servizzi ta' networking soċjali online u s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing

Article 9 — Disinn li joħloq dipendenza

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing ma għandhomx ifasslu, jorganizzaw jew joperaw is-servizzi tagħhom b'mod li jkun maħsub li jinkoraġġixxi, jew li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli li jinkoraġġixxi, l-użu kompulsiv jew eċċessiv tas-servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing mill-minorenni.

2. Il-karatteristiċi li ġejjin għandhom jitqiesu li jinkoraġġixxu l-użu kompulsiv jew eċċessiv tas-servizz minn minorenni fis-sens tal-paragrafu 1:

   (a) jippermetti l-wiri awtomatiku tal-kontenut u l-konsum tal-kontenut mingħajr interruzzjoni mingħajr mumenti ta' interruzzjoni effettivi u regolari li jippermettu deliberazzjoni mill-minorenni dwar ir-rieda tagħhom li jikkunsmaw aktar kontenut;

   (b) l-imminar tad-deċiżjoni tal-minorenni li jwaqqaf l-użu tas-servizz jew li ma jipprovdix lill-minorenni bil-kapaċità li jieħdu tali deċiżjoni, bħal notifiki mhux skattati mill-interazzjoni jew l-attività tal-minorenni fuq is-servizz, jew mhux direttament relatati magħhom;

   (c) l-inċentivar jew l-ippremjar tal-minorenni biex jikkondividu l-kontenut jew biex jinteraġġixxu fi trażmissjoni f'ħin reali tal-kontenut lil għadd indeterminat ta' riċevituri tas-servizz;

   (d) l-inċentivar tal-interazzjoni regolari jew aktar frekwenti, inkluż permezz ta' penali jew telf ta' benefiċċji jekk wieħed jonqos milli jinteraġixxi regolarment jew f'intervalli ta' żmien speċifikati.

3. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jistabbilixxu miżuri effettivi biex jiżguraw:

   (a) aċċess limitat fiż-żmien għall-minorenni fuq is-servizz tagħhom;

   (b) interruzzjoni tal-użu mill-minorenni fuq is-servizz tagħhom.

   Tali miżuri għandhom jitfasslu b'mod li jipproteġu l-ħin tal-iskola u l-ħinijiet ewlenin tal-irqad tal-minorenni.

Artikolu 10 — Sistemi ta' rakkomandazzjoni

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jużaw is-sistemi ta' rakkomandazzjoni għandhom ifasslu l-informazzjoni ssuġġerita u l-ottimizzazzjoni tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom għall-minorenni b'mod li jiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni.

2. Għall-fini ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jużaw is-sistemi ta' rakkomandazzjoni għandhom jiżguraw li l-ottimizzazzjoni tas-sistema ta' rakkomandazzjoni ma tisfruttax il-vulnerabbiltà jew l-attenzjoni tal-minorenni u li tinkludi metriċi ta' evalwazzjoni li jaqbdu l-eżiti tal-kwalità, tas-sikurezza u tas-saħħa mentali għall-minorenni, billi jieħdu mill-inqas il-miżuri li ġejjin:

   (a) jiżguraw li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni jagħtu prijorità u piż primarju lill-preferenzi espliċiti ddikjarati mill-utenti meta jissuġġerixxu l-informazzjoni;

(b) jiddiżattivaw b'mod prestabbilit ir-rakkomandazzjoni ta' informazzjoni ssuġġerita mis-sistema ta' rakkomandazzjoni bbażata fuq sinjali impliċiti bbażati fuq l-interazzjonijiet mill-imġiba online tal-minorenni;

(c) jiżguraw li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni ma jiddependux fuq il-ġbir ta' kwalunkwe data personali tal-minorenni maqbuda minn barra s-servizz;

(d) jiżguraw li l-minorenni ma jkunux esposti għal informazzjoni ssuġġerita mis-sistemi ta' rakkomandazzjoni li tista' toħloq riskju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom, inkluż jekk jiltaqgħu magħha ripetutament.

3. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing li jużaw is-sistemi ta' rakkomandazzjoni għandhom jipprovdu u juru b'mod prominenti għodod li jippermettu lill-minorenni:

(a) jimmodifikaw jew jikkontrollaw il-parametri tas-sistema ta' rakkomandazzjoni, inkluż billi jħassru faċilment il-preferenzi identifikati preċedenti kollha;

(b) jagħżlu mill-inqas għażla waħda tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni li ma tkunx ibbażata fuq it-tfassil tal-profili kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2016/679.

L-għodod imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jitfasslu b'mod li jħajru lill-minorenni jagħżlu l-għażla bbażata fuq it-tfassil tal-profili, għandhom jiġu offruti matul il-ħolqien tal-kont u għandhom jibqgħu direttament aċċessibbli mit-taqsima speċifika tal-interfaċċa online tas-servizz fejn l-informazzjoni tkun qed tiġi prijoritizzata, inkluż għar-riċevituri tas-servizz mingħajr kont.

Artikolu 11 — Settings sikuri

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jistabbilixxu miżuri biex jiżguraw li s-settings jiġu prestabbiliti għal livell għoli ta' privatezza, sigurtà u sikurezza tal-minorenni. Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan il-paragrafu, tali fornituri għandhom, b'mod prestabbilit, mill-inqas jitfu s-settings li ġejjin:

(a) il-ġeolokalizzazzjoni u karatteristiċi oħra ta' traċċar;

(b) l-aċċess għall-mikrofonu u l-kamera;

(c) ir-rakkomandazzjonijiet ta' kontijiet oħra u s-sinkronizzazzjoni tal-kuntatti;

(d) il-push notifications, li jenħtieġ, fi kwalunkwe każ, jitfasslu b'mod li jipproteġu s-sigħat ewlenin tal-irqad u l-ħin tal-iskola tal-minorenni.

2. Is-settings prestabbiliti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinbidlu biss mill-fornitur meta l-minorenni jkollu aktar minn 15-il sena u jkun ġie infurmat b'mod ċar u mhux ambigwu dwar tali bidliet u jkun ta l-kunsens espliċitu tiegħu għal tali bidliet. Is-settings prestabbiliti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), meta jkunu attivati mill-minorenni, għandhom jintfew wara li tintemm is-sessjoni tagħhom fis-servizz.

3. Meta l-karatteristiċi jew is-settings joħolqu riskju għall-privatezza, is-sigurtà tas-sikurezza jew is-saħħa u l-benesseri tal-minorenni, il-fornituri tas-servizzi ta' networking soċjali online u tas-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jiżguraw li dawk il-karatteristiċi jew is-settings ma jkunux disponibbli għall-minorenni. Dan għandu mill-inqas jinkludi l-karatteristiċi li jżidu t-tqabbil soċjali jew li jirrappreżentaw ħażin l-immaġni tal-minorenni, b'mod partikolari billi jsebbħuha jew jidealizzawha b'mod sproporzjonat.

Artikolu 12 — Salvagwardji għall-kuntatti u l-interazzjonijiet

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jistabbilixxu miżuri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fir-rigward tal-kuntatti bejn il-minorenni u riċevituri oħra tas-servizz. Dawk il-miżuri għandhom mill-inqas jiżguraw li:

   (a) riċevituri oħra tas-servizz ma jistgħux jibdew kuntatt dirett mal-minorenni, jekk il-minorenni ma jkunx approva minn qabel tali kuntatt.

   (b) il-minorenni li jkollhom kont ma jkunux inklużi f'rakkomandazzjonijiet tal-kuntatti jew f'karatteristiċi simili li għandhom l-għan li jippermettu lil riċevituri oħra tas-servizz, inklużi l-minorenni, jespandu l-kuntatti tagħhom;

   (c) il-minorenni jistgħu jiżdiedu biss ma' grupp b'għadd limitat jew illimitat ta' riċevituri tas-servizz wara l-qbil espliċitu tagħhom;

   (d) il-minorenni jistgħu faċilment jimblukkaw kwalunkwe riċevitur ieħor tas-servizz mingħajr ma l-identità tagħhom tiġi żvelata lir-riċevituri mblukkati tas-servizz.

2. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jimplimentaw salvagwardji biex jipprevjenu lir-riċevituri tas-servizz tagħhom milli jattiraw jew jimmanipulaw lill-minorenni biex japprovaw il-kuntatt dirett imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a).

3. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jistabbilixxu miżuri biex jillimitaw il-viżibbiltà ta' kwalunkwe informazzjoni kondiviża mill-minorenni u l-interazzjonijiet tagħhom ma' riċevituri oħra tas-servizz. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

   (a) b'mod prestabbilit, riċevituri oħra tas-servizz li ma jkunux ġew aċċettati qabel mill-minorenni ma għandhomx ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-kont tal-minorenni jew il-kontenut imtella' jew kondiviż mill-minorenni fuq is-servizz;

   (b) ir-riċevituri tas-servizz mingħajr kont ma għandhomx ikunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni dwar il-kontijiet ta' minorenni jew kontenut imtella' jew kondiviż minn minorenni fuq is-servizz;

   (c) id-dettalji ta' kuntatt personali tal-minorenni, bħall-isem, in-numru tat-telefown, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz tagħhom, ma għandhomx jiġu żvelati lil riċevituri oħra tas-servizz jew kondiviżi magħhom;

   (d) il-minorenni għandhom ikunu jistgħu jikkontrollaw faċilment il-viżibbiltà ta' kwalunkwe kontenut kondiviż, interazzjoni u metrika relatata fuq is-servizz;

   (e) riċevituri oħra tas-servizz ma għandhomx ikunu jistgħu jniżżlu jew jieħdu ritratti tal-iskrin ta' informazzjoni dwar il-kuntatt, il-post jew il-kont ta' minorenni jew ta' kwalunkwe kontenut imtella' jew kondiviż mill-minorenni fuq is-servizz;

   (f) b'mod prestabbilit, il-minorenni ma għandhomx ikunu jistgħu jospitaw trażmissjoni f'ħin reali ta' kontenut iġġenerat mill-utent, inkluż permezz ta' streaming dirett ta' kontenut awdjoviżiv.

Artikolu 13 — Sikurezza u sigurtà tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing għandhom jiżguraw li, qabel ma sseħħ tranżazzjoni ekonomika, minorenni jiġi mgħarraf b'mod ċar u li jinftiehem faċilment, u f'ħin reali, li din hija tranżazzjoni ekonomika. Xirjiet imwettqa fis-servizz b'munita virtwali mixtrija b'fondi skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (25), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 għandhom juru l-valur monetarju korrispondenti fil-munita uffiċjali tal-Istat Membru li fih ir-riċevitur tas-servizz ikun abitwalment residenti.

2. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online u ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing ma għandhomx ifasslu, jorganizzaw jew joperaw is-servizzi tagħhom b'tali mod li jista' jwassal għal infiq eċċessiv, impulsiv jew mhux mixtieq. Dak l-obbligu għandu jinkludi li l-minorenni ma jiġux esposti għal sistemi ta' premji varjabbli inkluż meta x-xiri jsir b'muniti virtwali li jistgħu jinxtraw b'fondi skont it-tifsira tal-Artikolu 4, il-punt (25), tad-Direttiva (UE) 2015/2366.

Taqsima III — Obbligi għall-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali

Artikolu 14 — Obbligi għall-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali

1. Il-fornituri ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali għandhom jistabbilixxu miżuri proporzjonati u effettivi biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza, tad-drittijiet fundamentali u tal-benesseri u l-iżvilupp tal-minorenni li jistgħu jaċċessaw is-sistema tal-IA tagħhom. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

   (a) l-iżgurar li l-minorenni ma jkunux esposti għal disinji li joħolqu dipendenza, billi jevitaw karatteristiċi tad-disinn u mġiba tas-sistema li jissimulaw ir-relazzjonijiet interpersonali li x'aktarx joħolqu dipendenzi emozzjonali u billi japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u (3) għal tali sistemi;

   (b) l-iżgurar li l-minorenni jiġu pprovduti b'settings sikuri, billi japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 11 għal tali sistemi, inkluż billi jiżguraw li, b'mod prestabbilit, is-sistema tagħhom ma tużax informazzjoni jew analiżi derivata minn interazzjonijiet preċedenti ta' minorenni f'interazzjonijiet sussegwenti, ħlief fejn meħtieġ biex tiġi protetta s-sikurezza tal-minorenni, biex jingħata effett lill-settings imsemmija fl-Artikolu 11;

   (c) l-iżgurar tat-trasparenza fit-tranżazzjonijiet ekonomiċi, billi jiġu applikati l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 13 għal tali sistemi;

   (d) l-iżgurar li l-aċċess għas-servizzi u s-sistemi msemmija fil-paragrafu 1 għal minorenni taħt it-13-il sena jkun permess u kkontrollat biss permezz tal-għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20;

   (e) it-twettiq ta' evalwazzjonijiet u ttestjar tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tas-sistema għar-riskji għas-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet fundamentali u għall-benesseri fiżiku, mentali u emozzjonali u għall-iżvilupp tal-minorenni li x'aktarx jinħolqu meta l-minorenni jinteraġixxu mas-sistema, u l-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa biex jiġu indirizzati dawk ir-riskji, qabel it-tqegħid tas-sistema fis-suq jew fis-servizz;

   (f) il-monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq biex jiġu identifikati, ivvalutati u, fejn xieraq, mitigati l-ħsarat u r-riskji emerġenti msemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu, inkluż permezz tad-detezzjoni u r-rispons għal inċidenti serji li

jinvolvu l-minorenni, sakemm is-sistema ma tkunx ipprovduta minn intrapriża mikro jew żgħira skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE.

2. Meta IA ħabiba jew chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali tintuża bħala funzjonalità ta' servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, jew logħba online fil-forniment ta' kwalunkwe servizz bħal dan, il-forniturі ta' tali servizzi għandhom jiżguraw li:

   (a) l-IA ħabiba jew iċ-chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali ma jiġux attivati awtomatikament u, li l-funzjonalità ma tintweriex b'mod prominenti fuq l-interfaċċa online ta' dak is-servizz;

   (b) il-minorenni ma jiġux imħeġġa jużaw l-IA ħabiba jew iċ-chatbot taL-konverżazzjoni ġenerali;

   (c) meta jkunu attivati, il-minorenni jkollhom l-għażla li jitfu, fi kwalunkwe ħin, l-IA ħabiba jew iċ-chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali.

3. Il-forniturі tal-IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali li jaderixxu ma' kodiċi ta' kondotta vvalutat bħala adegwat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 23 jistgħu jiddependu fuq dak il-kodiċi biex juru l-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

TAQSIMA IV — Obbligi għall-forniturі tal-logħob online

Artikolu 15 — Obbligi għall-forniturі ta' logħob online

1. Il-forniturі ta' logħob online għandhom jistabbilixxu miżuri xierqa biex jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà fir-rigward tal-minorenni. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

   (a) l-iżgurar li l-użu kompulsiv jew eċċessiv tal-logħba mill-minorenni ma jiġix imħeġġeġ, billi japplikaw l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 9(2), il-punti (b) u (d);

   (b) l-iżgurar li s-settings tal-minorenni jiġu stabbiliti għal livell għoli ta' privatezza, sigurtà u sikurezza, billi jiġi applikat l-Artikolu 11(1);

   (c) l-iżgurar li l-kuntatti bejn il-minorenni u riċevituri oħra tal-logħba jkunu soġġetti għal livell għoli ta' privatezza, sigurtà u sikurezza, billi japplikaw l-Artikolu 12(1) u 12 (3), il-punti (c);

   (d) l-iżgurar ta' aċċess obbligatorju għall-għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20 u l-iżgurar li l-aċċess għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għal minorenni taħt it-13-il sena jkun permess u kkontrollat biss permezz tal-għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20.

2. Il-forniturі tal-logħob online għandhom jistabbilixxu salvagwardji biex jipprevjenu li l-logħba tintuża biex tħajjar lill-minorenni jibdew kuntatti fuq servizzi oħra li jistgħu joħolqu riskju għall-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tagħhom.

3. Meta l-forniturі tal-pjattaformi tal-logħob vidjo jipprovdu lir-riċevituri tas-servizz bil-possibbiltà li joħolqu u jtellgħu logħob vidjo fuq is-servizz innifsu, tali pjattaformi tal-logħob vidjo għandhom jistabbilixxu s-software u l-miżuri organizzattivi meħtieġa biex jippermettu l-konformità ta' tali logħob vidjo mal-paragrafi 1 u 2 u l-Artikolu 18 l-Artikolu 20.

4. Il-forniturituri tal-logħob online li jaderixxu ma' kodiċi ta' kondotta vvalutat bħala adegwat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17 jistgħu jiddependu fuq tali aderenza biex juru l-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

TAQSIMA V — Obbligi għal aċċess adattat għall-età

Artikolu 16 — Obbligi għall-forniturituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software

1. Il-forniturituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jistabbilixxu sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età biex jippermettu li tiġi stabbilita l-adegwatezza tal-età tal-applikazzjonijiet tas-software disseminati permezz tas-servizz tagħhom. Tali sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età għandha tapplika għal kull applikazzjoni tas-software offruta fuq il-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software u għandha tqis kif xieraq il-kapaċitajiet li jevolvu ta' minorenni.

2. Il-forniturituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ma għandhomx jippermettu lill-minorenni jaċċessaw jew jixtru applikazzjonijiet tas-software li ma jkunux xierqa għall-età rispettiva tagħhom f'konformità mas-sistema ta' klassifikazzjoni skont l-età stabbilita skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dan l-obbligu ma għandux jaffettwa l-obbligu tal-forniturituri ta' servizzi offruti permezz ta' applikazzjonijiet tas-software li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6.

3. Meta l-fornitur ta' ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software jsir konxju minn applikazzjonijiet tas-software disseminati permezz tas-servizz tiegħu li huma soġġetti għal, jew jikkonsistu primarjament minn kontenut li huwa soġġett għal, età minima ogħla, skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, minn dik stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1, il-fornitur ma għandux jippermetti lill-minorenni taħt dik l-età minima ogħla mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri kkonċernati jaċċessaw jew jixtru tali applikazzjonijiet tas-software.

4. Sabiex jikkonformaw mal-paragrafi 2 u 3, il-forniturituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jivvalutaw l-età tar-riċevitur tas-servizz, f'konformità mal-Kapitolu V, inkluż permezz tal-użu ta' għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20. Il-forniturituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jiżguraw li l-aċċess għas-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 għal minorenni taħt it-13-il sena jkun attivat u kkontrollat biss permezz tal-għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20.

5. Il-forniturituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni li tiddeskrivi, f'termini ċari u aċċessibbli, il-metodoloġija, il-kriterji u s-sorsi użati għas-sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-età tagħhom.

6. Il-forniturituri tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software għandhom jippermettu li s-soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età li tuża attestazzjoni ta' prova tal-età tal-UE, iċċertifikata bħala konformi mal-iSkema tal-UE għall-Verifika tal-Età u inkluża fil-listi rispettivi tal-UE msemmija fl-Artikolu 30(1), tiġi offruta fil-ħanut tagħhom.

Artikolu 17 — Kodiċijiet ta' Kondotta dwar il-klassifikazzjoni skont l-età u l-logħob online

1. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ u tiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta fil-livell tal-Unjoni sa [l-istess jum u xahar bħad-data tad-dħul fis-seħħ tal-applikazzjoni biż-żieda ta' sena oħra] bl-involviment ta' forniturituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u logħob online, żviluppaturi u forniturituri ta' kontenut diġitali, inklużi

applikazzjonijiet tas-software u logħob online, fornituri ta' sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-età, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-minorenni u l-kustodji tagħhom, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jispeċjalizzaw fil-protezzjoni tal-minorenni online kif ukoll awtoritajiet rilevanti. Il-kodiċijiet ta' kondotta għandhom jikkontribwixxu għall-istabbiliment u l-applikazzjoni armonizzati ta' sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-età inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 16(1), b'mod partikolari billi jistabbilixxu kriterji u metodoloġiji komuni għal tali sistemi, u għall-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 15 fir-rigward tal-logħob online.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-kodiċijiet ta' kondotta jindirizzaw mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) isegwu l-objettiv definit b'mod ċar u mhux ambigwu biex jippermettu u jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku u l-applikazzjoni konsistenti tal-klassifikazzjonijiet skont l-età mill-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software u logħob online madwar l-Istati Membri;

(b) jiddefinixxu kriterji, metodoloġiji u sorsi ta' informazzjoni xierqa għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-età tal-kontenut b'mod partikolari fir-rigward ta' kontenut vjolenti, sesswali, tal-logħob tal-azzard u dwar self-harm, kif ukoll xiri waqt l-użu tal-apps, riskji ta' kuntatti u karatteristiċi tad-disinn li joħolqu dipendenza;

(c) jistabbilixxu rimedji u mekkaniżmi ta' rimedju mingħajr ħlas għall-fornituri tal-kontenut, inklużi l-iżviluppaturi tal-apps biex isolvu t-tilwim relatat mal-klassifikazzjoni skont l-età tal-kontenut ipprovdut minn korp imparzjali u indipendenti, inkluż finanzjarjament indipendenti, tal-fornituri u tar-riċevituri tas-servizz;

(d) jipprovdu tikketti tal-klassifikazzjoni skont l-età u deskritturi testwali armonizzati, faċilment rikonoxxibbli u li jinftiehmu li għandhom jintwerew b'mod prominenti u qabel ma jiġi aċċessat jew mixtri l-kontenut;

(e) jipprevedu monitoraġġ u evalwazzjoni regolari, trasparenti u indipendenti tal-kisba tal-objettivi, inkluż billi jkun fihom indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni biex ikejlu l-kisba tal-objettivi tagħhom u aġġornamenti regolari biex jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u r-riskji emerġenti għall-minorenni;

(f) fir-rigward tal-logħob online, jiddefinixxu miżuri u metodoloġiji xierqa biex jagħtu effett lill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 15(1), (2), (3) u (4), filwaqt li jibnu, fejn xieraq, fuq oqfsa eżistenti pan-Ewropej ta' klassifikazzjoni skont l-età, inklużi l-kriterji tagħhom dwar funzjonalitajiet interattivi u prattiki ta' monetizzazzjoni, u jipprevedu l-aġġornament regolari tagħhom fid-dawl tal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi u r-riskji emerġenti għall-minorenni

3. Sa [l-istess jum bħad-data tad-dħul fis-seħħ biż-żieda ta' 42 xahar] il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kodiċijiet ta' kondotta jissodisfawx l-għanijiet speċifikati fil-paragrafu 2 u jekk humiex adegwati biex juru l-konformità mal-obbligi rispettivi. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tevalwa b'mod regolari l-kisba tal-objettivi tagħhom, filwaqt li tqis l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jista' jkun fihom u għandha tippubblika l-valutazzjoni tagħha. Fejn il-Kummissjoni tivvaluta l-aderenza mal-punt (f) tal-paragrafu 2, għandu japplika l-Artikolu 15(4).

TAQSIMA VI — Obbligi ġenerali dwar il-kapaċità li l-minorenni jieħdu azzjoni u l-għodod li jagħtu s-setgħa lill-minorenni u lill-kustodji

Artikolu 18 — Kapaċità li l-minorenni jieħdu azzjoni

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, tal-IA ħbieb, u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, għandhom jiżguraw li l-karatteristiċi, il-komunikazzjoni, l-informazzjoni, l-għodod ta' kontroll tal-utent u l-mekkaniżmi tas-servizz u tas-sistema, it-twissijiet, u kwalunkwe informazzjoni oħra msemmija fil-Kapitolu III jkunu faċilment aċċessibbli għall-minorenni kollha u ppreżentati b'mod li l-minorenni jkunu jistgħu jifhmu. Meta fornitur ikun fornitur ta' pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065, dak il-fornitur għandu jiżgura li l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu ssir disponibbli bil-lingwi uffiċjali tal-Istat(i) Membru/i li fih(om) jiġi pprovdut is-servizz.

2. Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu dan li ġej:

   (a) għodod li jippermettu lill-minorenni jikkontrollaw u jipprovdu feedback dwar il-kontenut, l-indikazzjonijiet, l-informazzjoni ssuġġerita u r-riżultati tat-tiftix li jkunu esposti għalihom u li jkollhom effetti immedjati u dejjiema fuq tali kontenut, indikazzjonijiet, informazzjoni ssuġġerita u riżultati tat-tiftix;

   (b) mekkaniżmi li jippermettu lill-minorenni jikkontrollaw is-settings li jiddeterminaw kif jinteraġixxu u jikkomunikaw, jittrasferixxu, joħolqu jew jiġġeneraw il-kontenut fuq is-servizz jew is-sistema, inklużi sinjali ta' twissija, u spjegazzjonijiet, li jippermettu bidliet temporanji u li jiżguraw li l-minorenni jkunu jistgħu jirritornaw faċilment għal settings preċedenti jew prestabbiliti.

Artikolu 19 — Rapportar adatt għat-tfal u għodod ta' appoġġ għall-minorenni

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' pjattaformi tal-logħob vidjo, ta' IA ħbieb, u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi li jippermettu lill-minorenni jirrapportaw kontenut, kontijiet, gruppi, karatteristiċi jew imġiba, kif applikabbli, li huma jqisu ta' ħsara għall-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà tagħhom. Tali mekkaniżmi għandhom ikunu faċli biex jiġu aċċessati u mfassla b'mod li l-minorenni jkunu jistgħu jifhmu. Meta fornitur ikun fornitur ta' pjattaforma online kbira ħafna ddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065, dak il-fornitur għandu jiżgura li dawk il-mekkaniżmi jkunu disponibbli bil-lingwi uffiċjali tal-Istat(i) Membru/i li fih(om) jiġi pprovdut is-servizz.

2. Meta fornitur imsemmi fil-paragrafu 1 ikun pjattaforma online soġġetta għall-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2022/2065, kwalunkwe restrizzjoni imposta wara r-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha titqies bħala restrizzjoni tal-viżibbiltà skont l-Artikolu 17(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2022/2065.

3. Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi meħtieġa biex jiżguraw li r-rapporti ppreżentati mill-minorenni f'konformità mal-paragrafu 1 jiġu pproċessati u indirizzati bħala prijorità u mingħajr dewmien żejjed u li l-minorenni jirċievu informazzjoni dwar il-proċedura mwettqa u l-possibbiltajiet ta' rimedju.

4. Il-forniturimsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) jiżguraw li l-minorenni jkollhom aċċess għal sorsi ta' informazzjoni awtorevoli u ta' appoġġ meta jiltaqgħu ma' kontenut illegali jew ta' ħsara fuq is-servizz jew is-sistema, inkluż billi jinfurmaw lill-minorenni dwar ir-riżorsi u l-organizzazzjonijiet disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni;

(b) jiżguraw li s-sorsi ta' appoġġ u ta' informazzjoni awtorevoli msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġu ppreżentati lill-minorenni fejn meħtieġ, u mill-inqas wara li l-minorenni jkunu ppreżentaw rapport skont il-paragrafu 1;

(c) jagħmlu sforzi raġonevoli biex juru messaġġi ta' twissija ċari fejn il-minorenni x'aktarx jippubblikaw jew aktarx li jkunu esposti għal kontenut jew interazzjonijiet li jippreżentaw riskju għall-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà tagħhom.

Artikolu 20 — Għodod għall-kustodji

1. Il-forniturita' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, ta' IA ħbieb, u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali għandhom jimplimentaw għodod għall-kustodji effettivi, aċċessibbli u faċli għall-utent li jissodisfaw mill-inqas il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu mfassla għall-età tal-minorenni, filwaqt li jitqies kif xieraq l-iżvilupp gradwali tal-minorenni;

(b) ikunu faċli biex jintużaw, jiġu aċċessati u attivati għall-minorenni u l-kustodji;

(c) jiżguraw li l-bidliet ikunu jistgħu jsiru biss bl-istess grad ta' awtorizzazzjoni li huwa meħtieġ fl-attivazzjoni inizjali tal-għodod;

(d) ikunu effettivi u ma jistgħux jiġu evitati jew imminati faċilment mid-disinn jew mit-tħaddim tas-servizz jew tas-sistema.

(e) ma jirrestringux b'mod sproporzjonat id-drittijiet tal-minorenni;

(f) jirrispettaw il-kapaċità tal-minorenni li jieħu azzjoni u l-privatezza tal-minorenni.

2. Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-minorenni jiġu infurmati meta tkun qed tintuża kwalunkwe għodda għall-kustodji msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iħeġġu lill-kustodji jużaw l-għodod imsemmija f'dak il-paragrafu u għandhom ifakkruhom regolarment dwar id-disponibbiltà u l-objettivi tagħhom u dwar il-ħtieġa li jaġġornawhom. Dan għandu jinkludi l-wiri ta' messaġġi ċari ta' twissija dwar il-ġestjoni tas-settings tal-minorenni.

4. Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jintegraw il-mekkaniżmi li ġejjin fl-għodod għall-kustodji msemmija f'dak il-paragrafu:

(a) miżuri effettivi biex jiġi żgurat aċċess limitat fiż-żmien skont l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 14(1), il-punt (b), u l-Artikolu 15(1), il-punt (b);

(b) mekkaniżmi mmirati lejn il-ġestjoni tas-settings skont l-Artikoli 11 u 12;

(c) mekkaniżmi mmirati biex jippermettu lill-kustodji, f'isem il-minorenni, jirrapportaw kontenut, kontijiet, gruppi jew imġiba li huma jqisu ta' ħsara

għall-privatezza, is-sikurezza jew is-sigurtà tal-minorenni skont l-Artikolu 19(1).

5. Il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandhom jiżguraw li l-għodod għall-kustodji msemmija fil-paragrafu 1 ikunu interoperabbli ma' għodod għall-kustodji pprovduti minn partijiet terzi, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/1925, fejn rilevanti.

6. Il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-kustodji u l-minorenni jkunu jistgħu jirrapportaw, skont l-Artikolu 19, meta l-għodod għall-kustodji msemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux operazzjonali u ma jaħdmux kif preskritt.

7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40, li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi u operazzjonali għall-għodod għall-kustodji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 21 — Ilmenti kollettivi

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2022/2065 u għad-Direttiva (UE) 2020/1828 jew għal kwalunkwe tip ieħor ta' regoli dwar ir-rappreżentanza skont il-liġi nazzjonali, il-minorenni u l-kustodji li huma riċevituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' pjattaformi tal-logħob vidjo, u l-utenti ta' IA ħbieb jew ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, għandu jkollhom mill-inqas id-dritt li jagħtu mandat lil korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni biex teżerċita d-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament f'isem il-minorenni, dment li l-korp, l-organizzazzjoni jew l-assoċjazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) ikunu joperaw mhux għall-profitt;

   (b) ikunu twaqqfu kif xieraq f'konformità mad-dritt ta' Stat Membru;

   (c) l-objettivi statutorji tagħhom jkunu jinkludu interess leġittimu li tkun żgurata konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Minbarra d-dritt li jressqu lment f'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2022/2065, il-minorenni u l-kustodji li huma riċevituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' pjattaformi tal-logħob vidjo, u utenti tal-IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom id-dritt li jressqu lment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament kontra l-fornituri tas-servizzi u s-sistemi msemmija hawn fuq mal-awtorità kompetenti ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Istat Membru fejn jinsab jew ikun stabbilit ir-riċevitur tas-servizz jew l-utent tas-sistema, jew mal-Uffiċċju Ewropew tal-IA għall-IA ħbieb jew iċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tiegħu skont l-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2024/1689.

TAQSIMA VII — Obbligi oħra ta' diliġenza dovuta għal ambjent online sikur

Artikolu 22 — Obbligu ta' monitoraġġ għall-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna

1. Il-fornituri tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament li ġew iddeżinjati bħala pjattaformi online kbar ħafna f'konformità mal-Artikolu 33 tar-

Regolament (UE) 2022/2065 għandhom jimmonitorjaw, jittestjaw u jevalwaw l-effettività tal-miżuri implimentati f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

2. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun parti mill-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

Artikolu 23 - Kodiċijiet ta' kondotta

1. Il-Kummissjoni għandha tħeġġeġ u tiffaċilita t-tfassil ta' kodiċijiet volontarji ta' kodotta fil-livell tal-Unjoni biex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-fornituri ta' servizzi u sistemi rilevanti fil-kamp ta' applikazzjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-industrija, lill-akkademja, lill-ġenituri, lill-edukaturi u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jipparteċipaw fit-tfassil ta' dawk il-kodiċijiet ta' kondotta.

2. Meta tagħti effett lill-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-kodiċijiet ta' kondotta jistabbilixxu b'mod ċar l-objettivi speċifiċi tagħhom, ikun fihom impenji biex jittieħdu miżuri speċifiċi biex jintlaħqu dawk l-objettivi, u jqisu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi u s-sistemi differenti pprovduti, u l-ħtiġijiet u l-interessi tal-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-minorenni, fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll l-għan li tiżgura li l-parteċipanti jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. L-impenji tar-rappurtar mitluba mill-Kummissjoni għandhom iqisu d-differenzi fid-daqs u fil-kapaċità bejn parteċipanti differenti.

3. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali jew mal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali għal aspetti tal-kodiċijiet fil-mandat tal-kompetenza tagħhom, għandha tivvaluta jekk il-kodiċijiet ta' kondotta jissodisfawx l-għanijiet speċifikati fil-paragrafi 1 u 3 u jekk humiex adegwati biex juru konformità mal-obbligi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik il-valutazzjoni. Għandha u timmonitorja u tevalwa b'mod regolari l-kisba tal-objettivi tal-kodiċijiet tal-kondotta u, wara konsultazzjoni mal-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali jew mal-Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali, għandha taġġorna l-valutazzjoni kif xieraq.

4. Il-Kummissjoni għandha wkoll tinkoraġġixxi u tiffaċilita r-rieżami u l-adattament regolari tal-kodiċijiet ta' kondotta.

5. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi wkoll l-iżviluppi tal-aħjar prattiki fi kwalunkwe qasam li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jista' jinkludi oqsma bħall-ittestjar matul l-iżviluppi tal-prodotti jew l-istandards ta' kontroll. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5.

Artikolu 24 — Rappreżentanti legali

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, ta' IA ħbieb, u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, li ma għandhomx stabbiliment fl-Unjoni iżda li joffru servizzi jew is-sistemi fl-Unjoni, jistgħu jiddeżinjaw, bil-miktub, persuna ġuridika jew fiżika biex taġixxi bħala r-rappreżentant legali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri fejn il-fornitur joffri s-servizzi jew is-sistema tiegħu. Madankollu, meta tali fornituri jkunu diġà ħatru rappreżentant legali skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2022/2065

jew skont l-Artikolu 22 jew l-Artikolu 54 tar-Regolament (UE) 2024/1689, huma jistgħu jestendu l-mandat ta' dik il-persuna ġuridika jew fiżika għall-kwistjonijiet kollha meħtieġa għar-riċevuta ta' deċiżjonijiet maħruġa fir-rigward ta' dan ir-Regolament, għall-konformità magħhom u għall-infurzar tagħhom.

2. L-Artikolu 13(2) sa (5) tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandu japplika u r-referenzi għar-Regolament (UE) 2022/2065 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament fir-rigward tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, u ta' logħob online. L-Artikolu 22(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2024/1689 jew l-Artikolu 54(2) sa (5) ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw u r-referenzi għall-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1689 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament fir-rigward tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-forniturі ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali.

Artikolu 25 — Emendi għall-miżuri elenkati

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 40 għall-fini li temenda l-Artikoli 9(2), 10(2), 11(1), 12(1), 12(2), 14(1), 15(1) u 18(2), għall-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online, ta' IA ħbieb , u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, biex tiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fis-servizz jew fis-sistema tagħhom. Dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq riskji emerġenti identifikati li jimminaw is-saħħa u l-benesseri, kif ukoll il-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni li jwasslu għall-ħtieġa li l-obbligi li ġejjin jinżammu aġġornati sabiex tiġi żgurata konformità effettiva ma' dawn l-obbligi:

   (a) projbizzjonijiet fuq prattiki maħsuba li jinkoraġġixxu, jew li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli li jinkoraġġixxu, l-użu kompulsiv jew eċċessiv tas-servizz mill-minorenni, kif imsemmi fl-Artikolu 9(2);

   (b) miżuri li jiżguraw li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni jitfasslu b'mod li jiżgura livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni, kif imsemmi fl-Artikolu 10(2);

   (c) settings prestabbiliti li jiżguraw li l-kontijiet tal-minorenni jiġu ssettjati għal livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1);

   (d) miżuri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fir-rigward ta' kuntatti bejn il-minorenni u riċevituri oħra tas-servizz, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) u miżuri li jillimitaw il-viżibbiltà ta' kwalunkwe informazzjoni kondiviża mill-minorenni u l-interazzjonijiet tagħhom ma' riċevituri oħra tas-servizz, kif imsemmi fl-Artikolu 12(2)

   (e) miżuri li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza, tad-drittijiet fundamentali u tal-benesseri tal-minorenni li jistgħu jaċċessaw IA ħbieb u sistemi ta' chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali, kif imsemmi fl-Artikolu 14(1);

   (f) miżuri li jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà tal-minorenni fil-logħob online kif imsemmi fl-Artikolu 15(1);

(g) miżuri li jiżguraw il-kapaċita tal-minorenni li jieħdu azzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 18(2).

2. Meta tikkunsidra l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis:

(a) il-punt sa fejn ir-riskju diġà kkawża ħsara għas-saħħa, il-benessri tal-minorenni jew kellu impatt negattiv fuq il-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà jew id-drittijiet fundamentali tal-minorenni jew wassal għal tħassib sinifikanti fir-rigward tal-materjalizzazzjoni ta' din il-ħsara jew l-impatt negattiv, kif muri, pereżempju, minn rapporti jew allegazzjonijiet dokumentati ppreżentati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew minn rapporti oħra, skont il-każ;

(b) l-estent potenzjali ta' din il-ħsara jew ta' dan l-impatt negattiv, b'mod partikolari f'termini tal-intensità tiegħu u l-kapaċità tiegħu li jaffettwa diversi persuni jew li jaffettwa sproporzjonaalment persuni jew grupp partikolari ta' persuni;

(c) l-impatt tal-miżuri eżistenti fl-indirizzar ta' tali riskji, inkluż l-iskop maħsub ta' tali miżuri, il-punt sa fejn il-miżuri qed jintużaw jew x'aktarx li jintużaw, u l-effettività ta' tali miżuri għas-saħħa, il-benesseri, u l-privatezza, is-sikurezza u s-sigurtà tal-minorenni.

KAPITOLU IV — VERIFIKA TAR-RESPONSABBILTÁ TAL-ĠENITURI

Artikolu 26 — Verifika tar-responsabbiltà tal-ġenituri

1. Għall-fini tal-ħolqien ta' kont b'karatteristiċi limitati skont l-Artikolu 6(2) jew esperjenza xierqa għall-età fuq pjattaformi ta' video-sharing skont l-Artikolu 7(2) u għall-fini tal-implimentazzjoni ta' għodod għall-kustodji effettivi, aċċessibbli u faċli għall-utent skont l-Artikolu 20(1), fornitur ta' servizz imsemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet għandu jkun jista':

(a) juża sinjali tar-responsabbiltà tal-ġenituri bbażati fuq bażijiet tad-data online uffiċjali aċċessibbli mingħajr ħlas jew interfaċċi online magħmula disponibbli minn Stat Membru;

(b) juża sinjali tar-responsabbiltà tal-ġenituri li l-fornitur jista' jkun diġà fil-pussess tagħhom fid-dawl tal-impenji tal-passat tal-minorenni u l-adult rispettiv b'responsabbiltà tal-ġenituri mas-servizz ikkonċernat;

(c) jaċċetta awtodikjarazzjoni mill-adult bir-responsabbiltà tal-ġenituri mill-inqas sakemm jiġi adottat l-att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 3.

2. Meta juża s-sinjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-fornitur għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex jivverifika li l-informazzjoni disponibbli tkun affidabbli u kompluta.

3. Meta juża l-awtodikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), il-fornitur għandu jagħmel sforzi raġonevoli biex jivverifika li l-adult li jagħmel l-awtodikjarazzjoni jkun qed jeżerċita r-responsabbiltà tal-ġenituri.

4. Il-verifika tar-responsabbiltà tal-ġenituri skont il-paragrafu 1 għandha titwettaq b'mod li jippreserva l-privatezza u ma għandhiex twassal għal ipproċessar addizzjonali ta' data personali li jista' jippermetti lill-fornitur jiddetermina l-post tal-adult jew tal-minorenni kkonċernat jew jittraċċa, jimmira jew jagħti profil lill-adult jew lill-minorenni.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 39 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika sinjali li jindikaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri skont il-paragrafu 1, il-punt a, ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU V — AĊĊERTAMENT TAL-ETÀ

Taqsima I — Prinċipji ġenerali għall-aċċertament tal-età

Artikolu 27 — Prinċipji ġenerali għall-aċċertament tal-età

Meta l-forniturі ta' servizzi u ta' sistemi soġġetti għall-Kapitoli II u III jimplimentaw soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament, huma għandhom jiżguraw li dawk is-soluzzjonijiet jipprovdu livell għoli ta' akkuratezza, affidabbiltà, sigurtà, robustezza, nonintrużività, privatezza u protezzjoni tad-data, u nondiskriminazzjoni.

Artikolu 28 — Protezzjoni tad-data fl-aċċertament tal-età

1. Is-soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età ma għandhomx jippermettu l-identifikazzjoni tar-riċevitur u lanqas il-lokalizzazzjoni, it-traċċar, il-mira, ir-reklamar jew il-profil tar-riċevituri għal kwalunkwe skop.

2. Il-forniturі ta' servizzi u ta' sistemi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kwalunkwe entità li taġixxi f'isem jew flimkien ma' tali forniturі fl-aċċertament tal-età, ma għandhomx iżommu, jakkwistaw jew jipproċessaw aktar data personali milli strettament meħtieġ biex jivvalutaw jekk ir-riċevitur tas-servizz jew l-utent tas-sistema jkunx laħaq il-limiti tal-età stabbiliti f'dan ir-Regolament, u ma għandhomx jipproċessaw, jikkondividu jew jikkombinaw aktar din l-informazzjoni ma' kwalunkwe data addizzjonali, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29(6), u ma għandhomx jikkombinaw data personali maħżuna jew relatata mal-użu tas-sistema ma' data personali minn kwalunkwe servizz ieħor offrut mill-fornitur jew minn servizzi ta' partijiet terzi.

3. Il-forniturі ta' servizzi u ta' sistemi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kwalunkwe entità li taġixxi f'isem tali forniturі jew flimkien magħhom fl-aċċertament tal-età, għandhom jiżguraw li l-miżuri użati jkunu bbażati fuq teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Kwalunkwe miżura ta' aċċertament tal-età għandha tkun prova ta' għarfien żero.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, il-forniturі msemmija fl-Artikolu 16(4) u fl-Artikolu 8(1) jistgħu jaħżnu, fil-livell tal-kont, is-sinjal tal-età li utent ikun laħaq b'suċċess limitu speċifiku tal-età skont dan ir-Regolament, għall-iskop uniku li tiġi evitata aċċertament tal-età ripetut. Dan is-sinjal tal-età għandu jkun limitat għall-informazzjoni minima meħtieġa għal dak l-għan.

5. Il-forniturі ta' servizzi u ta' sistemi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi rilevanti meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

Taqsima II — Obbligi speċifiċi dwar l-aċċertament tal-età

Artikolu 29 — Soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età

1. Il-fornituri tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandhom jistabbilixxu soluzzjonijiet ta' verifika tal-età biex jivverifikaw, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, jekk ir-riċevitur tas-servizz ikunx laħaq l-età minima skont dawk id-dispożizzjonijiet, jew, fejn applikabbli, jekk il-ħolqien ta' kont tal-ġenituri huwiex meħtieġ.

2. Għall-fini ta' konformità mal-Artikolu 6, il-fornituri msemmija f'dak il-paragrafu għandhom jiddependu esklużivament fuq soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età bl-użu ta' attestazzjoni ta' prova tal-età tal-UE, ipprovduta minn parti terza, iċċertifikata bħala konformi mal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età u inkluża fil-listi rispettivi tal-UE msemmija fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), jew verifikabbli magħhom.

3. Is-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE għandhom jiġu ċċertifikati bħala konformi mar-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 30(2), minn awtorità pubblika. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ċċertifikati skont l-Artikolu 5c tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età għandhom jitqiesu li huma ċċertifikati f'konformità ma' dan il-paragrafu. Il-fornituri tal-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE u l-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età.

4. Għall-fini ta' konformità mal-obbligi tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 16(2) u 16 (3), il-fornituri kkonċernati jistgħu jużaw soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età għajr is-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età msemmija fil-paragrafu 2, meta jkunu jistgħu juru li dawk is-soluzzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 27 fl-Artikolu 28.

5. Il-fornituri tas-servizzi u tas-sistemi msemmija fil-paragrafi 1 u 4 għandhom jiżguraw li r-riċevituri jkollhom aċċess għal mekkaniżmu intern effettiv tat-trattament tal-ilmenti li jippermettilhom iressqu, b'mezzi elettroniċi u mingħajr ħlas, ilmenti kontra l-eżitu tal-assigurazzjoni tal-età msemmija f'dawk il-paragrafi, meta r-riċevitur iqis li l-eżitu tal-aċċertament tal-età ma jkunx korrett. Il-fornituri tal-pjattaformi online, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (i), tar-Regolament 2022/2065 jistgħu, għall-fini ta' konformità ma' dan l-Artikolu, jużaw il-mekkaniżmu għat-trattament tal-ilmenti stabbilit fl-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament 2022/2065.

6. Meta fornitur ta' sistema operattiva jkun kiseb sinjal tal-età ta' utent, u meta l-aċċertament tal-età użata biex jinkiseb dan is-sinjal tal-età tkun konformi mar-rekwiżiti definiti skont l-Artikolu 27, wara li jinkiseb il-kunsens tal-utent, il-fornitur ta' sistema operattiva għandu jippermetti l-kondiviżjoni tas-sinjal tal-età mal-fornituri fil-kamp ta' applikazzjoni meta tali sinjal tal-età ta' utent ikun meħtieġ jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 30 — L-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm:

   (a) lista tal-UE ta' fornituri ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 29(2) u nnotifikati minn kwalunkwe Stat Membru;

(b) lista tal-UE ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 29(2) u nnotifikati minn kwalunkwe Stat Membru.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-UE u żżommha aġġornata f'forma sigura u li tinqara mill-magni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet bħala bażi tal-funzjonament tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, inklużi r-rekwiżiti applikabbli għas-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u għall-ħruġ, il-preżentazzjoni u l-verifika tal-attestazzjoni ta' prova tal-età tal-UE. Tali atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva, sigura, li tippreserva l-privatezza, interoperabbli u uniformi tal-Artikolu 29(2) u (3) u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-iskop, is-sigurtà, in-newtralità teknoloġika u l-proporzjonalità, u għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali pprovduti skont l-Artikolu 5a tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti tekniċi, organizzattivi, tal-privatezza u tas-sigurtà dettaljati applikabbli għall-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE u l-fornituri tagħhom u għas-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u l-fornituri tagħhom, l-evidenza u l-proċeduri għad-dimostrazzjoni u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-listi tal-UE msemmija fil-paragrafu 1. L-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jinkludu wkoll rekwiżiti għal marka ta' fiduċja għal soluzzjonijiet ta' verifika tal-età. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40(2).

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 39, sabiex jissupplimentaw dan ir-regolament billi jispeċifikaw:

(a) ir-rekwiżiti applikabbli għal soluzzjonijiet alternattivi għall-aċċertament tal-età kif imsemmi fl-Artikolu 29(4), inklużi r-rekwiżiti meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 27 l-Artikolu 28. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti tekniċi, organizzattivi, tal-privatezza u tas-sigurtà dettaljati applikabbli;

(b) l-obbligi applikabbli għas-sistemi operattivi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6), inklużi r-rekwiżiti meħtieġa biex tiġi żgurata l-kondiviżjoni sigura, li tippreserva l-privatezza u interoperabbli tas-sinjali tal-età.

Artikolu 31 – Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mill-inqas mezz elettroniku wieħed li jippreserva l-privatezza li permezz tiegħu kustodju jista' jikseb u jippreżenta attestazzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' minorenni, għall-finijiet tal-Artikolu 26(1), il-punt (a), u tal-eżerċizzju tal-għodod għall-kustodji msemmija fl-Artikolu 20. Dawn il-mezzi għandhom ikunu:

(a) ibbażati fuq sorsi awtentiċi stabbiliti skont il-liġi nazzjonali;

(b) mingħajr ħlas għall-kustodju;

(c) ma jinvolvux li kwalunkwe informazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri ssir aċċessibbli għall-forniturи jew għall-pubbliku lil hinn mill-konferma li teżisti r-responsabbiltà tal-ġenituri.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mezzi elettroniċi li jippreservaw il-privatezza msemmija fil-paragrafu 1 ikunu aċċessibbli b'mod effettiv għaċ-ċittadini u l-kustodji u l-minorenni kollha li jirrisjedu fit-territorju tagħhom, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-persuni b'aċċess jew ħiliet diġitali limitati, u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħar-refuġjati u l-familji spostati.

3. L-Istati Membri għandhom jipprevedu proċeduri alternattivi xierqa fejn ir-responsabbiltà tal-ġenituri ma tkunx tista' tintwera permezz ta' dokumentazzjoni standard tal-istat ċivili.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-mezzi biex tinkiseb attestazzjoni ta' prova tal-età biex tiġi vverifikata l-età minima stabbilita f'dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà għaċ-ċittadini u r-residenti, mingħajr ħlas, ta' mill-inqas soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età waħda kif iċċertifikata f'konformità mal-Artikolu 29(3) biex jivverifikaw il-limiti tal-età stabbiliti f'dan ir-Regolament.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jiġu akkreditati għall-finijiet tal-Artikolu 29(3) u għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet pubbliċi maħtura u akkreditati fit-territorju tagħhom, kif ukoll kwalunkwe bidla sussegwenti fihom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, bis-soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u l-attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 29(3), flimkien maċ-ċertifikat ta' konformità korrispondenti, kif ukoll kwalunkwe sospensjoni jew irtirar sussegwenti ta' ċertifikat. Ladarba jiġu inklużi fil-listi msemmija fl-Artikolu 29(1) (a) u (b), l-Istati Membri kollha għandhom jirrikonoxxu soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età u attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 32 — Kontijiet eżistenti

1. Għall-finijiet li jiġi stabbilit, f'konformità mal-Artikolu 6(4), jekk kont eżistenti jappartjenix għal riċevitur taħt l-età ta' 15-il sena, il-forniturimsemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom jiddependu fuq soluzzjoni ta' verifika tal-età msemmija fl-Artikolu 30(2).

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-forniturimsemmija f'dak il-paragrafu ma għandhomx ikunu meħtieġa jwettqu verifika tal-età meta jkunu jistgħu jistabbilixxu, bi grad għoli ta' fiduċja, li r-riċevitur tas-servizz ikun laħaq l-età minima stabbilita fl-Artikolu 6.

3. B'deroga mill-Artikolu 8(1), il-forniturili jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu u l-forniturital-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ma għandhomx ikunu meħtieġa jivvalutaw l-età tar-riċevitur meta jkunu jistgħu jistabbilixxu, bi grad għoli ta' fiduċja li r-riċevitur tas-servizzi mhuwiex minorenni.

4. Il-forniturita' pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, għandhom jissottomettu pjan lill-awtorità kompetenti li jispeċifika kif beħsiebhom jikkonformaw mal-paragrafu 1 u mal-Artikolu 8(1) u, f'każ li jkollhom l-intenzjoni li jiddependu fuq l-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, kif

beħsiebhom jistabbilixxu li r-riċevitur tas-servizz jew l-utent tas-sistema laħaq l-età minima, f'konformità ma' dawk il-paragrafi.

KAPITOLU VI — MIŻURI TA' APPOĠĠ GĦALL-MINORENNI

Artikolu 33 — Miżuri nazzjonali għat-tħejjija u l-appoġġ għall-minorenni

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-protezzjoni tal-minorenni billi jistabbilixxu strateġiji nazzjonali biex jiżguraw li l-minorenni u l-kustodji tagħhom ikollhom dan li ġej:

   (a) aċċess faċli, mingħajr ħlas u kunfidenzjali fil-livell nazzjonali għal mezzi li permezz tagħhom il-minorenni jistgħu jfittxu assistenza fir-rigward tal-ħsara indirizzata minn dan ir-Regolament, inkluż kuntatt mhux mixtieq u bullying ċibernetiku;

   (b) informazzjoni adegwata dwar ir-riskji indirizzati minn dan ir-Regolament u tal-mezzi ta' protezzjoni disponibbli, inkluż billi jiġi indirizzat il-litteriżmu diġitali;

   (c) informazzjoni oħra rilevanti għall-protezzjoni tal-minorenni online.

2. L-attivitajiet tal-Istati Membri biex jappoġġaw il-protezzjoni tal-minorenni għandhom jibnu fuq l-esperjenza u l-għarfien espert taċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur bl-attivitajiet tagħhom ta' sensibilizzazzjoni, il-helplines tagħhom li jappoġġaw lit-tfal, lill-kustodji u lill-edukaturi, u l-hotlines tagħhom biex jirrapportaw kontenut illegali suspettat.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-istrateġiji msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni sa [l-istess jum bħad-data tad-dħul fis-seħħ miżjuda bi 12-il xahar].

4. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu appoġġati minn finanzjament tal-Unjoni magħmul disponibbli taħt il-programmi u l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni stabbiliti taħt il-qafas finanzjarju pluriennali.

5. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, inkluż dwar l-iżvilupp ta' ħiliet fil-litteriżmu diġitali, u dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' kanali u applikazzjonijiet ta' appoġġ nazzjonali.

KAPITOLU VII — KOMPETENZI, SUPERVIŻJONI U INFURZAR

Artikolu 34 — Kompetenzi, Superviżjoni u Infurzar

1. Għall-finijiet tas-superviżjoni u l-infurzar tal-obbligi imposti minn dan ir-Regolament fuq il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, ta' logħob online li huma pjattaformi tal-logħob vidjo, u ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, għandu japplika l-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065 u kwalunkwe referenza fih għall-fornitur ta' servizzi intermedjarji għandha tiġi interpretata li tinkludi l-fornitur ta' servizzi kopert minn dan ir-Regolament. Kwalunkwe referenza fih għall-konformità jew in-nuqqas tal-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/2065 għandha titqies li tinkludi dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tas-superviżjoni u l-infurzar tal-obbligi imposti minn dan ir-Regolament fuq il-forniturі ta' IA ħbieb u ta' chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, għandu japplika l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2024/1689, u kwalunkwe

referenza fih għall-konformità jew għan-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2024/1689 għandha tinftiehem li tinkludi l-Kapitoli II, III u IV ta' dan ir-Regolament. In-nuqqas tal-konformità ma' dawk l-obbligi għandu jkun soġġett għal multi amministrattivi skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) 2024/1689 li ma jaqbżux 6 % tal-fatturat annwali dinji totali tal-impriża li tipprovdi l-IA ħabiba jew iċ-chatbot tal-konverżazzjoni ġenerali fis-sena finanzjarja preċedenti meta dak il-fornitur ikun instab li aġixxa intenzjonalment jew b'negliġenza.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet maħtura minnhom f'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2022/2065 u l-Artikoli 70 u 74 tar-Regolament (UE) 2024/1689 ikunu kompetenti biex jissorveljaw u jinfurzaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi jew sistemi koperti minn dan ir-Regolament.

4. Sa fejn jingħataw setgħat lill-Kummissjoni skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065 u skont l-Artikolu 75a sa 75d u l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) 2024/1689, dawk is-setgħat għandhom ikopru wkoll is-superviżjoni, l-investigazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtorità kompetenti tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-forniturі tal-logħob online li jkun logħob vidjo u għall-infurzar tal-Artikolu 15 d-dispożizzjonijiet applikabbli fl-Artikoli 8 u 18 sa 22. Tali awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2022/2065. Għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-Artikolu 15 u d-dispożizzjonijiet applikabbli fl-Artikoli 8 u 18 sa 22, kif stabbilit fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2022/2065. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih jinsab l-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tal-logħob online li jkun logħob vidjo għandu jkollha setgħat esklużivi biex tissorvelja u tinforza dan ir-Regolament.

6. L-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom ikunu kompetenti biex jimmonitorjaw l-ipproċessar tad-data personali meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikoli 27, 28 u 29 ta' dan ir-Regolament. Għall-ksur tal-obbligi tal-protezzjoni tad-data stabbiliti f'dawk l-Artikoli, l-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data jistgħu, fil-kompetenza tagħhom, jimponu multi f'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2016/679 u sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(5) ta' dak ir-Regolament.

7. L-awtoritajiet tal-Istati Membri ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, inklużi l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi, għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib.

Artikolu 35 — Proċedura mħaffa

1. Għall-finijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065 u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2024/1689, meta l-obbligi f'dan ir-Regolament japplikaw għall-forniturі ta' pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jew għall-forniturі ta' sistemi tal-IA taħt is-superviżjoni esklużiva tal-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1689, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont il-Kapitolu IV tar-

Regolament (UE) 2022/2065 u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2024/1689 għandhom jiġu eżerċitati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. Meta l-Kummissjoni tibda proċedimenti għal ksur ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jew l-Artikolu 75a tar-Regolament (UE) 2024/1689 fid-dawl tal-adozzjoni possibbli ta' deċiżjonijiet skont l-Artikoli 73 u 74 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jew l-Artikoli 75c tar-Regolament (UE) 2024/1689, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex:

   (a) tikkomunika s-sejbiet preliminari tagħha lill-fornitur ikkonċernat fi żmien [30] jum tax-xogħol mill-ftuħ tal-proċedimenti skont l-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2022/2065 jew l-Artikolu 75a tar-Regolament (UE) 2024/1689;

   (b) tadotta deċiżjoni finali fi żmien 90 jum tax-xogħol mill-ftuħ tal-proċedimenti.

Artikolu 36 – Tariffi superviżorji

1. Il-Kummissjoni għandha timponi tariffa superviżorja annwali fuq il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065 li jikkostitwixxu, huma inkorporati fi jew jinkorporaw servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, u fuq il-fornituri ta' IA ħbieb, chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, u pjattaformi tal-logħob vidjo li għalihom tgawdi l-kompetenza li tissorvelja l-konformità tagħhom mal-Kapitoli II sa V ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament.

2. Kull fornitur imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jintalab iħallas it-tariffa superviżorja annwali għal kull servizz jew sistema li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. L-ammont globali tat-tariffi superviżorji annwali skont il-paragrafu 1 għandu jkopri l-kostijiet imġarrba mill-Kummissjoni fis-sena kalendarja preċedenti fir-rigward tal-kompiti superviżorji tagħha skont dan ir-Regolament vis-à-vis il-fornituri msemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari l-kostijiet relatati mar-riżorsi umani, inklużi l-uffiċjali, l-istabbiliment, il-manutenzjoni u l-operat tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età skont l-Artikolu 29, l-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar skont l-Artikolu 34, u l-iżvilupp tal-għarfien espert u l-kapaċitajiet skont l-Artikolu 37.

4. Għall-fini tal-istabbiliment tat-tariffa superviżorja annwali għall-kompiti skont il-paragrafu 3, it-tariffa superviżorja annwali għal kull wieħed mill-fornituri msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż 0,03 % tal-introjtu nett annwali dinji tagħha fis-sena finanzjarja preċedenti.

5. Għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tapplika r-regoli u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu X, li jistabbilixxu l-metodoloġija dettaljata u l-proċeduri għal:

   (a) id-determinazzjoni tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 3;

   (b) id-determinazzjoni tat-tariffi superviżorji annwali individwali msemmija fil-paragrafu 1;

   (c) id-determinazzjoni tal-limitu kumplessiv massimu definit fil-paragrafu 4; and

   (d) l-arranġamenti dettaljati neċessarji biex isiru l-pagamenti.

Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 37 – Żvilupp tal-għarfien espert u l-kapaċitajiet

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, skont l-Artikolu 34, għandha tiżviluppa għarfien espert u kapaċitajiet tal-Unjoni, fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni, inkluż, fejn xieraq, permezz tas-sekondar ta' persunal tal-Istati Membri. Tali żvilupp ta' għarfien espert u kapaċitajiet għandu jiġi żviluppat b'mod speċjali fil-qasam tal-inċidenti li jaffettwaw il-protezzjoni tal-minorenni.

Artikolu 38 — Mekkaniżmi ta' reazzjoni għall-inċidenti

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 33, għandha tikkoordina l-valutazzjoni tal-inċidenti li jaffettwaw il-protezzjoni tal-minorenni madwar l-Unjoni fir-rigward tas-servizzi u s-sistemi fil-kamp ta' applikazzjoni, u tkun tista' tiddependi fuq l-għarfien espert u r-riżorsi ta' tali awtoritajiet. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' networks effiċjenti għall-kondiviżjoni tal-għarfien ma' awtoritajiet oħra u partijiet terzi rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi arranġament amministrattiv volontarju mal-awtoritajiet kompetenti li jistabbilixxi proċeduri biex jiġi ffaċilitat rispons rapidu f'każ ta' inċident li jaffettwa l-protezzjoni tal-minorenni fl-Unjoni jew f'partijiet sinifikanti minnha. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli minimi ta' tħejjija għall-awtoritajiet nazzjonali biex jiżguraw kanali ta' komunikazzjoni regolari bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u l-partijiet terzi, u jimmappjaw il-protokolli eżistenti ta' reazzjoni għall-inċidenti fil-livell nazzjonali u fejn rilevanti jistabbilixxu oħrajn ġodda. Il-mekkaniżmu ta' reazzjoni għall-inċidenti għandu jikkomplementa l-għodod eżistenti għall-kriżijiet skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 u jinforma l-attivazzjoni potenzjali tagħhom.

KAPITOLU VIII — ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI U ATTI DELEGATI

Artikolu 39 — Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2(5), 6(6), 7(6), 20(7), 25(1), 26(3), 30(3) u 36(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [l-istess jum bħad-data tad-dħul fis-seħħ]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2(5), 6(6), 7(6), 20(7), 25(1), 26(3), 30(3) u 36(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 2(5), 6(6), 7(6), 20(7), 25(1), 26(3), 30(3) u 36(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 40 — Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat ('il-Kumitat għas-Sikurezza tat-Tfal'). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn l-opinjoni tal-Kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tittermina mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-President tal-Kumitat hekk jiddeċiedi, jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat titlob li jsir hekk.

KAPITOLU IX — DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 41 — Emenda għad-Direttiva (UE) 2020/1828

Fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2020/1828, jiżdied il-punt li ġej: [isem finali tal-att].

Artikolu 42 — Rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [il-31 ta' Awwissu 2030]. Filwaqt li tqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u legali, il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari:

   (a) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-approfondiment u l-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u għall-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-minorenni online fl-Unjoni Ewropea;

   (b) l-effettività tal-applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 7;

   (c) il-kamp ta' applikazzjoni personali tad-dispożizzjonijiet fil-Kapitoli II u III;

   (d) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq ir-rispett għad-dritt tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun xieraq, minn proposta sabiex jiġi emendat dan ir-Regolament.

3. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill kull 4 snin wara r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 dwar il-progress fil-ksib tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 43 — Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika minn [l-istess jum tad-dħul fis-seħħ biż-żieda ta' 6 xhur].

Madankollu, l-Artikolu 5 għandu japplika minn [l-istess jum tad-dħul fis-seħħ] u l-Artikoli 33 u 35 għandhom japplikaw minn [l-istess jum tad-dħul fis-seħħ biż-żieda ta' 12-il xahar].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA 1
- Raġunijiet u objettivi tal-proposta 1
- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat 2
- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni 3

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ 4
- Bażi legali 4
- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva) 5
- Proporzjonalità 5
- Għażla tal-istrument 6

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT 6
- Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati 6
- Valutazzjoni tal-impatt 8
- Drittijiet fundamentali 9

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI 11

5. ELEMENTI OĦRA 11
- Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar 11
- Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta 11

KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI 42

KAPITOLU II — DIFFERIMENT FIL-ĦOLQIEN U L-UŻU TA' KONTIJIET GĦALL-MINORENNI FUQ SERVIZZI TA' NETWORKING SOĊJALI ONLINE U SERVIZZI TA' PJATTAFORMA TA' VIDEO-SHARING 49

TAQSIMA I — Aċċess diferit għall-minorenni 49

TAQSIMA II — Aċċess ikkontrollat mill-kustodji għal minorenni taħt l-età ta' 13-il sena 50

KAPITOLU III — SIKUREZZA SA MILL-KONĊEPIMENT 52

TAQSIMA I — Obbligu ġenerali dwar is-sikurezza sa mill-konċepiment 52

TAQSIMA II — Obbligi tas-servizzi ta' networking soċjali online u s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing 52

Taqsima III — Obbligi għall-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali 56

TAQSIMA IV — Obbligi għall-forniturі tal-logħob online 57

TAQSIMA V — Obbligi għal aċċess adattat għall-età 58

TAQSIMA VI — Obbligi ġenerali dwar il-kapaċità li l-minorenni jieħdu azzjoni u l-għodod li jagħtu s-setgħa lill-minorenni u lill-kustodji 60

TAQSIMA VII — Obbligi oħra ta’ diliġenza dovuta għal ambjent online sikur 62
KAPITOLU IV — VERIFIKA TAR-RESPONSABBILTÁ TAL-ĠENITURI 65
KAPITOLU V — AĊĊERTAMENT TAL-ETÀ 66
Taqsima I — Prinċipji ġenerali għall-aċċertament tal-età 66
Taqsima II — Obbligi speċifiċi dwar l-aċċertament tal-età 66
KAPITOLU VI — MIŻURI TA’ APPOĠĠ GĦALL-MINORENNI 70
KAPITOLU VII — KOMPETENZI, SUPERVIŻJONI U INFURZAR 70
KAPITOLU VIII — ATTI TA’ IMPLIMENTAZZJONI U ATTI DELEGATI 73
KAPITOLU IX — DISPOŻIZZJONIJIET FINALI 74
1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA 4
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva 4
1.2. Qasam/Oqsma ta’ politika kkonċernat(i) 4
1.3. Objettiv(i) 4
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali 4
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi 4
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija 5
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni 5
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma’: 7
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva 7
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva 7
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta’ din it-taqsima, “valur miżjud tal-involviment tal-UE” huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. 8
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi 8
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma’ strumenti xierqa oħra 8
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta’ finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni 9
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha 10
1.7. Metodu/i ta’ implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) 10
2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI 12
2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar 12
2.2. Sistema/i ta’ ġestjoni u ta’ kontroll 12

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta 12
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom 14
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)..... 14
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet..... 15
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA..... 16
3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i..... 16
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet 17
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali 17
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat 17
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern..... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)..... 19
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi 21
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat..... 21
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern..... 21
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet..... 21
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani..... 22
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat..... 22
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern 23
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani 23
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali26
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali 27
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi..... 27
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul..... 28
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI 28
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali..... 29
4.2. Data 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali 30
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà..... 30
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali 31

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

L-att dwar is-Sikurezza u d-Drittijiet tat-Tfal Online (CARE, Child Online Safety and Rights Act)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: Il-protezzjoni tal-minorenni online fl-oqsma ta' politika tan-networks tal-komunikazzjoni, tal-kontenut u tat-teknoloġija; is-saħħa pubblika; u suq intern, industrija, intraprenditorija u SMEs.

L-impatt baġitarju jikkonċerna l-kompiti superviżorji l-ġodda fdati lill-Kummissjoni fir-rigward tas-servizzi ta' networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software kif ukoll l-IA ħbieb u ċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali fil-kompetenza tal-Kummissjoni. Xi impatti limitati jirriżultaw ukoll mill-obbligi l-ġodda dwar il-logħob vidjo, għalkemm is-superviżjoni diretta hija tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Dan ir-Regolament propost isegwi l-konklużjonijiet tar-rapport mill-Kopresidenti tal-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal Online, li stabbilixxa triq ċara għal kif it-tfal fl-Ewropa jistgħu jiġu protetti aħjar fl-ambjent online.

Kif stabbilit fir-rapport, it-tfal iqattgħu ammont dejjem akbar ta' ħin online u, meta jagħmlu dan, huma esposti għal ħafna riskji differenti bħall-esponiment għal kontenut mhux xieraq għall-età, il-bullying ċibernetiku, il-ħin eċċessiv imqatta' online, u l-kuntatti mhux mixtieqa minn persuni barranin. Dawn ir-riskji għandhom konsegwenzi serji għas-saħħa u l-benesseri mentali tat-tfal, fejn l-adolexxenti u t-tfal huma grupp partikolarment vulnerabbli.

Is-suq tal-UE qed jirriskja li jsir dejjem aktar frammentat hekk kif l-Istati Membri qed jippjanaw jew jadottaw miżuri ġodda biex jirrestringu l-aċċess għal ċerti pjattaformi online meqjusa riskjużi għat-tfal taħt età speċifikata — b'differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni, fil-limitu tal-età u fir-restrizzjonijiet proposti — u b'hekk joħolqu inċertezza legali, kostijiet għoljin ta' konformità għan-negozji u livell mhux ugwali ta' protezzjoni għall-minorenni f'ambjent diġitali li ma jafx fruntieri.

Sabiex jiġi żgurat ambjent diġitali sikur u adattat għall-età għall-minorenni u kif innotat ukoll fir-rapport mill-Kopresidenti tal-Panel Speċjali, l-aċċertament tal-età hija kritika għall-protezzjoni effettiva tal-minorenni online. L-aċċertament tal-età tirfed kemm ir-restrizzjonijiet fuq l-età kif ukoll il-miżuri ta' sikurezza tat-tfal. Madankollu, il-qafas legali attwali dwar l-aċċertament tal-età huwa nieqes miċ-ċarezza u l-implimentazzjoni tiegħu hija frammentata.

F'dan l-isfond, dan ir-Regolament propost għandu l-għan li jiżgura **qafas b'saħħtu u koerenti għall-protezzjoni tal-minorenni online**, filwaqt li jieħu lit-tfal u l-awtonomizzazzjoni u d-drittijiet fundamentali tagħhom bħala punt tat-tluq.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Filwaqt li tqis l-objettiv ġenerali li jiġu protetti l-minorenni online, il-proposta timmira lejn l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

Iddewwem l-aċċess tal-minorenni għal servizzi b'karatteristiċi speċifiċi li jikkostitwixxu servizzi ta' network soċjali jew pjattaformi ta' video-sharing. Għal dawn is-servizzi, ma għandhomx jippermettu lill-minorenni taħt l-età ta' 15-il sena joħolqu kont. Il-forniturі ta' dawk is-servizzi jistgħu jippermettu lill-kustodji jistabbilixxu kontijiet għal minorenni ta' aktar minn 13-il sena b'karatteristiċi limitati biex jaċċessaw is-servizz. Meta tali forniturі jkunu jistgħu juru li huma servizz adattat għat-tfal, huma jistgħu jagħtu aċċess ukoll lil minorenni taħt it-13-il sena permezz ta' kontijiet li jinħolqu u jiġu supervizzati mill-kustodju tagħhom

Isaħħaħ il-protezzjoni tal-minorenni permezz ta' rekwiżiti ta' sikurezza sa mill-konċepiment billi jiċċaraw l-obbligi tas-servizzi diġitali u ta' ċerti sistemi, sabiex ir-riskji għat-tfal jiġu indirizzati fid-disinn u fil-funzjonament ta' dawk is-servizzi u s-sistemi.

Tiżgura mekkaniżmi ta' aċċertament tal-età affidabbli u konformi mad-drittijiet fundamentali billi jiġu stabbiliti rekwiżiti u kriterji ċari għall-użu ta' sistemi ta' aċċertament tal-età biex jappoġġaw kemm l-aċċess diferit kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment.

Tiżgura infurzar effettiv fl-UE billi jiġi stabbilit qafas regolatorju u ta' infurzar robust u koerenti li jippermetti implimentazzjoni tempestiva u effiċjenti, biex jiġi żgurat li l-minorenni jiġu protetti malajr u effettivament fil-prattika.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-proposta hija mistennija li tikkontribwixxi għal ambjent online aktar sikur għat-tfal filwaqt li ttejjeb ukoll il-funzjonament tas-suq intern. Billi tiċċara u tarmonizza aktar l-obbligi tal-protezzjoni tat-tfal fl-Unjoni, għandha tnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja u tipprovdi qafas aktar prevedibbli għall-forniment transfruntier ta' servizzi u sistemi, speċjalment minħabba n-natura transfruntiera tal-forniturі li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Fuq terminu qasir, għall-forniturі ta' servizzi u sistemi affettwati, il-proposta tista' żżid il-kostijiet tal-konformità interni, tirrikjedi li prodotti jiġu ridisinjati u li jiġu implimentati miżuri ta' sikurezza addizzjonali — bħall-aċċertament tal-età jew l-għodod ta' kontroll tal-kustodji — u tista' toħloq ċerti ostakli għad-dħul għal xi forniturі. Madankollu, maż-żmien, obbligi legali aktar ċari huma mistennija li jnaqqsu l-kostijiet, jappoġġaw kundizzjonijiet kompetittivi aktar ugwali, u jiffaċilitaw is-superviżjoni u l-infurzar mill-awtoritajiet pubbliċi, b'impatti kumplessivi mistennija li jkunu newtrali sa kemxejn pożittivi għall-awtoritajiet pubbliċi.

Il-proposta hija mistennija wkoll li tħeġġeġ l-innovazzjoni fid-disinn sikur għat-tfal u f'servizzi u sistemi diġitali adatti għall-età, inklużi soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età li jippreservaw il-privatezza. Filwaqt li l-kostijiet se jiżdiedu għall-verifika tal-età jew għall-aċċertament tal-età alternattiv, is-sinerġiji ma' infrastruttura diġitali usa' tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE u l-Blueprint tal-UE għall-Verifika tal-Età, jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tal-implimentazzjoni matul iż-żmien.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ġew identifikati l-indikaturi fundamentali li ġejjin:

Jiġi limitat l-aċċess għal servizzi u sistemi diġitali ta' riskju għoli: Firxa ta' sondaġġi jindikaw li fl-UE miljuni ta' minorenni taħt l-età ta' 13-il sena jużaw il-media soċjali u għandhom il-kontijiet tagħhom stess (1). Pereżempju, f'sitt pajjiżi, 34 % ta' dawk li għandhom bejn 9 u 11 sena jirrapportaw li għandhom profil tal-media soċjali (2). F'dak l-isfond, il-mira tkun li jiġi żgurat li proporzjon sostanzjali ta' servizzi japplikaw restrizzjonijiet effettivi għall-aċċess f'konformità mar-rekwiżiti l-ġodda. L-esperjenza reċenti fl-Awstralja turi li bidla soċjetali bħal din tieħu ż-żmien u teħtieġ mhux biss il-konformità effettiva tal-fornituri, iżda wkoll bidla mal-minorenni, mal-ġenituri, u mas-soċjetà kollha kemm hi. Għalhekk, is-suċċess se jirrikjedi infurzar effettiv, sensibilizzazzjoni fis-soċjetà, involviment soċjetali wiesa', monitoraġġ kontinwu u r-rikonoxximent li l-bidla fl-imġiba tieħu ż-żmien.

Implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment: Bħalissa, l-ambjent online mhuwiex disinjat b'kunsiderazzjoni tat-tfal u ma jipprovdix għall-kapaċitajiet li qed jevolvu tagħhom. It-tfal jiffaċċjaw ħafna riskji online, li jista' jkollhom impatti serji fuq il-benesseri, l-iżvilupp kif ukoll is-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Dawk ir-riskji qed jevolvu kostantement u, peress li t-tfal qed jibdew jużaw kmieni t-teknoloġiji ġodda, huma wkoll jibgħu l-aktar vulnerabbli għar-riskji tiegħu. F'dan l-isfond, il-mira tkun li jiġi żgurat li l-ambjent online jsir aktar sikur għall-minorenni permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment. Is-suċċess jirrikjedi li s-sikurezza tal-minorenni tkun integrata fil-prodotti u s-servizzi sa mill-bidu nett, u matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott jew servizz, u b'hekk issir qalba kumplessiva fost is-servizzi u s-sistemi regolati fejn il-protezzjoni tal-minorenni għandha tingħata prijorità. Dan għandu jiġi kkombinat ma' infurzar u superviżjoni effettivi.

Ikun hemm fis-seħħ sistemi ta' aċċertament tal-età konformi mad-drittijiet fundamentali. Ir-rekwiżiti tal-età eżistenti fuq il-pjattaformi online tipikament ma jiġux żviluppati abbażi tal-bżonnijiet tat-tfal u bilkemm jiġu infurzati. Il-biċċa l-kbira tal-fornituri tas-servizzi diġitali jistabbilixxu età minima biex jaċċessaw jew jużaw is-servizz tagħhom fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom (3). Kif innotat mill-OECD, ir-raġunijiet wara l-etajiet magħżula mill-pjattaformi jirriżultaw minn raġunijiet ta' privatezza u liġijiet kuntrattwali aktar milli bbażati fuq valutazzjoni tas-sikurezza jew tal-idoneità għall-iżvilupp (4). L-OECD tenfasizza wkoll li "ftit ħafna [mis-servizzi li jistabbilixxu età minima fit-Termini tas-Servizz tagħhom] jimplimentaw l-aċċertament tal-età b'mod sistematiku" u li 2 biss mill-50 servizz online studjati sistematikament jeħtieġu età ta' assigurazzjoni għall-ħolqien tal-kontijiet (5). L-uniku kontroll tal-età qabel il-ħolqien tal-kont tipikament huwa l-awtodikjarazzjoni. Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-awtodikjarazzjoni waħedha mhijiex miżura effettiva ta' aċċertament tal-età, minħabba li ħafna utenti ma jiżvelawx l-età vera tagħhom (6, 7, 8). Firxa ta' sondaġġi turi li l-minorenni regolarment jiddikjaraw ħażin l-età tagħhom online (9). Fil-prattika, l-utenti taħt l-età jistgħu għalhekk jaċċessaw faċilment ħafna servizzi online ristretti għall-età. F'dan il-kuntest, il-mira hija l-adozzjoni wiesgħa tad-drittijiet fundamentali li jippreservaw l-aċċertament tal-età. Dan jista' jinkiseb permezz ta' azzjoni u konformità reali mis-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, flimkien ma' superviżjoni u infurzar effettivi, kif ukoll monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi speċjalment fir-rigward tal-impatti fuq id-drittijiet fundamentali.

Tishieħ ta' infurzar effettiv. L-infurzar tar-Regolament (UE) 2022/2065 għaddej b'ħeffa kbira, inkluż fil-qasam tal-protezzjoni tal-minorenni. Madankollu, xorta

waħda jieħu ż-żmien qabel ma tiġi adottata deċiżjoni finali ta' nuqqas ta' konformità. F'dan l-isfond, fejn ikun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformità, il-mira hija li dan jiġi indirizzat malajr biex jiġi żgurat li l-minorenni jiġu servuti malajr b'azzjoni effettiva biex jiġu protetti fl-ambjent online.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

X azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[10]

X l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-protezzjoni tal-minorenni online teħtieġ kemm azzjoni immedjata biex jiġu indirizzati r-riskji urġenti kif ukoll miżuri strutturali biex jinbena ambjent diġitali aktar sikur maż-żmien.

Fit-terminu qasir, għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tar-regoli sabiex il-minorenni jiġu protetti b'mod effettiv online — dan se jirrikjedi riżorsi sostanzjali biex dan isir realtà fil-prattika. Dan għandu jiġi kkombinat ma' miżuri ta' appoġġ immirati u kampanji ta' sensibilizzazzjoni mill-Istati Membri għall-minorenni, il-kustodji u l-edukaturi.

Fit-terminu twil, l-objettiv mhuwiex biss li jkun hemm rispons għar-riskji, iżda li l-ambjent online jissawwar mill-ġdid sabiex il-protezzjoni tal-minorenni tkun inkorporata aktar milli miżura korrettiva. Dan jeħtieġ investiment sostnut f'soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età li jippreservaw il-privatezza, litteriżmu diġitali b'saħħtu mill-Istati Membri u l-iżvilupp kumplessiv ta' servizzi adatti għat-tfal.

Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-fornituri tas-servizzi se jkollhom jikkonformaw mad-data tal-bidu tal-media soċjali billi jistabbilixxu jekk il-kontijiet jappartjenux għal riċevituri taħt l-età minima u jieħdu miżuri biex jiddiżattivawhom. Sabiex jiġi żgurat li l-kontijiet eżistenti jinġiebu f'konformità mal-obbligi tal-età minima, il-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna għandhom, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien ta' 6 xhur, jippreżentaw lill-awtorità kompetenti pjan ta' implimentazzjoni dettaljat li jikkorrobora l-livell għoli ta' fiduċja meħtieġ.

Minn din id-data, il-pjattaformi jridu jikkonformaw ukoll mal-obbligi tas-sikurezza sa mill-konċepiment u, fejn meħtieġ, jużaw verifika tal-età. Fl-istess ħin, 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni trid tkun lesta li tinforza r-regoli l-ġodda fuq il-Pjattaformi Online Kbar Ħafna (VLOPs) u Magni tat-Tiftix Kbar Ħafna (VLOSEs), u l-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali nazzjonali jinforzaw lejn fuq il-pjattaformi iżgħar u logħob vidjo. L-infurzar għar-rekwiżiti l-ġodda għall-IA ħbieb u ċ-chatbots se jsir skont il-qafas superviżorju u ta' infurzar eżistenti tal-Att dwar l-IA fejn il-

[10] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Kummissjoni hija responsabbli għall-IA ħbieb u ċ-chatbots mibnija fuq mudelli tal-IA bi skop ġenerali jew integrati fil-VLOPs jew fil-VLOSEs.

Tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ, il-fornituri tas-servizzi u tas-sistemi fil-kamp ta' applikazzjoni se jkollhom jippermettu l-kontijiet tal-ġenituri, jikkonformaw mar-regoli għall-IA ħbieb u għaċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, jimplimentaw diversi miżuri ta' akkumpanjament, kif ukoll isegwu kodiċi ta' kondotta għall-klassifikazzjoni tal-età jekk applikabbli għalihom. Minn din id-data 'l quddiem, jiġifieri tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-Kummissjoni trid tkun lesta li tapplika r-reġim ta' infurzar imħaffef il-ġdid (30 jum biex tasal għal sejbiet preliminari, 90 jum biex tasal għal deċiżjoni finali).

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata min-natura transfruntiera tas-servizzi diġitali u tas-sistemi tal-IA, approċċi nazzjonali frammentati rigward ir-restrizzjoni tal-aċċess tal-minorenni u l-ħtieġa li jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni għall-minorenni fl-Unjoni. L-azzjoni fil-livell tal-UE tista' tnaqqas id-diverġenza regolatorja, iżżid iċ-ċertezza legali u tnaqqas il-kostijiet tal-konformità għall-forniturи u għall-utenti, ittejjeb l-infurzar, u tiżgura li l-minorenni jkunu protetti effettivament madwar l-UE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Abbażi tar-Regolament (UE) 2022/2065 ittieħdu t-tagħlimiet li ġejjin:

Riżorsi suffiċjenti u stabbli huma kruċjali. L-esperjenza skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 turi li l-infurzar effettiv tar-regoli lejn l-akbar kumpaniji fid-dinja jeħtieġ riżorsi b'livell għoli ta' ħiliet, kapaċità teknika u persunal suffiċjenti. Dan huwa partikolarment importanti meta jiġu supervizzati u infurzati servizzi diġitali transfruntiera kbar, u meta dan isir f'ambjent kontenzjuż ħafna.

Ir-riżorsi għandhom ikunu permanenti. L-infurzar fl-ambjent diġitali għandu jiddependi fuq riżorsi stabbli, biex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-prevedibbiltà fit-tul. Ir-riskji fuq is-servizzi diġitali jevolvu malajr, u l-pjattaformi jibdlu s-sistemi tagħhom malajr, filwaqt li s-superviżjoni trid tkun kontinwa u tevita r-riskju ta' revolving doors. Huwa biss permezz ta' riżorsi permanenti li s-sorveljanza tista' tkun qawwija u kredibbli maż-żmien.

L-infurzar rapidu huwa kritiku fl-ambjent online, speċjalment għall-minorenni. Għas-servizzi diġitali, il-ħsarat jistgħu jiżdiedu malajr u d-dewmien jista' jnaqqas sew l-effettività tal-intervent. Għalhekk, il-qafas ta' infurzar irid jippermetti azzjoni tempestiva, inkluż il-kapaċità ta' reazzjoni rapida meta jitfaċċaw riskji serji.

Infurzar kredibbli jsaħħaħ il-konformità. Meta l-awtoritajiet ikollhom il-kapaċità u l-għodod biex jaġixxu b'mod deċiżiv, dan joħloq inċentivi għall-forniturи biex jinvolvu ruħhom serjament u jikkonformaw b'mod aktar proattiv. Superviżjoni effettiva hija għalhekk dwar l-iżgurar li r-regoli jkollhom impatt prattiku.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-inizjattiva hija kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali.

L-inizjattiva se tibbaża fuq tariffa superviżorja li għandha titħallas minn kull fornitur ta' servizzi ta' networking soċjali online, servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, u ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software li għalihom il-Kummissjoni tgawdi kompetenza biex tissupervizza l-konformità tagħhom u li jkunu ddeżinjati bħala pjattaforma online kbira ħafna skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2022/2065, u IA ħbieb, u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali li jikkwalifikaw bħala pjattaforma online kbira ħafna. It-tariffa superviżorja annwali se tiġi kkalkulata abbażi tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2022/2065, li madankollu mhux se tiżdied fuq fornitur partikolari ta' pjattaforma online kbira ħafna jew magna tat-tiftix kbira ħafna għal aktar minn 0,03 % tal-introjtu nett annwali dinji tiegħu fis-sena finanzjarja preċedenti.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

L-alternattiva ta' finanzjament ippreferuta hija pagament supplimentari fuq it-tariffa superviżorja eżistenti skont id-DSA. Għal dan l-għan, il-forniturі ta' servizzi ta' networking soċjali online, ta' servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing, u ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software li jaqgħu taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u li huma ddeżinjati bħala Pjattaforma Online Kbira Ħafna skont ir-Regolament (UE) 2022/2065, u ta' IA ħbieb u chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali li jikkwalifikaw bħala pjattaforma online kbira ħafna se jintalbu jħallsu tariffa addizzjonali għat-tariffa superviżorja annwali skont l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2022/2065.

Għall-finijiet tal-infurzar tar-regoli taħt din l-inizjattiva, il-Kummissjoni se tiddependi parzjalment fuq ir-rilokazzjoni. Madankollu, it-twettiq tal-kompiti superviżorji ġodda konsiderevoli mingħajr ir-riskju li jiġi pperikolat ix-xogħol ta' infurzar eżistenti jeskludi d-dipendenza sħiħa fuq ir-rilokazzjoni. Ara wkoll it-Taqsima 4.1 tal-Anness.

Meta l-infurzar jiddependi fuq tariffi superviżorji, għandu jiġi indikat li se jkun hemm distakk inevitabbli bejn il-ħtieġa minn qabel għar-riżorsi umani u l-kontribuzzjoni finanzjarja li toriġina mit-tariffa superviżorja li se ssir disponibbli biss wara li r-Regolament ikun daħal fis-seħħ u t-tariffa tkun tħallset. Din id-diskrepanza toħloq riskju kritiku għall-implimentazzjoni korretta tal-proposta, peress li r-riżorsi meħtieġa ma jkunux disponibbli meta jkunu meħtieġa, jiġifieri mill-mument tad-dħul fis-seħħ. L-aspettattivi politiċi u pubbliċi għal superviżjoni u infurzar effettivi biex jiġu protetti l-minorenni online huma għoljin, u l-Kummissjoni se jkollha turi b'mod konvinċenti li hija kapaċi trażżan l-imġiba dannuża. Għalhekk huwa importantissimu li jiġi mminimizzat ir-riskju mid-distakk bejn il-ħtieġa minn qabel għar-riżorsi umani u l-kontribuzzjoni finanzjarja li toriġina mit-tariffa oriġinali u li jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha r-riżorsi adegwati biex tinforza l-proposta mill-ewwel jum tad-dħul fis-seħħ.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

X durata mhux limitata

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2028 'il quddiem,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[11]

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– **X** mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

[11] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

Kummenti

Ebda

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Il-proposta se tiġi evalwata rigorożament, partikolarment f'termini tal-effettività tal-aċċess diferit, il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-aċċess diferit u l-proporzjonalità tiegħu u r-rekwiżiti tas-sikurezza sa mill-konċepiment. Din l-evalwazzjoni għandha tqis l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-proposta kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Awwissu 2030.

Fejn xieraq, ir-rapport ikun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat ir-Regolament. Wara dan ir-rieżami inizjali, il-Kummissjoni se tissottometti rapport ieħor lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull erba' snin dwar il-progress fil-kisba tal-objettivi tar-Regolament.

Dan se jikkomplimenta l-monitoraġġ kontinwu skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Ir-Regolament jistabbilixxi ambjent online aktar sikur għat-tfal filwaqt li jtejjeb ukoll il-funzjonament tas-suq intern. Jistabbilixxi regoli ċari biex jiġi limitat l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi u s-sistemi diġitali li jippreżentaw l-ogħla riskji għalihom, biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-minorenni permezz ta' rekwiżiti ta' sikurezza sa mit-tfassil, biex jiġu stabbiliti rekwiżiti u kriterji ċari għall-użu ta' sistemi ta' aċċertament tal-età biex jiġu appoġġati kemm l-aċċess diferit kif ukoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza sa mill-konċepiment, u biex jiġi stabbilit infurzar effettiv madwar l-UE billi jiġi stabbilit qafas regolatorju u ta' infurzar robust u koerenti.

Sabiex il-Kummissjoni twettaq ir-responsabbiltajiet il-ġodda assenjati lilha, huwa meħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni jingħataw ir-riżorsi xierqa. Dan huwa speċjalment importanti minħabba li, fl-eżerċitar tal-kompiti tagħha, il-Kummissjoni se jkollha tissupervizza whud mill-aktar kumpaniji finanzjarjament b'saħħithom u teknoloġikament sofistikati fid-dinja, f'ambjent ferm litiġjuż. Is-superviżjoni ta' dawn il-kumpaniji se tirrikjedi persunal bi profili speċjalizzati u b'livell għoli ta' ħiliet. Il-Kummissjoni tiffaċċja riskju politiku sinifikanti jekk l-infurzar ma jkollux biżżejjed riżorsi, speċjalment minħabba li dan l-istrument jittratta l-protezzjoni tal-minorenni bħala whud mill-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà. L-appelli għal azzjoni rapida biex jiġu protetti t-tfal Ewropej online qed jiżdiedu, u l-iżgurar li l-ġenerazzjoni li jmiss tiġi protetta effettivament jirrikjedi persunal adegwat, speċjalment biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-infurzar rapidu li se jkun meħtieġ mill-istrument leġiżlattiv il-ġdid bil-ħsieb li t-tfal jiġu protetti b'mod adegwat u rapidu.

L-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament huma stmati li jeħtieġu total ta' 85 FTE. Il-livelli tal-persunal proposti huma proporzjonali għall-volum u għall-kumplessità tar-responsabbiltajiet il-ġodda u jirriflettu l-aktar alternattiva kosteffiċjenti, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjoni fil-livell nazzjonali.

Sabiex jiġi żgurat li dawn ir-riżorsi jkunu disponibbli, il-Kummissjoni se tirrialloka 45 FTE. Barra minn hekk, sabiex tikkomplementa l-bżonnijiet tar-riżorsi u tissodisfa l-kompiti superviżorji ġodda sinifikanti taħt dan l-istrument, il-Kummissjoni se tirrikjedi 40 FTE ta' persunal ġdid.

Għall-finanzjament tas-superviżjoni tar-regoli skont dan l-istrument, il-Kummissjoni se tiddependi fuq "pagament supplimentari" għat-tariffa superviżorja eżistenti skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, li se jkollha titħallas minn dawk il-fornituri fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid li huma ddeżinjati bħala VLOP skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Bħall-Att dwar is-Servizzi Diġitali, din il-proposta leġiżlattiva tissodisfa t-tliet rekwiżiti kumulattivi għad-dipendenza fuq tariffa:

— Qed jiġi pprovdut servizz: Is-servizz jikkonċerna s-superviżjoni tal-attivitajiet, jiġifieri s-superviżjoni tal-konformità mar-Regolament. Is-superviżjoni għandha benefiċċji tanġibbli ta' konformità għall-entitajiet affettwati. Pereżempju, meta tali fornituri jkunu jistgħu juru li huma servizz adattat għat-tfal, huma jistgħu jagħtu aċċess ukoll lil minorenni taħt 13-il sena permezz ta' kontijiet li jinħolqu u jiġu supervizzati mill-kustodju tagħhom. Il-kostijiet relatati mal-forniment tas-servizz jinkludu l-kostijiet tal-għodod tal-IT, il-kostijiet tal-persunal, u kostijiet amministrattivi oħrajn.

— Is-servizz jiġi riċevut individwalment minn dawk li jħallsu l-kontribuzzjoni: Is-servizz jipprovdi benefiċċji diretti għall-entitajiet li jintalbu jħallsu t-tariffa. Billi jgħaddu mis-servizzi ta' superviżjoni previsti fil-proposta, il-fornituri jistgħu jagħtu prova affidabbli li qed joffru servizz li huwa sikur għall-minorenni. Il-pagament supplimentari fuq it-tariffa superviżorja tad-DSA skont dan l-istrument se titħallas biss minn dawk l-entitajiet li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument il-ġdid u, bis-saħħa tad-deżinjazzjoni tagħhom bħala VLOPs jew VLOSE skont id-DSA, jaqgħu taħt is-superviżjoni diretta tal-Kummissjoni.

— Livell proporzjonat tat-tariffa: Skont il-prattika stabbilita skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-livell tat-tariffa (u l-pagament supplimentari tagħha) se jiġi stabbilit kull sena u, fil-volum, se jitfassal speċifikament għall-entità individwali taħt superviżjoni bl-użu ta' formula li tqis l-għadd ta' utenti tas-servizz u jista' u jkun limitat għal livell tal-profitt dinji tal-fornitur tas-servizz fis-sena finanzjarja preċedenti. Il-massimu tal-pagament supplimentari għall-attivitajiet superviżorji fil-kamp ta' dan l-istrument il-ġdid għal fornitur speċifiku ta' pjattaforma online kbira ħafna jew magna tat-tiftix kbira ħafna huwa limitat għal 0,03 % tal-introjtu nett annwali dinji tiegħu fis-sena finanzjarja preċedenti.

Bħal fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, dan l-istrument jikkostitwixxi każ fejn in-natura permanenti tad-dħul u n-natura permanenti tal-kompiti mwettqa bi skambju għat-tariffa jistgħu jiġu żgurati. It-tariffa superviżorja tad-DSA ilha tinġabar mill-2024. S'issa, dan ammonta għal bejn EUR 40 u 60 miljun fis-sena, b'varjazzjonijiet żgħar spjegati minn bidliet fil-kostijiet tas-superviżjoni mistennija għas-sena ta' wara. Il-pula ta' VLOPSEs (> 45 miljun utent attiv fix-xahar), kompliet tikber aktar milli tiċkien hekk kif aktar servizzi jaqbżu s-soll tan-numru ta' utenti. Il-bażi tad-dħul sottostanti tat-tariffa l-ġdida tista' għalhekk titqies stabbli, peress li s-servizzi b' > 45

miljun utent attiv fix-xahar x'aktarx li ma jitilfux malajr in-numri tal-utenti u jitneħħew mis-superviżjoni tal-Kummissjoni.

In-natura permanenti tat-tariffa tad-DSA, flimkien mal-permanenza u s-sinifikat tal-kompiti superviżorji tal-Kummissjoni rigward is-sikurezza u l-affidabbiltà tal-pjattaformi online inkluż għas-salvagwardja tat-tfal online, tagħmel id-DSA u l-istrument attwali eżempju xieraq ta' qasam li fih it-tariffa sottostanti tista' tiffinanzja pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

L-attivitajiet proposti fir-Regolament jinvolvu lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali biex iwettqu attivitajiet superviżorji. Il-Kummissjoni se jkollha tiżgura li tali attivitajiet ikollhom biżżejjed persunal, kif ukoll li tkun lesta tħejji atti delegati u ta' implimentazzjoni, dokumenti ta' gwida, segretarjat tal-komitoloġija, inkluż il-monitoraġġ skont il-KPIs u l-istadji importanti stabbiliti. Dan jippermetti li jiġu identifikati fil-pront kwistjonijiet u riskji possibbli fl-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tagħha.

Barra minn hekk, għad-dħul li jirriżulta mit-tariffa superviżorja, ir-Regolament se jipprevedi obbligi ta' rapportar regolari għall-Kummissjoni fir-rigward tal-kostijiet imġarrba u d-dħul miġbur.

Madankollu, għandu jiġi indikat li se jkun hemm distakk inevitabbli bejn il-ħtieġa minn qabel għar-riżorsi umani u l-kontribuzzjoni finanzjarja li toriġina mit-tariffa superviżorja li ssir disponibbli biss wara li r-Regolament ikun daħal fis-seħħ u titħallas it-tariffa.

Din id-diskrepanza toħloq riskju kritiku għall-implimentazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, peress li r-riżorsi meħtieġa ma jkunux disponibbli meta jkunu meħtieġa, jiġifieri mill-mument tad-dħul fis-seħħ. L-aspettattivi politiċi u pubbliċi għal superviżjoni u infurzar effettivi biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament huma għoljin, u l-Kummissjoni se jkollha turi b'mod konvinċenti li hija kapaċi trażżan l-imġiba u timponi bidliet fejn meħtieġ.

Għalhekk huwa importantissimu li jiġi mminimizzat ir-riskju mid-distakk bejn il-ħtieġa minn qabel għar-riżorsi umani u l-kontribuzzjoni finanzjarja li toriġina mit-tariffa oriġinali u li jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha r-riżorsi adegwati biex tinforza l-inizjattiva l-ġdida mill-ewwel jum tad-dħul fis-seħħ. Ir-rilokazzjoni tal-persunal eżistenti għal partijiet tal-attivitajiet superviżorji taħt din l-inizjattiva l-ġdida hija strateġija kruċjali ta' mitigazzjoni f'dan ir-rigward.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Il-kost tal-kontrolli għal din l-inizjattiva ġie stmat fil-livell tal-Kummissjoni. Is-sors ta' din l-informazzjoni huwa s-sistema interna ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Kummissjoni. Il-kostijiet ġew stmati abbażi tal-persunal u tar-riżorsi ddedikati għall-attivitajiet previsti bħala parti minn din l-inizjattiva. Il-kostijiet totali mistennija għal tali kontrolli jistgħu jkunu relattivament għoljin minħabba l-kumplessità tal-attivitajiet proposti u l-ħtieġa ta' riżorsi dedikati biex jiġu mmitigati r-riskji ta' eżekuzzjoni. L-intensità tal-kontroll se tiġi adattata għan-natura tan-nefqa, għat-tip

ta’ benefiċjarji jew ta’ kuntratturi previsti, għall-ammont ta’ riżorsi finanzjarji kkonċernati, u għal-livell ta’ riskju.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Il-miżuri eżistenti għall-prevenzjoni tal-frodi applikabbli għall-Kummissjoni se jkopru l-approprjazzjonijiet addizzjonali meħtieġa għal dan ir-Regolament. Barra minn hekk, dan ir-Regolament se jipprevedi rapportar regolari dwar il-kostijiet imġarrba u d-dħul miġbur mit-tariffa superviżorja u l-mekkaniżmi biex jiġi aġġustat il-livell tat-tariffi għall-kostijiet imġarrba.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

L-impatt stmat fuq in-nefqa u l-persunal għall-2028 u lil hinn jiżdied għal skopijiet illustrattivi biss u ma jippreġudikax il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Is-sors ta' finanzjament u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn finanzjarju tal-Unjoni fil-perjodu ta' wara l-2027 jibqgħu soġġetti għall-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-QFP 2028-2034 u wara dan għandhom jiġu determinati permezz tal-proċedura baġitarja annwali. L-approprjazzjonijiet u l-allokazzjonijiet tal-persunal kollha mill-2028 huma indikattivi.

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff[12].	mill-pajjiżi tal-EFTA[13]	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[14]	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	02 20 03 05 L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) — Superviżjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna	Diff.	LE	LE	LE	IVA

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor

[12] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[13] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[14] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	

DĠ CONNECT			Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Tariffa tad-DSA	Impenji	(1a)	7,700	5,700	5,700	5,700	5,700	5,700	5,700	**41,900**
	Pagamenti	(2 a)	5,700	5,700	7,700	5,700	5,700	5,700	5,700	**41,900**
Linja bażitarja	Impenji	(1b)								**0**
	Pagamenti	(2b)								**0**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[15]										
Linja bażitarja		(3)								**0**

[15] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL tal-approprjazzjonijiet ġħad-DĠ CONNECT	Impenji	=1a+1b+3	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
	Pagamenti	=2 a+2b+3	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

			Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	7,700	5,700	5,700	5,700	5,700	5,700	5,700	**41,900**
	Pagamenti	(5)	5,700	5,700	7,700	5,700	5,700	5,700	5,700	**41,900**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0	0	0	0	0	0	0	**0**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	7,700	5,700	5,700	5,700	5,700	5,700	5,700	**41,900**
	Pagamenti	=5+6	5,700	5,700	7,700	5,700	5,700	5,700	5,700	**41,900**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	4	"Nefqa amministrattiva"[16]

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

DĠ CONNECT	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
•Riżorsi umani	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	**14,140**
•Nefqa amministrattiva oħra	0	0	0	0	0	0	0	**0**

[16] Jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet meħtieġa jiġu ddeterminati billi jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

TOTAL DĠ CONNECT	Approprjazzjonijiet	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	**14,140**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**14,140**

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028-2034**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4	Impenji	**9,720**	**7,720**	**7,720**	**7,720**	**7,720**	**7,720**	**7,720**	**56,040**
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	**7,720**	**7,720**	**9,720**	**7,720**	**7,720**	**7,720**	**7,720**	**56,040**

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ⇩			Sena **2028**		Sena **2029**		Sena **2030**		Sena **2031**		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsima 1.6)						**TOTAL**	
	OUTPUTS																	
	Tip[17]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali

[17] L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[18]…																				
- Output																				
- Output																				
- Output																				
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																				
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																				
- Output																				
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																				
TOTALI																				

[18] Kif deskritt fit-Taqsima 1.3.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi”

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ✠ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2028 - 2034**
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	**14,140**
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**14,140**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,525	0,525	0,525	0,525	0,525	0,525	0,525	**3,675**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**0,525**	**0,525**	**0,525**	**0,525**	**0,525**	**0,525**	**0,525**	**3,675**
TOTAL	**2,545**	**2,545**	**2,545**	**2,545**	**2,545**	**2,545**	**2,545**	**17,815**

3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern

DHUL ASSENJAT ESTERN	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2028 - 2034**
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	10,175	10,175	10,175	10,175	10,175	10,175	10,175	**71,228**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**71,228**
TOTAL	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**10,175**	**71,228**

3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet

TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DHUL ASSENJAT ESTERN	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL 2028 - 2034**
INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	2,020	**14,140**

Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**2,020**	**14,140**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Riżorsi umani	10,700	10,700	10,700	10,700	10,700	10,700	10,700	**74,903**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	**0,000**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**10,700**	**10,700**	**10,700**	**10,700**	**10,700**	**10,700**	**10,700**	**77,903**
TOTAL	**12,720**	**12,720**	**12,720**	**12,720**	**12,720**	**12,720**	**12,720**	**89,043**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti parzjalment mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien ma' kwalunkwe riżorsa addizzjonali li tista' titħallas mit-tariffa tad-DSA bħala dħul assenjat estern u rikors limitat għall-baġit amministrattiv.

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs)[19]

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	5	5	5	5	5	5	5
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0	0	0	0
• Persunal estern (f'FTEs)							
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")	10	10	10	10	10	10	10
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv • fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY] • fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) — Intestatura 4	0	0	0	0	0	0	0

[19] Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

Linji bażitarji oħrajn (uffiċċju għall-IA) — Barra mill-Intestatura 4	5	5	5	5	5	5	5
TOTAL	**20**	**20**	**20**	**20**	**20**	**20**	**20**

3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern

DHUL ASSENJAT ESTERN	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji bażitarji oħrajn (tariffa tad-DSA)	15	15	15	15	15	15	15
• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time)							
20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")	0	0	0	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv • fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY] • fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji bażitarji oħra (speċifika) — Intestatura 4	0	0	0	0	0	0	0
Linji bażitarji oħrajn (tariffa tad-DSA) — Barra mill-Intestatura 4	50	50	50	50	50	50	50
TOTAL	**65**	**65**	**65**	**65**	**65**	**65**	**65**

3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani

TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DHUL ASSENJAT ESTERN	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	5	5	5	5	5	5	5
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka indiretta)	0	0	0	0	0	0	0
(Riċerka diretta)	0	0	0	0	0	0	0
Linji bażitarji oħrajn (tariffa tad-DSA)	15	15	15	15	15	15	15
• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time)							

20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali")		10	10	10	10	10	10	10
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)		0	0	0	0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv	• fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0	0	0	0
[XX.01.YY.YY]	• fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0	0	0
(AC, END — Riċerka diretta)		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) — Intestatura 4		0	0	0	0	0	0	0
Linji baġitarji oħrajn (Tieqa diġitali tal-FEK — linja ta' appoġġ amministrattiv u tariffa tad-DSA) — Barra mill-Intestatura 4		55	55	55	55	55	55	55
TOTAL		**85**	**85**	**85**	**85**	**85**	**85**	**85**

Riallokazzjoni interna possibbli fi ħdan il-Kummissjoni mhijiex biżżejjed għal raġunijiet debitament sostanzjati. Il-proposta għalhekk teħtieġ riżorsi umani addizzjonali fid-DĠ CONNECT. Il-finanzjament ta' dawn ir-riżorsi addizzjonali se jkun prinċipalment it-tariffa tad-DSA bħala dħul assenjat estern, b'rikors limitat għall-baġit amministrattiv.

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

	Riallokat internament		**Persunal addizzjonali eċċezzjonali**		
	Fid-DĠs tal-implimentazzjoni*	**Eċċezzjonalment, mill-grupp ta' riallokazzjoni tal-Kummissjoni wara orjentazzjoni mis-CMB****	**Għandu jiġi ffinanzjat mill-Intestatura 7*** / Riċerka**	**Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA**	**Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi**
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	5				15
Persunal estern (CA, SNEs, INT)	35 (diġà ffinanzjat taħt it-tariffa tad-DSA) 5 (Uffiċċju għall-IA)	10			15
Total	45	10			30

L-iskala, is-sinifikat u l-ħeffa meħtieġa ta' kompiti superviżorji ġodda fdati lill-Kummissjoni Ewropea huma aktar minn dak li jista' jiġi kopert mir-riżorsi umani eżistenti u r-rilokazzjonijiet interni fi ħdan il-Kummissjoni.

Meta mqabbel mal-oqfsa ta' infurzar eżistenti skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar l-IA, dan l-istrument iqiegħed għadd ta' kompiti superviżorji ġodda f'idejn il-Kummissjoni — fuq nett l-

infurzar tal-aċċess diferit tal-minorenni għas-servizzi ta' networking soċjali u għall-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing iżda wkoll elementi importanti bħas-superviżjoni tar-rekwiżiti ta' sikurezza sa mill-konċepiment li għandhom jiġu implimentati mill-forniturі tas-servizzi tan-networks soċjali online, tas-servizzi tal-pjattaformi ta' video-sharing kif ukoll tal-IA ħbieb u taċ-chatbots tal-konverżazzjoni ġenerali, meta dawn jaqgħu taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni.

L-infurzar ta' dawn ir-regoli l-ġodda huwa ta' sinifikat soċjali eċċezzjonalment għoli peress li huma disinjati biex jissalvagwardjaw uħud mill-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà: it-tfal. L-evidenza sottostanti turi r-riskji sinifikanti għall-iżvilupp u għas-saħħa li t-tfal huma esposti għalihom online. Dawn ir-riskji jeħtieġu r-regoli l-ġodda u jrendu l-infurzar tagħhom kompitu tal-ogħla sinifikat għas-soċjetà. L-aspettattivi politiċi u pubbliċi, inkluż mill-Istati Membri, għal superviżjoni u infurzar effettivi biex jiġu protetti l-minorenni online huma għoljin, u l-Kummissjoni se jkollha turi b'mod konvinċenti li hija kapaċi tikkontrolla l-imġiba dannuża.

Minħabba r-riskju akbar li t-tfal jiffaċċjaw online, dan l-istrument jipprevedi perkors ta' infurzar rapidu, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta sejbiet preliminari fi żmien 30 jum tax-xogħol u deċiżjoni finali fi żmien 90 jum tax-xogħol. Dawn il-kronoloġiji għall-infurzar huma bla preċedent. Il-Kummissjoni se tkun meħtieġa tinforza r-regoli l-ġodda ta' dan l-istrument mhux biss b'mod rapidu, iżda wkoll lejn l-akbar u l-aktar kumpaniji b'ħafna riżorsi fid-dinja f'ambjent kontenzjuż ħafna.

Kollox ma' kollox, dawn il-fatturi jagħmluha impossibbli li wieħed jiddependi purament fuq riżorsi umani eżistenti u rilokazzjonijiet interni.

Il-persunal addizzjonali mitlub iwassal għal żieda fil-livelli awtorizzati tal-persunal skont id-DSA b' 30 FTE (15 permanenti u 15 mhux permanenti), iffinanzjati mit-tariffa tad-DSA (dħul assenjat estern). Barra minn hekk, 10 FTE ta' persunal mhux permanenti jiġu rilokati fi ħdan il-Kummissjoni biex jissaħħu l-livelli tal-persunal tal-Uffiċċju tal-IA.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	• Il-monitoraġġ, is-superviżjoni u s-sorveljanza ta' kuljum għall-VLOPSEs jew għall-IA ħbieb u chatbots taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni li jittrattaw b'mod partikolari: • Il-monitoraġġ tal-imġiba tal-forniturі, inkluż analiżi regolari u kontinwa, inkluż rieżami tar-rapporti dwar l-effettività tal-miżuri, rieżami regolari tad-dokumenti ta' trasparenza prodotti permezz tad-DSA jew l-istrument il-ġdid, eż. rapporti ta' trasparenza, valutazzjonijiet tar-riskju, talbiet għal aċċess għad-data, eċċ., u talbiet għal aċċess għad-data/algoritmi, testjar u appoġġ għall-analiżi • Ħidma kontinwa fuq l-aċċertament tal-età inkluż ħidma kontinwa fuq il-Blueprint tal-UE għall-Verifika tal-Età u fuq l-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, il-valutazzjoni ta' soluzzjonijiet alternattivi għall-verifika tal-età u għall-aċċertament tal-età, il-ħidma fuq standards tekniċi, il-ħidma mal-Istati Membri fuq arkitetturi tal-identità u tal-kredenzjali, u l-iżvilupp tal-governanza ta' emittenti fdati u partijiet dipendenti. • L-implimentazzjoni tas-Sistema tal-UE għall-Verifika tal-Età, inkluża l-valutazzjoni tal-konformità tal-forniturі kandidati ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età u tal-forniturі kandidati ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE u l-ġestjoni tal-infrastruttura relatata magħha. • Koordinazzjoni/kooperazzjoni mal-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali (DSCs)/mal-Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq (MSAs), mal-Bord tas-Servizzi Diġitali jew tal-IA u mal-SICs • Operazzjoni ta' kapaċità ta' kriżi 24/7 • Riċerka u prospettiva biex inżommu ruħna aġġornati mal-iżviluppi volatili ħafna u nkunu konxji tal-impatti varjanti fuq is-soċjetà, eż. relatati mal-

	minorenni u s-saħħa • Proċedimenti ta’ infurzar u superviżjoni tar-rimedji: • Proċeduri mħaffa biex tittieħed azzjoni rapida f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità, inkluż it-teħid ta’ passi investigattivi bħal talbiet għal informazzjoni, intervisti, analiżi tal-algoritmi, spezzjonijiet, analiżi tal-impenji, valutazzjoni tal-pjanijiet ta’ azzjoni • Koordinazzjoni ma’ DSCs/MSAs dwar passi investigattivi, eż. ħidma ma’ DSCs/MSAs dwar investigazzjonijiet, valutazzjoni ta’ DSCs/MSAs talbiet motivati għal azzjoni, konsultazzjoni/kondiviżjoni ta’ informazzjoni fi ħdan il-Bord • Appoġġ għall-kooperazzjoni u l-infurzar transfruntieri ġenerali, inkluż: • Valutazzjoni tal-miżuri tad-DSCs/tal-MSAs dwar is-servizzi/is-sistemi taħt ir-responsabbiltajiet tagħhom • Appoġġ lill-Bord, inkluż it-tħejjija tal-aġenda tal-laqgħat, l-organizzazzjoni tal-gruppi ta’ ħidma u l-abbozzi tad-dokumenti • Miżuri regolatorji oħrajn • L-adozzjoni ta’ atti delegati u ta’ implimentazzjoni kif ukoll dokumenti ta’ gwida (inklużi atti/gwida addizzjonali mitluba mir-Rapport tal-PE); • Kodiċijiet ta’ kondotta u standardizzazzjoni • Miżuri ta’ sostenn • Appoġġ lill-Istati Membri fil-promozzjoni u t-teħid ta’ miżuri għall-iżvilupp ta’ ħiliet fil-litteriżmu diġitali u fl-iżvilupp ta’ kanali ta’ assistenza, f’konformità mal-Artikolu 32 tal-istrument leġiżlattiv il-ġdid • Faċilitar tal-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż dwar l-iżvilupp ta’ ħiliet fil-litteriżmu diġitali, kanali u applikazzjonijiet ta’ appoġġ nazzjonali — u ħruġ ta’ linji gwida. • Sensibilizzazzjoni u interazzjoni internazzjonali ma’ regolaturi/awtoritajiet tal-infurzar ta’ pajjiżi terzi.
Persunal estern	• Kontribut għall-ġestjoni tal-attivitajiet ta’ implimentazzjoni u infurzar • Appoġġ għall-kompiti relatati mad-dokumenti b’appoġġ għat-timijiet fuq il-każijiet, inkluż billi jiġu żgurati l-preżentazzjoni u l-konsistenza dovuti mal-prinċipji proċedurali u t-tempestività • Tħejjija tal-korrispondenza mal-entitajiet taħt superviżjoni u tħejjija tal-aċċess għall-fajls tal-każijiet • Riċerka u analiżi kuntestwali

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta’ hawn taħt jenħtieġ li tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B’mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-approprjazzjonijiet skont l-Intestatura 4 jenħtieġ li jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 3 jenħtieġ li jiġu riflessi bħala “Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta’ programmi operazzjonali”. Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-

xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella jenħtieġ li tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	**TOTAL QFP 2028 - 2034**
INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal tal-INTESTATURA 4	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
Barra mill-INTESTATURA 4								
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 4	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**
TOTAL	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								

TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☒ fuq dħul ieħor (assenjat)

  – ☐ indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[20]						
		Sena **2028**	Sena **2029**	Sena **2030**	Sena **2031**	Sena **2032**	Sena **2033**	Sena **2034**
02 20 03 05		17,875	15,875	15,875	15,875	15,875	15,875	15,875

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

02 20 03 05 L-att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) — Superviżjoni ta' pjattaformi online kbar ħafna Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

Għall-konformità ma' dan ir-Regolament, il-fornituri tas-servizzi u s-sistemi diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni jridu jiddeterminaw l-età tar-riċevituri tas-servizz jew tal-utent tas-sistema skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu V. Partikolarment, l-implimentazzjoni tal-"aċċess diferit" jeħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' network soċjali u ta' pjattaforma ta' video-sharing idaħħlu soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età robusti u effettivi, li jkunu bbażati fuq il-blueprint tal-UE għall-verifika tal-età, ipprovduta mill-Kummissjoni. L-Istati Membri u/jew l-entitajiet privati jistgħu jużawha bħala app awtonoma jew bħala parti minn kartiera diġitali. Din is-soluzzjoni hija faċli għall-utent, sigura u tippreserva l-privatezza kompletament. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-obbligi tas-sikurezza sa mill-konċepiment, is-soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età, minbarra l-verifika tal-età tal-UE, jistgħu jintużaw ukoll għall-konformità mar-Regolament, dment li jissodisfaw ċerti kriterji. Sabiex dan jaħdem fil-prattika, huwa importanti li jkun hemm fis-seħħ soluzzjonijiet ta' verifika tal-età u ta' aċċertament tal-età li jipprovdu livell għoli ta' akkuratezza, affidabbiltà, sigurtà, robustezza, nonintrużività, privatezza u protezzjoni tad-data u

[20] F'każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 10 % għall-kostijiet tal-ġbir, kif propost f'COM(2025)574.

nondiskriminazzjoni. Soluzzjonijiet kummerċjali huma diġà fis-suq biex tiġi determinata l-età ta' riċevitur tas-servizz, u sakemm jipprovdu livell suffiċjenti ta' protezzjoni jistgħu jintużaw skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Barra minn hekk, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1035, il-Kummissjoni qed tiżviluppa Skema tal-UE għall-Verifika tal-Età, li tikkonsisti mir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-mudell ta' fiduċja, il-governanza u r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfati mill-fornituri tal-attestazzjoni ta' prova tal-età u s-soluzzjonijiet għall-verifika tal-età. L-entitajiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età qabel ma s-soluzzjonijiet u l-fornituri tal-attestazzjoni ta' prova tal-età tagħhom rispettivament ikunu jistgħu jiżdiedu mal-lista tal-UE tas-soluzzjonijiet ta' fiduċja. Bl-istess mod, il-fornituri tal-attestazzjoni ta' prova tal-età għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età qabel ma tiżdied fil-lista tal-UE ta' fornituri ta' fiduċja ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età. L-iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età se teħtieġ li l-manutenzjoni u l-operazzjonijiet tagħha jiġu appoġġati fuq terminu medju u twil.

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Huwa f'dan l-isfond li r-rekwiżiti li ġejjin huma stabbiliti fir-Regolament:

Rekwiżit 1 (R1): il-fornituri ta' servizzi soġġetti għal aċċess diferit huma meħtieġa jipproponu lir-riċevituri tas-servizzi tagħhom u lill-utenti tas-sistemi biex jagħtu prova tal-età tagħhom b'soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età bl-użu ta' attestazzjoni ta' prova tal-età tal-UE jew soluzzjonijiet oħra kif imsemmi fil-paragrafu 2(a) u 2(b) tal-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament.

Rekwiżit 2 (R2): il-fornituri soġġetti għall-obbligi tas-sikurezza sa mill-konċepiment u l-fornituri ta' ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jistgħu jużaw soluzzjonijiet ta' aċċertament tal-età għajr soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età tal-UE dment li jipprovdu livell għoli ta' akkuratezza, affidabbiltà, sigurtà, robustezza, nonintrużività, privatezza u protezzjoni tad-data, u nondiskriminazzjoni.

Rekwiżit 3 (R3): il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkopru l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti u l-operat tal-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, u lista ta' emittenti ta' attestazzjonijiet ta' prova tal-età tal-UE u lista ta' soluzzjonijiet tal-UE għall-verifika tal-età.

Kif imsemmi hawn fuq, għall-finijiet ta' R1 u R2, il-Kummissjoni diġà stabbiliet il-Blueprint tal-UE għall-Verifika tal-Età, li issa jirrikjedi li jintuża mill-Istati Membri jew minn kumpaniji privati. Għall-finijiet ta' R3, il-Kummissjoni diġà qed tistabbilixxi l-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età kif ukoll iż-żewġ listi.

Għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli, se tintuża AGORA li hija sistema sigura ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni biex tappoġġa l-komunikazzjonijiet bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali (DSCs) fl-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Bord Ewropew għas-Servizzi Diġitali (magħmul mid-DSC). Il-Kummissjoni, id-DSCs u l-Bord jużaw AGORA għall-komunikazzjonijiet kollha relatati mal-infurzar tad-DSA. Din is-sistema diġà hija stabbilita u issa se tintuża wkoll għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, li potenzjalment ikun jeħtieġ aktar onboarding tal-awtoritajiet fis-sistema, għalkemm tali onboarding addizzjonali x'aktarx li jkun limitat peress li l-awtoritajiet rilevanti huma fil-biċċa l-kbira diġà onboarded. Għalhekk, dan mhux se jiġi indirizzat aktar f'din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva. L-istess japplika

fir-rigward tas-superviżjoni u l-infurzar tal-IA ħbieb u ċ-chatbots li se jiddependu fuq l-istrutturi, il-qafas ta' infurzar u s-sistema ta' skambju ta' informazzjoni li diġà hija stabbilita skont l-Att dwar l-IA.

4.2. Data

Is-soluzzjoni tal-UE għall-verifika tal-età hija soluzzjoni li tippreserva l-privatezza, timminimizza d-data, mhijiex traċċabbli, ma tistax tiġi llinkjata u hija double-blind imfassla biex iżżomm għal minimu assolut neċessarju l-proċessar ta' data personali. F'ħafna każijiet l-età ta' persuna tista' tiġi vverifikata abbażi tad-data eżistenti disponibbli għall-emittent tal-attestazzjoni ta' prova tal-età. Il-produzzjoni tal-attestazzjoni ta' prova tal-età tinvolvi l-proċessar ta' data personali ta' persuni li jeħtieġ li jagħtu prova tal-età tagħhom għal servizzi online. Dan il-proċessar tad-data jsir separatament mill-aċċess tal-persuna għal tali servizzi online. Is-servizz online nnifsu ma jirċievi l-ebda informazzjoni personali dwar l-utent bħala riżultat tal-proċess ta' verifika tal-età, ħlief il-prova li l-persuna qabżet l-età meħtieġa. Dan il-proċessar tad-data jippreserva kompletament il-privatezza u juża l-aħħar teknoloġija biex jiżgura konformità sħiħa mal-istandards tal-protezzjoni tad-data. It-teknoloġija tiġi aġġornata regolarment biex tinżamm il-karattru sigur u li jippreserva l-privatezza tagħha. https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age/european-data-strategy_en

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

L-iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età hija sett ta' rekwiżiti tekniċi b'sors miftuħ li jistgħu jintużaw biex tiġi ppubblikata applikazzjoni awtonoma mobbli għall-verifika tal-età. Hija disponibbli kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-atturi privati biex jiżviluppaw soluzzjoni ta' verifika tal-età.

Is-soluzzjoni tippermetti lill-individwi jagħtu prova lis-servizzi u s-sistemi diġitali li jirrikjedu verifika tal-età li għandhom età biżżejjed mingħajr ma jikkondividu l-identità, l-età eżatta, id-data tat-twelid, jew informazzjoni personali oħra tagħhom. Din is-soluzzjoni diġitali tappoġġa r-rekwiżiti diġitali R1 u R2 u hija marbuta indirettament ma' R3, billi tippreżenta attestazzjoni ta' provi tal-età, li jagħtu prova li l-individwi huma (jew mhumiex) ogħla minn ċerta età.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Is-soluzzjoni Ewropea ta' verifika tal-età hija teknikament interoperabbli mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif speċifikat fir-Regolament (UE) 910//2014 li jistabbilixxi l-Qafas Ewropew għall-Identità Diġitali. L-attestazzjoni ta' prova tal-età tinħareġ bħala attestazzjoni elettronika tal-attributi kif stabbilit fl-Artikolu 3(44) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Dan jiżgura li s-soluzzjonijiet ta' verifika tal-età u l-forniturі tal-attestazzjoni ta' prova tal-età tagħhom jipprovdu lir-riċevituri (potenzjali) tas-servizz b' attestazzjonijiet ta' prova tal-età li jistgħu jintużaw fis-servizzi diġitali u fl-Istati Membri kollha.

Għalhekk, l-ispeċifiċitajiet ewlenin tas-soluzzjonijiet ta' verifika tal-età jippermettu interoperabbiltà bla xkiel fis-servizzi diġitali għar-riċevituri potenzjali tas-servizzi diġitali biex jagħtu prova tal-età tagħhom.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Kif imsemmi fit-Taqsima 4.1, il-Kummissjoni diġà tinsab fi stadju avvanzat biex tappoġġa l-implimentazzjoni diġitali ta' dan ir-Regolament, permezz tal-pubblikazzjoni tal-blueprint tal-UE u l-ħidma li għaddejja fuq l-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età. Dan għandu jippermetti li l-infrastruttura u s-sistema jkunu fis-seħħ fil-mument tad-dħul fis-seħħ.

Biex tiżgura l-użu mill-pubbliku, iżda wkoll biex tippermetti feedback u aġġornament kostanti mill-pubbliku, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ir-rekwiżiti tekniċi meħtieġa biex jinbnew soluzzjonijiet tal-UE għall-Verifika tal-Età. Il-proġett huwa sors miftuħ u l-informazzjoni kollha hija disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web *ageverification.dev*. Dan is-sit web u l-infrastruttura tat-testjar tal-IT assoċjata miegħu se jeħtieġu manutenzjoni u operazzjonijiet kontinwi. Barra minn hekk, il-ħidma li għaddejja fuq l-Iskema tal-UE għall-Verifika tal-Età, għandha tissimplifika ix-xogħol fuq l-atti ta' implimentazzjoni biex tirfed din il-ħidma, peress li se tkun ibbażata fuq il-prattika eżistenti. Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni madwar iż-żmien tad-dħul fis-seħħ se jkunu kruċjali, mhux biss biex jappoġġaw l-adozzjoni wiesgħa mill-pubbliku, iżda wkoll biex itaffu l-preokkupazzjonijiet relatati mal-privatezza u l-użu.